Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B IR-REGOLAMENT (KE) Nru 1774/2002 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Ottubru 2002

li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman

(ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 808/2003 tat-12 ta' Mejju 2003	L 117	1	13.5.2003
►M2	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (EEC) Nru 668/2004 ta' l-10 ta' Marzu 2004	L 112	1	19.4.2004
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 92/2005 tad-19 ta' Jannar 2005	L 275M	67	6.10.2006
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 93/2005 tad-19 ta' Jannar 2005	L 275M	74	6.10.2006
►M5	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 416/2005 tal-11 ta' Marzu 2005	L 275M	224	6.10.2006
►M6	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 181/2006 ta' l-1 ta' Settembru 2006	L 330M	77	28.11.2006
►M7	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 208/2006 tas-7 ta' Frar 2006	L 327M	553	17.3.2009
►M8	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2007/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006	L 314M	716	1.12.2007
►M9	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 829/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007	L 191	1	21.7.2007
►M10	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1432/2007 tal-5 ta' Diċembru 2007	L 320	13	6.12.2007
►M11	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 399/2008 tal-5 ta' Mejju 2008	L 118	12	6.5.2008
►M12	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 437/2008 tal-21 ta' Mejju 2008	L 132	7	22.5.2008
►M13	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 523/2008 tal-11 ta' Ġunju 2008	L 153	23	12.6.2008
►M14	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 777/2008 ta' l-4 ta' Awwissu 2008	L 207	9	5.8.2008
►M15	Regolament (KE) Nru 596/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009	L 188	14	18.7.2009
►M16	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 595/2010 tat-2 ta' Lulju 2010	L 173	1	8.7.2010
►M17	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 790/2010 tas-7 ta' Settembru 2010	L 237	1	8.9.2010

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 30, 3.2.2007, p. 3 (1774/2002)

►C2 Emendi, Ġ.U. L 71M, 17.3.2009, p. 344 (208/2006)

▼B

IR-REGOLAMENT (KE) Nru 1774/2002 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Ottubru 2002

li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, partikolarment l-Artikolu 152(4)(b) miġjub fih,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Huma u jaġixxu skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]), fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fit-12 ta' Settembru 2002.

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/667/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 li tippreskrivi r-regoli veterinarji għall-qerda u l-ipproċessar ta' rimi mill-annimali, għat-tqegħid tiegħu fis-suq u għall-prevenzjoni ta' patoġeni fl-għalf ta' oriġini mill-annimali jew mill-ħut u li jemenda d-Direttiva 90/425/KEE ([4]) stabbilixxiet il-prinċipju li r-rimi kollu mill-annimali, mingħajr ma jingħata kas ta' min fejn hu ġej, jista' jintuża għall-produzzjoni ta' materjal ta' l-għalf wara trattament xieraq.

(2) Il-Kumitat Direttiv Xjentifiku adotta numru ta' opinjonijiet mill-adozzjoni ta' dik id-Direttiva. Il-konklużjoni prinċipali tagħhom hija li prodotti sekondarji ta' l-annimali li jiġu minn annimali li mhumiex tajbin għall-konsum uman wara spezzjoni ta' saħħa m'għandhomx jidħlu fil-katina ta' l-ikel.

(3) Fid-dawl ta' dawk l-opinjonijiet xjentifiċi, distinzjoni għandha titfassal bejn il-miżuri li jridu jiġu implimentati, skond in-natura ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali użati. L-użu possibbli ta' ċerti materjali ta' l-annimali għandu jiġi limitat. Regoli għandhom jiġu preskritti għall-użu ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali oħra għajr għall-għalf u għar-rimi tagħhom.

([1]) ĠU C 96 E, tas-27.3.2001, p. 40.
([2]) ĠU C 193, ta' l-10.7.2001, p. 32.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2001 (ĠU C 53 E, tat-28.2.2002, p. 84), Pożizzjoni Komunital-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2001 (ĠU C 45 E, tad-19.2.2002, p. 70) u d-Deċiżjoni tal-ParlamentEwropew tat-13 ta' Marzu 2002 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Id-Deċiżjoni tal-ParlamentEwropew ta' l-24 ta' Settembru 2002 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002.
([4]) ĠU L 363, tas-27.12.1990, p. 51. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att tas-Sħubija ta' l-1994.

▼B

(4) Fid-dawl ta' l-esperjenza gwadanjata fi snin riċenti, huwa xieraq li tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn id-Direttiva 90/667/KEE u l-leġislazzjoni ambjentali Komunitarja. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-applikazzjoni ta' leġislazzjoni ambjentali eżistenti jew ifixkel l-iżvilupp ta' regoli ġodda dwar protezzjoni ambjentali, partikolarment rigward skart bijodegradabbli. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni intrabtet li sa l-aħħar tas-sena 2004 Direttiva dwar skart bijoloġiku, inkluż skart tal-bejgħ ta' l-ikel, se tiġi ppreparata bil-mira ta' stabbilizzazzjoni ta' regoli dwar użu bla periklu, irkupru, riċiklaġġ u rimi ta' dan l-iskart u ta' kontroll ta' kontaminazzjoni potenzjali.

(5) Il-Konferenza Xjentifika Internazzjonali dwar għalf midħun mil-laħam u l-għadam organizzata mill-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew, miżmuma fi Brussel fl-1 u fit-2 ta' Lulju 1997, fetħet dibattitu li jirrigwarda l-produzzjoni u t-tagħmir ta' ikel mil-laħam u mill-għadam. Il-Konferenza għajtet għal aktar riflessjoni dwar il-politika futura f'dan il-qasam. F'Novembru 1997, biex jinfetaħ id-dibattitu pubbliku l-aktar wiesa' possibbli dwar il-futur tal-leġislazzjoni ta' l-ikel tal-Komunità, il-Kummissjoni ffinalizzat studju ta' konsultazzjoni dwar għalf midħun mil-laħam u l-għadam. Wara dik il-konsultazzjoni, jidher li hemm għarfien ġenerali tal-ħtieġa li tiġi emendata d-Direttiva 90/667/KEE biex tiġi f'linja mat-tagħrif xjentifiku ġdid.

(6) Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2000 dwar il-BSE u s-sigurtà ta' l-għalf ta' l-annimali [1], sejjaħ għal projbizzjoni għall-użu ta' proteina ta' l-annimali fl-għalf sakemm jidħol fis-seħħ ir-Regolament preżenti.

(7) Parir xjentifiku jissuġġerixxi li l-prattika ta' l-għoti ta' l-għalf lil speċje ta' annimali bi proteini li joħorġu mill-iġsma, jew partijiet ta' iġsma, ta' l-istess speċje tippreżenta riskju ta' tixrid ta' mard. Bħala miżura prekawzjonali, din il-prattika għandha għalhekk tiġi pprojbita. Regoli ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati biex jiżguraw is-separazzjoni meħtieġa ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali ddestinati għall-użu fl-għalf f'kull stadju ta' l-ipproċessar, ħażna u trasport. Madankollu, għandu jkun hemm skop biex jiġu stabbiliti derogazzjonijiet minn din il-projbizzjoni ġenerali rigward il-ħut u annimali bil-pil jekk ikun iġġustifikat permezz ta' parir xjentifiku.

(8) Skart ta' l-ikel li jikkontjeni prodotti ta' oriġini mill-annimali jista' jkun ukoll vettoru għat-tixrid ta' mard. Kull skart ta' l-ikel iġġenerat minn mezzi ta' trasport li joperaw internazzjonalment għandu jintrema mingħajr periklu. Skart ta' l-ikel prodott fil-Komunità m'għandux jintuża bħala għalf għall-annimali f'irziezet oħra għajr għal annimali bil-pil.

[1] ĠU C 223, tat-8.8.2001, p. 281.

▼B

(9) Minn Ottubru 1996, l-Uffiċċju ta' l-Ikel u tal-Veterinarju tal-Kummissjoni (FVO) wettaq numru ta' spezzjonijiet fl-Istati Membri, biex tiġi stmata l-preżenza u t-tmexxija ta' fatturi ta' riskju prinċipali u proċeduri ta' sorveljanza rigward il-BSE. Parti mill-istima tkopri s-sistema ta' radd kummerċjali u metodi oħra ta' rimi ta' skart ta' l-annimali. Konklużjonijiet ġenerali u numru ta' rakkomandazzjonijiet tfasslu wara dawk l-ispezzjonijiet, b'referenza partikolari għat-traċċar ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali.

(10) Biex jiġi evitat kull riskju ta' tixrid ta' patoġeni u/jew residwi, prodotti sekondarji ta' l-annimali għandhom jiġu pproċessati, maħżuna u miżmuma separati f'impjant issorveljat u ddisinjat mill-Istat Membru kkonċernat jew mormi b'manjiera xierqa. F'ċerti ċirkostanzi, speċjalment meta jkun iġġustifikat permezz ta' distanza, ħin ta' trasport, jew problemi ta' kapaċità, l-impjant innominat ta' proċessar, inċineratur jew ko-inċineratur jistgħu jiġu lokati fi Stat Membru ieħor.

(11) Id-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2000 dwar l-inċinerazzjoni ta' skart [1] m'għandhiex tapplika għal impjanti ta' inċinerazzjoni jekk l-iskart trattat jikkonsisti biss minn karkassi ta' l-annimali. Huwa meħtieġ li jiġu preskritti ħtiġijiet minimi għal impjanti ta' inċinerazzjoni bħal dawn biex jiġu protetti s-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa pubblika. Sakemm ikun hemm adozzjoni ta' ħtiġijiet tal-Komunità, l-Istati Membri jistgħu jadottaw leġislazzjoni ambjentali għal impjanti bħal dawn. Ħtiġijiet anqas stretti għandhom japplikaw għal impjanti ta' inċinerazzjoni ta' kapaċità baxxa, bħal ma huma dawk lokati fuq irziezet u f'krematorji ta' l-annimali domestiċi, biex jiġi rifless ir-riskju aktar baxx ippreżentat mill-materjal ittrattat u biex jiġi evitat it-trasport mhux meħtieġ ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali.

(12) Regoli speċifiċi għandhom jiġu preskritti fuq kontrolli għal impjanti ta' l-ipproċessar, b'referenza partikolari għal proċeduri dettaljati għall-validazzjoni ta' metodi ta' l-ipproċessar u għas-sorveljanza tagħha infisha tal-produzzjoni.

(13) Derogazzjonijiet mir-regoli dwar l-użu ta' prodotti sekondarji ta' annimali jistgħu jkunu xierqa biex jiġi ffaċilitat l-għoti tat-tagħmir lill-annimali mhux iddestinati għall-konsum uman. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkontrollaw użu bħal dan.

[1] ĠU L 332, tat-28.12.2000, p. 91.

▼B

(14) Derogazzjonijiet jistgħu jkunu xierqa wkoll biex jippermettu r-rimi ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali fuq il-post f'ċirkostanzi kkontrollati. Il-Kummissjoni għandha tirċievi t-tagħrif meħtieġ biex tkun tista' timmonitorja s-sitwazzjoni u tippreskrivi regoli ta' implimentazzjoni jekk ikun xieraq.

(15) Spezzjonijiet tal-Komunità għandhom jitwettqu fl-Istati Membri biex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi tal-ħtiġijiet tas-saħħa. Spezzjonijiet bħal dawn għandhom jinkludu wkoll proċeduri ta' reviżjoni.

(16) Il-bażi ta' leġislazzjoni Komunitarja dwar kwistjonijiet ta' saħħa hija xjenza soda. Għal dan l-għan, il-kumitati xjentifiċi rilevanti mwaqqfa mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 97/404/KE ([1]) u 97/579/KE ([2]) għandhom jiġu kkonsultati kull fejn ikun meħtieġ. B'mod partikolari, aktar parir xjentifiku huwa meħtieġ dwar l-użu ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali f'fertilizzanti organiċi u prodotti li jtejbu l-ħamrija. Sakemm issir l-adozzjoni ta' regoli tal-Komunità fid-dawl ta' dan il-parir, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jadottaw regoli nazzjonali li huma aktar stretti minn dawk previsti f'dan ir-Regolament, basta iżda li dawn ir-regoli jikkonformaw ma' leġislazzjoni oħra Komunitarja applikabbli.

(17) Varjetà wiesgħa ta' approċċi teżisti fl-Istati Membri rigward l-appoġġ finanzjarju għall-ipproċessar, ġbir, ħażna u rimi ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali. Biex jiġu żgurati li l-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn prodotti agrikoli mhumiex affettwati, huwa meħtieġ li titwettaq analiżi u, jekk ikun meħtieġ, jittieħdu miżuri xierqa f'livell tal-Komunità.

(18) Fid-dawl ta' dan imsemmi fuq, reviżjoni fondamentali tar-regoli tal-Komunità applikabbli għal prodotti sekondarji ta' l-annimali jidher li huwa meħtieġ.

(19) Prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux destinati għall-konsum uman (b'mod partikolari proteina ta' l-annimali ipproċessata, xaħmijiet mirduda, ikel ta' l-annimali domestiċi, ġlud ta' barra u ġlud u suf) huma inklużi fil-lista ta' prodotti fl-Anness I mat-Trattat. It-tqegħid fis-suq ta' prodotti bħal dawn jikkostitwixxi sors importanti ta' dħul għal parti mill-popolazzjoni agrikola. Biex jiġi żgurat żvilupp razzjonali f'dan is-settur u tiżdied il-produttività, ir-regoli dwar is-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa pubblika għal dawn il-prodotti msemmija għandhom jiġu preskritti fil-livell Komunitarju. Meta jingħataw ir-riskji sinifikanti tal-firxa ta' mard għal liema huma esposti annimali, ħtiġijiet partikolari għandhom jgħoddu għat-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti sekondarji ta' l-annimali, partikolarment f'reġjuni bi stat għoli ta' saħħa.

([1]) ĠU L 169, tas-27.6.1997, p. 85. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2000/443/KE (ĠU L 179, tat-18.7.2000, p. 13).
([2]) ĠU L 237, tat-28.8.1997, p. 18. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2000/443/KE.

▼B

(20) Biex jiġi żgurat li prodotti importati minn pajjiżi terzi huma ta' livell stabbilit ta' iġjene li huwa għall-inqas ugwali jew ekwivalenti għal-livell stabbilit ta' iġjene applikat mill-Komunità, sistema ta' approvazzjoni għandha tiddaħħal għall-pajjiżi li mhumiex membri u l-istabbilimenti tagħhom, flimkien ma' proċedura ta' spezzjoni tal-Komunità biex jiġi żgurat li l-kondizzjonijiet għal approvazzjoni bħal din huma osservati. L-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ikel ta' annimali domestiċi u materja prima għall-ikel ta' annimali domestiċi jista' jseħħ bla ħsara għall-kondizzjonijiet differenti minn dawk applikabbli għall-materjal bħal dan prodott fil-Komunità, partikolarment rigward il-garanziji meħtieġa li jikkonċernaw ir-residwi ta' sustanzi projbiti skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni fuq l-użu f'biedja għat-trobbija ta' l-annimali ta' ċerti sustanzi li għandhom azzjoni ormonali jew tirostatika u ta' beta-agonisti u li tħassar Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE ([1]). Biex jiġi żgurat li ikel ta' annimali domestiċi u materja prima bħal dan huma użati biss għall-għan maħsub, huwa meħtieġ li jiġu preskritti miżuri ta' kontroll fuq importazzjoni ta' materjal kopert minn derogi bħal dawn.

(21) Prodotti sekondarji ta' l-annimali li jgħaddu mill-Komunità in transitu, u dawk li joriġinaw fil-Komunità u huma maħsuba għall-esportazzjoni, jistgħu joħolqu riskju għas-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa pubblika fil-Komunità. Ċertu ħtiġijiet preskritti minn dan ir-Regolament għandhom għalhekk japplikaw għall-movimenti bħal dawn.

(22) Id-dokument li jimxi ma' prodotti li joriġinaw mill-annimali huwa l-aħjar mod li bih tista' tiġi sodisfatta l-awtorità kompetenti tal-post ta' destinazzjoni li kunsinna tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jinżamm għall-għanijiet li tiġi vverifikata d-destinazzjoni ta' ċerti prodotti importati.

(23) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tippreskrivi l-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti li mhumiex soġġetti għall-ħtiġijiet imsemmija preskritti fir-regoli speċifiċi Komunitarji riferiti fl-Anness A(I) mad-Direttiva 89/662/KEE u, rigward il-patoġeni, mad-Direttiva 90/425/KEE ([2]) issegwi l-għanijiet imsemmija fuq.

(24) Il-Kunsill u l-Kummissjoni adottaw diversi Deċiżjonijiet li jimplimentaw id-Direttivi 90/667/KEE u 92/118/KEE. Barra minn hekk, id-Direttiva 92/118/KEE ġiet emendata sostanzjalment u aktar emendi jridu jsiru. Konsegwentement, numru kbir ta' Atti Komunitarji korrentement jirregolaw is-settur tal-prodotti sekondarji ta' l-annimali u hemm fi ħtieġa ta' semplifikazzjoni.

([1]) ĠU L 125, tat-23.5.1996, p. 3.
([2]) ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49, Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/7/KE (ĠU L 2, tal-5.1.2001, p. 27).

▼B

(25) Semplifikazzjoni bħal din se twassal għal aktar trasparenza rigward regoli speċifiċi ta' saħħa għal prodotti li joriġinaw mill-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman. Semplifikazzjoni tal-leġislazzjoni speċifika tas-saħħa m'għandhiex twassal għal tneħħija tar-regolamenti. Huwa għalhekk meħtieġ li jinżammu u, biex tiġi żgurata l-protezzjoni pubblika u ta' l-annimali, li jiġu ssikkati r-regoli ta' saħħa dettaljati għal prodotti li joriġinaw mill-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman.

(26) Il-prodotti kkonċernati għandhom ikunu soġġetti għar-regoli għal spezzjonijiet veterinarji, inklużi spezzjonijiet minn esperti mill-Kummissjoni, u xi miżuri protettivi preskritti mid-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tirrigwarda spezzjonijiet veterinarji u żootekniċi applikabbli f'kummerċ intra-Komunitarju f'ċerti annimali u prodotti ħajjin bil-ħsieb li jitlesta s-suq intern ([1]).

(27) Spezzjonijiet effettivi għandhom jitwettqu fuq prodotti importati fil-Komunità. Dan jista' jinkiseb permezz ta' implimentazzjoni tal-kontrolli preskritti fid-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tippreskrivi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' spezzjonijiet veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi mhux membri ([2]).

(28) Id-Direttiva 90/667/KEE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/348/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 li tippreskrivi r-regoli veterinarji u ta' saħħa ta' l-annimali applikabbli fir-Renju Unit u fl-Irlanda għat-trattament ta' ċerti tipi ta' skart maħsuba biex jinbiegħu lokalment bħala tagħmir għal ċerti kategoriji ta' annimali ([3]) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/534/KE tad-19 ta' Lulju 1999 dwar miżuri li japplikaw għall-ipproċessar ta' ċertu skart mill-annimali biex jipproteġu kontra enċefalopatiji sponġiformi li jittieħdu u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/735/KE ([4]) għandhom għalhekk jitħassru.

(29) Biex jitqies il-progress tekniku u xjentifiku, kooperazzjoni mill-viċin u effettiva għandha tiġi żgurata bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali mwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jippreskrivi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi ta' l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tas-Saħħa ta' l-Ikel u jippreskrivi l-proċeduri f'materji ta' sigurtà ta' l-ikel ([5]).

([1]) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 92/118/KEE.
([2]) ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 9.
([3]) ĠU L 202, tas-26.8.1995, p. 8.
([4]) ĠU L 204, ta' l-4.8.1999, p. 37.
([5]) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.

▼B

(30) Il-miżuiri meħtieġa sabiex jiġi implimentat dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati b'mod konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati l-poteri ta' implimetazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([1]),

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

L-Artikolu 1

L-Iskop

1. Dan ir-Regolament jippreskrivi regoli ta' saħħa ta' l-annimali u ta' saħħa pubblika:

(a) il-ġbir, it-trasport, il-ħażna, l-immaneġġjar bl-idejn, l-ipproċessar u l-użu jew ir-rimi/qerda ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali, biex jipprevjenu lil dawn il-prodotti milli jippreżentaw riskju għas-saħħa ta' l-annimali jew għas-saħħa pubblika;

(b) it-tqegħid fis-suq u, f'ċerti każijiet speċifiċi, l-esportazzjoni u t-transitu ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali u dawk il-prodotti li joħorġu minnhom riferiti fl-Annessi VII u VIII.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal:

(a) ikel nej ta' annimali domestiċi li joriġina minn ħwienet ta' l-imnut jew f'fondijiet adjaċenti għal postijiet ta' bejgħ, fejn it-tqattigħ u l-ħażna huma mwettqa biss għall-għan li l-konsumatur jiġi fornit direttament fuq il-post;

(b) ħalib likwidu u colostrum meqruda jew użati fir-razzett ta' l-oriġini;

(ċ) iġsma sħaħ jew partijiet minn annimali selvaġġi li mhumiex issuspettati li huma infettati b'mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali, minbarra ħut maqbud għall-għanijiet kummerċjali u iġsma u partijiet ta' annimali selvaġġi użati biex jiġu prodotti trofej tal-kaċċa;

(d) ikel nej ta' l-annimali domestiċi għall-użu fuq il-post derivati minn annimali maqtula fuq ir-razzett ta' l-oriġini għall-użu bħala tgħam mill-bidwi u mill-familja tiegħu biss, bi qbil mal-leġislazzjoni nazzjonali;

([1]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼B

(e) skart ta' l-ikel, għajr jekk:

(i) minn mezzi ta' trasport li joperaw internazzjonalment,

(ii) maħsub għall-konsum ta' l-annimali, jew

(iii) maħsub għall-użu f'impjant biogas jew fejn isir il-kompost;

(f) ova, embrijoni u semen maħsuba għall-għanijiet ta' tagħmir; u

(g) transitu permezz tal-baħar jew bl-ajru.

3. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-leġislazzjoni veterinarja li għandha bħala l-għan tagħha l-eradikazzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard.

L-Artikolu 2

Id-definizzjonijiet

1. Għall-għan ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) *prodotti sekondarji ta' l-annimali:* iġsma sħaħ jew partijiet ta' annimali jew prodotti li joriġinaw mill-annimali riferiti fl-Artikoli 4, 5 u 6 mhux maħsuba għall-konsum uman, inklużi ova, embrijoni u semen;

(b) *Materjal ta' kategorija 1:* prodotti sekondarji ta' l-annimali riferiti fl-Artikolu 4;

(ċ) *Materjal ta' kategorija 2:* prodotti sekondarji ta' l-annimali riferiti fl-Artikolu 5;

(d) *Materjal ta' kategorija 3:* prodotti sekondarji ta' l-annimali riferiti fl-Artikolu 6;

(e) *annimal:* kull annimal bis-sinsla (vertebru) jew mingħajrha (invertebru) (inklużi l-ħut, ir-rettili u l-amfibji;

(f) *annimali fl-irziezet:* kull annimal li huwa miżmum, imsemmen jew mgħammar mill-bnedmin u użat għall-produzzjoni ta' ikel (inkluż laħam, ħalib u bajd), suf, pil, rix, ġlud jew xi prodott ieħor li joriġina mill-annimali;

(g) *annimal selvaġġ:* kull annimal mhux miżmum mill-bnedmin;

(h) *annimal domestiku:* kull annimal li jappartjeni għal speċje normalment mgħajjxa u miżmuma, imma mhux ikkonsmati, mill-bnedmin għal għanijiet oħra għajr il-biedja;

(i) *l-awtorità kompetenti:* l-awtorità ċentrali ta' Stat Membru kompetenti biex tiżgura konformità mal-ħtiġijiet ta' dan ir-Regolament jew xi awtorità għal-liema l-awtorità ċentrali ddelegat dik il-kompetenza, b'mod partikolari għall-kontroll ta' tagħmir; għandha tinkludi wkoll, fejn xieraq, l-awtorità korrispondenti ta' pajjiż mhux membru;

▼B

(j) *tqegħid fis-suq:* kull operat li l-għan tiegħu huwa li jbiegħ prodotti sekondarji ta' l-annimali, jew prodotti derivati minnhom koperti minn dan ir-Regolament, lill-parti terza fil-Komunità jew xi forma oħra ta' provvista kontra pagament jew mingħajr ħlas lil parti terza bħal din jew ħażna bil-ħsieb ta' provvista lil parti terza bħal din;

(k) *kummerċ:* kummerċ bejn Stati Membri f'merkanzija fit-tifsira ta' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat;

(l) *transitu:* moviment matul il-Komunità minn pajjiż wieħed mhux membru għal ieħor;

(m) *produttur:* kull persuna li l-attività tagħha tipproduċi prodotti sekondarji ta' l-annimali;

(n) *TSE:* l-enċifalopatiji spongiformi li jittieħdu, minbarra dawk li jinstabu fil-bnedmin;

(o) *materjal ta' riskju speċifikat:* materjal riferit fl-Anness V mar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jippreskrivi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerti enċifalopatiji spongiformi li jittieħdu. ([1])

2. Id-definizzjonijiet speċifiċi ddikjarati fl-Anness I għandhom japplikaw ukoll.

L-Artikolu 3

Obbligazzjonijiet ġenerali

1. Prodotti sekondarji ta' l-annimali, u prodotti derivati minnhom, għandhom jinġabru, jiġu trasportati, jinħażnu, jiġu maneġġjati bl-idejn, ipproċessati, meqruda, imqiegħda fis-suq, esportati, trasportati in transitu u użati skond dan ir-Regolament.

▼M15

2. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jirregolaw taħt liġi nazzjonali l-importazzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti mhux riferiti fl-Annessi VII u VIII, sakemm tiġi adottata deċiżjoni mill-Kummissjoni. Dik il-miżura mfassla biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah, għandha tiġi adottata f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3). L-Istati Membri għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni bl-użu li jagħmlu minn din il-possibbiltà.

([1]) ĠU L 147, tal-31.5.2001, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1326/2001 (ĠU L 177, tat-30.6.2001, p. 60).

▼B

3. L-Istati Membri għandhom, jew individwalment jew koperattivament, jiżguraw li arranġamenti adegwati huma fis-seħħ, u li teżisti infrastruttura suffiċjenti, biex tiġi żgurata konformità mal-ħtieġa tal-paragrafu 1.

KAPITOLU II

KATEGORIZZAZZJONI, ĠBIR, TRASPORTAZZJONI, QERDA, PROĊESSAR, UŻU U ĦAŻNA TEMPORANJA TA' PRODOTTI SEKONDARJI TA' L-ANNIMALI

L-Artikolu 4

Il-Materjal ta' kategorija 1

1. Il-materjal ta' kategorija 1 għandu jikkomprendi prodotti sekondarji ta' l-annimali tad-deskrizzjoni li ġejja, jew xi materjal li jikkontjeni prodotti sekondarji bħal dawn:

(a) il-partijiet kollha tal-ġisem, inklużi l-ġlud ta' barra u l-ġlud ta' l-animali li ġejjin:

(i) annimali suspettati li huma infettati minn TSE bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew li fihom ġiet ikkonfermata uffiċjalment il-preżenza ta' TSE,

(ii) annimali maqtula fil-kuntest ta' miżuri ta' eradikazzjoni tat-TSE,

(iii) annimali oħra għajr annimali fl-irziezet u annimali selvaġġi, inklużi annimali domestiċi partikolari, annimali taż-żoo u annimali taċ-ċirklu,

(iv) annimali sperimentali kif definiti mill-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 86/609/KEE ta' l-24 ta' Novembru 1986 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-protezzjoni ta' l-annimali użati għall-għanijiet sperimentali u xjentifiċi oħra ([1]), u

(v) annimali selvaġġi, meta suspettati li huma infettati minn mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali;

(b) (i) materjal ta' riskju speċifikat, u

(ii) fejn, fil-ħin tal-qerda, materjal ta' riskju speċifiku ma tneħħiex, iġsma sħaħ ta' annimali mejtin li jikkontjenu materjal ta' riskju speċifiku;

(ċ) prodotti derivati minn annimali li ġew amministrati lilhom sustanzi projbiti taħt id-Direttiva 96/22/KE u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jikkontjenu residwi ta' kontaminanti ambjentali u sustanzi oħra mniżżla fil-lista fi Grupp B(3) ta' l-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri biex jiġu monitorjati ċerti sustanzi u residwi f'annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE ([2]), jekk residwi bħal dawn jeċċedu l-livell permess preskritti mil-leġislazzjoni tal-Komunità jew, fl-assenza tagħhom, mil-leġislazzjoni nazzjonali;

([1]) ĠU L 358, tat-18.12.1986, p. 1.
([2]) ĠU L 125, tat-23.5.1996, p. 10.

▼B

(d) il-materjal kollu ta' l-annimali miġbura waqt trattament ta' ilma skart minn impjanti ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 1 u proprjetà oħra li fihom jitneħħa materjal ta' riskju speċifikat, inkluż tgħarbil, materjali mit-tneħħija tar-ramel, taħlitiet tax-xaħam u taż-żejt, tajn u materjali mneħħija minn mogħdijiet/kanen għall-iskular minn dawn il-proprjetajiet, sakemm materjal bħal dan ma jikkontjeni l-ebda materjal ta' riskju speċifikat jew partijiet minn materjal bħal dan;

(e) skart mill-ikel minn mezzi ta' trasport li joperaw internazzjonalment; u

(f) taħlitiet ta' materjal ta' Kategorija 1 ma' jew materjal ta' Kategorija 2 jew materjal ta' Kategorija 3 jew it-tnejn, inkluż xi materjal iddestinat għall-ipproċessar f'impjant ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 1.

2. Materjal ta' Kategorija 1 għandu jinġabar, jiġi ttrasportat u identifikat mingħajr dewmien mhux mistħoqq bi qbil ma' l-Artikolu 7 u, minbarra kif ipprovdut mod ieħor fl-Artikoli 23 u 24, għandu jiġi:

(a) meqrud direttament bħala skart permezz ta' inċinerazzjoni f'impjant ta' inċinerazzjoni approvat skond l-Artikolu 12;

(b) ipproċessat f'impjant ta' l-ipproċessar approvat taħt l-Artikolu 13 permezz ta' xi wieħed mill-metodi ta' l-ipproċessar 1 sa 5 jew, fejn l-awtorità kompetenti teħtieġ hekk, metodu ta' l-ipproċessar 1, li f'dak il-każ il-materjal li jirriżulta għandu jiġi immarkat permanentament, fejn possibbli teknikament permezz tar-riħa, bi qbil ma' l-Anness VI, Kapitolu I, u finalment meqrud bħala skart permezz ta' inċinerazzjoni jew permezz ta' ko-inċinerazzjoni f'impjant ta' inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni approvat bi qbil ma' l-Artikolu 12;

(ċ) bl-esklużjoni ta' materjal riferit fil-paragrafu 1(a)(i) u (ii), ipproċessat f'impjant ta' l-ipproċessar approvat bi qbil ma' l-Artikolu 13 permezz tal-metodu ta' l-ipproċessar 1, li f'dak il-każ il-materjal li jirriżulta għandu jiġi mmarkat b'mod permanenti, fejn ikun teknikament possibbli permezz tar-riħa, bi qbil ma' l-Anness VI, Kapitolu I, u finalment meqrud bħala skart permezz ta' dfin f'miżbla approvata taħt id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar il-miżbla ta' l-iskart ([1]);

(d) fil-każ ta' skart ta' l-ikel riferit fil-paragrafu 1(e), meqrud bħala skart permezz ta' dfin f'miżbla approvata taħt id-Direttiva 1999/31/KE; jew

▼M15

(e) fid-dawl ta' żviluppi fit-tagħrif xjentifiku, mormi permezz ta' mezzi oħra li huma approvati mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-kumitat xjentifiku xieraq. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3). Dawk il-mezzi jistgħu jew jissupplimentaw jew jibdlu dawk ipprovduti fil-punti (a) sa (d) ta' dan il-paragrafu.

▼B

3. Maneġġjar intermedju bl-idejn jew ħażna ta' materjal ta' Kategorija 1 għandu jseħħ biss f'impjanti intermedji ta' Kategorija 1 approvati bi qbil ma' l-Artikolu 10.

([1]) ĠU L 182, tas-16.7.1999, p. 1.

▼B

4. ►M15 Materjal ta' Kategorija 1 m'għandux jiġi importat jew esportat minbarra f' konformità ma' dan ir-Regolament jew mar-regoli preskritti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3). ◄ Madankollu, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' materjal ta' riskju speċifiku għandu jseħħ biss bi qbil ma' l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

L-Artikolu 5

Il-Materjal ta' Kategorija 2

1. Materjal ta' Kategorija 2 għandu jikkomprendi prodotti sekondarji ta' l-annimali tad-deskrizzjoni li ġejja, jew xi materjal li jikkontjeni prodotti sekondarji bħal dawn:

(a) demel u kontenut tas-sistema diġestiva;

(b) il-materjali kollha ta' l-annimali miġbura waqt trattament ta' skart ta' l-ilma minn biċċeriji oħra għajr biċċeriji koperti mill-Artikolu 4(1)(d) jew minn impjanti ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 2, inklużi tgħarbil, materjali mit-tneħħija tar-ramel, taħlitiet tax-xaħam u ż-żejt, tajn u materjali mneħħija minn mogħdijiet/kanen għall-iskular minn dawn il-fondijiet;

(ċ) prodotti li joriġinaw mill-annimali li jikkontjenu residwi ta' drogi u kontaminanti veterinarji mniżżla f'lista fi Grupp B(1) u (2) ta' l-Anness I mad-Direttiva 96/23/KE, jekk residwi bħal dawn jeċċedu l-livell permess preskritt mil-leġislazzjoni tal-Komunità;

(d) prodotti li joriġinaw mill-annimali oħra għajr tal-materjal ta' Kategorija 1, li huma importati minn pajjiżi li mhumiex membri u matul l-ispezzjonijiet ipprovduti fil-leġislazzjoni tal-Komunità, jonqsu milli jħarsu l-ħtiġijiet veterinarji għall-importazzjoni tagħhom fil-Komunità, sakemm mhumiex irritornati jew l-importazzjoni tagħhom hija aċċettata taħt restrizzjonijiet preskritti taħt leġislazzjoni tal-Komunità;

(e) annimali u partjiet mill-annimali oħra għajr dawk riferiti fl-Artikolu 4, li jmutu b'mod ieħor għajr li jiġu maqtula għall-konsum uman, inkluż annimali maqtula biex tiġi eradikata marda epiżootika;

(f) taħlitiet ta' materjal ta' Kategorija 2 ma' materjal ta' Kategorija 3, inkluż xi materjal iddestinat għall-ipproċessar f'impjant ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 2; u

(g) prodotti sekondarji ta' l-annimali oħra għajr materjal ta' Kategorija 1 jew materjal ta' Kategorija 3.

2. Materjal ta' Kategorija 2 għandu jinġabar, jiġi trasportat u identifikat mingħajr dewmien mhux mistħoqq bi qbil ma' l-Artikolu 7 u, minbarra kif ipprovdut mod ieħor fl-Artikoli 23 u 24, għandu jiġi:

(a) meqrud direttament bħala skart permezz ta' inċinerazzjoni f'impjant ta' inċinerazzjoni approvat skond l-Artikolu 12;

▼B

(b) ipproċessat f'impjant ta' l-ipproċessar approvat bi qbil ma' l-Artikolu 13 permezz ta' xi wieħed mill-metodi ta' l-ipproċessar 1 sa 5 jew, fejn l-awtorità kompetenti teħtieġ hekk, metodu ta' l-ipproċessar 1, li f'dak il-każ il-materjal li jirriżulta għandu jiġi mmarkat b'mod permanenti, fejn teknikament possibbli permezz tar-riħa, bi qbil ma' l-Anness VI, Kapitolu I, u:

(i) meqrud bħala skart jew permezz ta' inċinerazzjoni jew permezz ta' ko-inċinerazzjoni jew f'impjant ta' ko-inċinerazzjoni approvat bi qbil ma' l-Artikolu 12, jew

(ii) fil-każ ta' xaħmijiet mirduda, ipproċessati aktar f'derivattivi tax-xaħam għall-użu f'fertilizzanti organiċi jew prodotti li jtejbu l-ħamrija jew għal użu tekniku ieħor, għajr f'kosmetiċi, farmaċewtiċi u mezzi mediċi, f'impjant oleokimiku ta' Kategorija 2 approvat bi qbil ma' l-Artikolu 14;

(ċ) ipproċessat f'impjant ta' l-ipproċessar approvat bi qbil ma' l-Artikolu 13 permezz tal-metodu ta' l-ipproċessar 1, li f'dak il-każ il-materjal li jirriżulta għandu jiġi mmarkat b'mod permanenti, fejn teknikament possibbli permezz tar-riħa, bi qbil ma' l-Anness VI, Kapitolu I, u:

▼M15

(i) fil-każ ta' materjal bil-proteini li jirriżulta, użat bħala fertilizzant organiku jew biex itejjeb il-ħamrija f'konformità ma' ħtiġijiet, jekk ikun hemm, preskritti mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-kumitat xjentifiku xieraq. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3),

▼B

(ii) trasformat f'impjant biogas jew f'impjant li jagħmel il-kompost approvat bi qbil ma' l-Artikolu 15, jew

(iii) meqrud bħala skart permezz ta' dfin f'miżbla approvata taħt id-Direttiva 1999/31/KE;

▼M15

(d) fil-każ ta' materjal li joriġina mill-ħut, maħżun f'silo jew magħmul kompost f'konformità mar-regoli adottati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3);

▼B

(e) fil-każ ta' demel, kontenut tas-sistema diġestiva separat mis-sistema diġestiva, ħalib u colostrum, jekk l-awtorità kompetenti ma tikkunsidrahomx bħala riskju li jxerrdu xi mard serju li jittieħed:

(i) użat mingħajr ipproċessar bħala materja prima f'impjant biogas jew f'impjant fejn isir il-kompost approvat bi qbil ma' l-Artikolu 15 jew trattat f'impjant tekniku approvat għal dan l-għan bi qbil ma' l-Artikolu 18,

▼B

(ii) applikat għall-art bi qbil ma' dan ir-Regolament, jew

▼M15

(iii) trasformat f'impjant bijogass jew kompost f' konformità mar-regoli preskritti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3);

▼B

(f) fil-każ ta' iġsma sħaħ jew partijiet ta' annimali selvaġġi mhux issuspettati li huma infettati b'mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali, użati biex jipproduċu trofej tal-kaċċa f'impjant tekniku approvat għal dan l-għan bi qbil ma' l-Artikolu 18; jew

▼M15

(g) mormi permezz ta' mezzi oħra, jew użati f'modi oħra, f' konformità mar-regoli preskritti mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-kumitat xjentifiku xieraq; dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3). Dawk il-mezzi jew modi jistgħu jew jissupplimentaw jew jibdlu dawk stipulati fil-punti (a) sa (f) ta' dan il-paragrafu.

▼B

3. Maneġġjar intermedju bl-idejn jew ħażna ta' materjal ta' Kategorija 2, għajr id-demel, għandu jseħħ biss f'impjanti intermedji ta' Kategorija 2 approvati bi qbil ma' l-Artikolu 10.

▼M15

4. Materjal ta' Kategorija 2 m'għandux jitqiegħed fis-suq jew jiġi esportat minbarra f' konformità ma' dan ir-Regolament jew mar-regoli preskritti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼B

L-Artikolu 6

Il-Materjal ta' Kategorija 3

1. Materjal ta' Kategorija 3 għandu jikkomprendi prodotti sekondarji ta' l-annimali tad-deskrizzjoni li ġejja, jew xi materjal li jikkontjeni prodotti sekondarji bħal dawn:

(a) partijiet ta' annimali maqtula, li huma tajbin għall-konsum uman bi qbil mal-leġislazzjoni tal-Komunità, imma li mhumiex maħsuba għall-konsum uman għal raġunijiet kummerċjali;

(b) partijiet minn annimali maqtula, li huma mwarrba bħala mhux tajbin għall-konsum uman imma mhumiex affettwati minn xi sinjali ta' mard li jittieħed mill-bnedmin u mill-annimali u li huma derivati minn karkassi li huma tajbin għall-konsum uman bi qbil mal-leġislazzjoni tal-Komunità;

▼B

(ċ) il-ġlud ta' barra u l-ġlud, in-nagħal u l-qrun, il-lanżit tal-ħnieżer u r-rix li joriġinaw minn annimali li huma maqtula f'biċċerija, wara li jgħaddu minn spezzjoni qabel il-mewt, u kienu tajbin, bħala riżultat ta' spezzjoni bħal din, għall-qtil għall-konsum uman bi qbil mal-leġislazzjoni tal-Komunità;

(d) demm miksub minn annimali oħra għajr ruminanti li huma maqtula f'biċċerija, wara li jgħaddu minn spezzjoni qabel il-mewt, u kienu tajbin, bħala riżultat ta' spezzjoni bħal din, għall-qtil għall-konsum uman bi qbil mal-leġislazzjoni tal-Komunità;

(e) prodotti sekondarji ta' l-annimali derivati mill-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-konsum uman inkluż għadam bix-xaħam imneħħi u qasab tas-saqajn;

(f) oġġetti ta' l-ikel ta' qabel li joriġinaw mill-annimali, jew oġġetti ta' l-ikel ta' qabel li jikkontjenu prodotti li joriġinaw mill-annimali, għajr skart ta' l-ikel, li m'għadhomx maħsuba għall-konsum uman għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' difetti ta' fabbrikazzjoni jew pakkeġġjar jew difetti oħra li ma jippreżentawx riskju għall-bnedmin jew l-annimali;

(g) ħalib mhux ipproċessat li joriġina minn annimali li ma jurux sinjali kliniċi ta' xi mard li jittieħed minn dak il-prodott mill-bnedmin jew mill-annimali;

(h) ħut jew annimali oħra tal-baħar, minbarra mammiferi tal-baħar, maqbuda fil-baħar miftuħ għall-għanijiet ta' produzzjoni ta' ikel mill-ħut;

(i) prodotti sekondarji friski minn ħut minn impjanti li jiffabbrikaw prodotti tal-ħut għall-konsum uman;

(j) qxur, prodotti sekondarji f'mafqas u prodotti sekondarji minn bajd mifquħ li joriġinaw minn annimali li ma jurux sinjali kliniċi ta' xi mard li jittieħed minn dak il-prodott mill-bnedmin jew mill-annimali;

(k) id-demm, il-ġlud ta' barra u l-ġlud, in-nagħal, ir-rix, is-suf, il-qrun, ix-xagħar u l-pil li joriġinaw minn annimali li ma jurux sinjali kliniċi ta' xi marda li tittieħed minn dak il-prodott mill-bnedmin jew mill-annimali; u

(l) skart ta' l-ikel ieħor għajr kif riferit fl-Artikolu 4(1)(e).

2. Materjal ta' Kategorija 3 għandu jinġabar, jiġi trasportat u identifikat mingħajr dewmien mhux mistħoqq bi qbil ma' l-Artikolu 7 u, minbarra kif ipprovdut mod ieħor fl-Artikoli 23 u 24, għandu jiġi:

(a) meqrud direttament bħala skart permezz ta' inċinerazzjoni f'impjant ta' inċinerazzjoni approvat skond l-Artikolu 12;

▼B

(b) ipprocessat f'impjant ta' l-ipproċessar approvat bi qbil ma' l-Artikolu 13 permezz ta' xi wieħed mill-metodi ta' l-ipproċessar 1 sa 5, li f'dak il-każ il-materjal li jirriżulta għandu jkun immarkat b'mod permanenti, fejn teknikament possibbli permezz tar-riħa, bi qbil ma' l-Anness VI, Kapitolu I, u meqrud bħala skart jew permezz ta' inċinerazzjoni jew permezz ta' ko-inċinerazzjoni f'impjant ta' inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni approvat bi qbil ma' l-Artikolu 12 jew f'miżbla approvata taħt id-Direttiva 1999/31/EC;

(ċ) ipprocessat f'impjant ta' l-ipproċessar approvat bi qbil ma' l-Artikolu 17;

(d) trasformat f'impjant tekniku approvat bi qbil ma' l-Artikolu 18;

(e) użat bħala materja prima f'impjant ta' annimali domestiċi approvat bi qbil ma' l-Artikolu 18;

(f) trasformat f'impjant biogas jew f'impjant fejn isir il-kompost approvat bi qbil ma' l-Artikolu 15;

▼M15

(g) fil-każ ta' skart tal-ikel imsemmi fil-punt (1) tal-paragrafu 1, trasformat f'impjant bijogass jew kompost f' konformità mar-regoli preskritti mill-Kummissjoni, jew, sakemm issir l-adozzjoni ta' regoli bħal dawn, f' konformità mal-liġi nazzjonali. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3);

(h) fil-każ ta' materjal li joriġina mill-ħut, maħżun f'silo jew bħala kompost f' konformità mar-regoli preskritti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3); jew

(i) mormi permezz ta' mezzi oħra, jew użati f'modi oħra, f' konformità mar-regoli preskritti mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-kumitat xjentifiku xieraq; dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3). Dawk il-mezzi jew modi jistgħu jew jissupplimentaw jew jibdlu dawk ipprovduti fil-punti (a) sa (h).

▼B

3. Maneġġjar intermedju bl-idejn jew ħażna ta' materjal ta' Kategorija 3 għandu jseħħ biss f'impjanti intermedji ta' Kategorija 3 approvati bi qbil ma' l-Artikolu 10.

L-Artikolu 7

Il-ġbir, it-trasport u l-ħażna

1. Prodotti sekondarji ta' l-annimali u prodotti pproċessati, bl-eċċezzjoni ta' skart ta' l-ikel ta' Kategorija 3 għandhom jinġabru, jiġu trasportati u identifikati bi qbil ma' l-Anness II.

▼B

2. Matul it-trasportazzjoni, dokument kummerċjali jew, meta jkun meħtieġ minn dan ir-Regolament, ċertifikat tas-saħħa, għandu jakkompanja prodotti sekondarji ta' l-annimali u prodotti pproċessati. Dokumenti kummerċjali u ċertifikati ta' saħħa għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet, u jinżammu għall-perjodu speċifikat fl-Anness II. Għandhom, b'mod partikolari, jinkludu tagħrif li jikkonċerna l-kwantità u d-deskrizzjoni tal-materjal u l-immarkar tiegħu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li arranġamenti adegwati jeżistu biex jiggarantixxu l-ġbir u t-trasportazzjoni ta' materjal ta' Kategorija 1 u Kategorija 2 bi qbil ma' l-Anness II.

4. Bi qbil ma' l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 dwar l-iskart ([1]), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li skart ta' l-ikel ta' Kategorija 3 huwa miġbur, trasportat u meqrud mingħajr ma jipperikola s-saħħa umana u mingħajr ma jagħmel ħsara lill-ambjent.

5. Il-ħażna ta' prodotti pproċessati għandha sseħħ biss f'imħażen approvati bi qbil ma' l-Artikolu 11.

6. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għad-demel trasportat bejn żewġ postijiet lokati fl-istess razzett jew bejn l-irziezet u utenti lokati fl-istess Stat Membru.

L-Artikolu 8

Il-Kunsinna ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali u prodotti pproċessati lil Stati Membri oħra

1. Prodotti sekondarji ta' l-annimali u prodotti pproċessati għandhom jingħataw biss lil Stati Membri oħra bla ħsara għall-kondizzjonijiet preskritti f'paragrafi 2 sa 6.

2. L-Istati Membri tad-destinazzjoni jridu jkunu awtorizzaw l-irċevuta ta' materjal ta' Kategorija 1, materjal ta' Kategorija 2, prodotti pproċessati derivati minn materjal ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2 u proteina pproċessata ta' l-annimali. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu li l-applikazzjoni tal-metodu ta' l-ipproċessar 1 qabel il-kunsinna tkun kondizzjoni ta' awtorizzazzjoni.

3. Prodotti sekondarji ta' l-annimali, u prodotti pproċessati riferiti fil-paragrafu 2, għandhom ikunu:

(a) akkumpanjati minn dokument kummerċjali jew, fejn ikun meħtieġ minn dan ir-Regolament, ċertifikat tas-saħħa, u

(b) meħuda direttament fl-impjant tad-destinazzjoni, li trid tkun approvata bi qbil ma' dan ir-Regolament.

4. Meta l-Istati Membri jibgħatu materjal ta' Kategorija 1, materjal ta' Kategorija 2, prodotti pproċessati derivati minn materjal ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2 u proteina pproċessata ta' l-annimali lil Stati Membri oħra, l-awtorità kompetenti tal-post ta' l-oriġini għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni b'kull kunsinna permezz tas-sistema ANIMO, jew permezz ta' metodu ieħor bi ftehim bejn xulxin. Il-messaġġ għandu jikkontjeni t-tagħrif speċifikat fl-Anness II, Kapitolu I, paragrafu 2.

([1]) ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 3. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/350/KE (ĠU L 135, tas-6.6.1996, p. 32).

▼B

5. Meta tkun mgħarrfa bid-dispaċċ tagħha bi qbil mal-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-post ta' l-oriġini bil-wasla ta' kull kunsinna, permezz tas-sistema ANIMO, jew permezz ta' metodu ieħor bi ftehim bejn xulxin.

6. L-Istati Membri tad-destinazzjoni għandhom jiżguraw, permezz ta' spezzjonijiet regolari, li l-impjanti nominati fit-territorju tagħhom jużaw biss kunsinni għal għanijiet awtorizzati u jżommu rekords sħaħ li juru komformità ma' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 9

Ir-Rekords

1. Kull persuna li tikkunsinna, tittrasporta jew tirċievi prodotti sekondarji ta' l-annimali għandha żżomm rekord ta' kunsinni. Ir-rekords għandhom jikkontjenu t-tagħrif kollu, u jinżammu għal perjodu, speċifikat fl-Anness II.

2. Madankollu, dan l-Artikolu m'għandux japplika għad-demel trasportat bejn żewġ postijiet lokati fl-istess razzett jew lokalment bejn l-irziezet u utenti lokati fl-istess Stati Membri.

KAPITOLU III

APPROVAZZJONI TA' IMPJANTI INTERMEDJI, HAŻNA, INĊINERAZZJONI U KO-INĊINERAZZJONI, IPPROĊESSAR TA' KATEGORIJA 1 U 2, OLEOKIMIĊI TA' KATEGORIJA 2 U KATEGORJA 3, BIOGAS U IMPJANTI TAL-KOMPOST

L-Artikolu 10

L-approvazzjoni ta' impjanti intermedji

1. Impjanti intermedji ta' Kategorija 1, 2 u 3 għandhom jiġu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti.

2. Biex jiġu approvati, impjanti intermedji ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2 iridu:

(a) jilħqu l-ħtiġijiet ta' l-Anness III, Kapitolu I;

(b) jimmaneġġjaw u jaħżnu materjal ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2 bi qbil ma' l-Anness III, Kapitolu II, Parti B;

(ċ) jgħaddu minn spezzjonijiet ta' l-impjant stess ipprovduti fl-Artikolu 25; u

(d) jiġu spezzjonati mill-awtorità kompetenti bi qbil ma' l-Artikolu 26.

3. Biex jiġu approvati, impjanti intermedji ta' Kategorija 3 iridu:

(a) jilħqu l-ħtiġijiet ta' l-Anness III, Kapitolu I;

(b) jimmaneġġjaw u jaħżnu materjal ta' Kategorija 3 bi qbil ma' l-Anness III, Kapitolu II, Parti A;

▼B

(ċ) jgħaddu minn spezzjonijiet ta' l-impjant stess ipprovduti fl-Artikolu 25; u

(d) jiġu spezzjonati mill-awtorità kompetenti bi qbil ma' l-Artikolu 26.

L-Artikolu 11

L-approvazzjoni ta' l-imħażen

1. L-imħażen għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti.

2. Biex jiġu approvati, imħażen iridu:

(a) jilħqu l-ħtiġijiet ta' l-Anness III, Kapitolu III; u

(b) jiġu spezzjonati mill-awtorità kompetenti bi qbil ma' l-Artikolu 26.

L-Artikolu 12

L-approvazzjoni ta' l-impjanti ta' inċinerazzjoni u ko-inċinerazzjoni

1. L-inċinerazzjoni u l-ko-inċinerazzjoni ta' prodotti pproċessati għandhom iseħħu bi qbil mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/76/KE. L-inċinerazzjoni u l-ko-inċinerazzjoni ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali għandhom iseħħu jew bi qbil mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/76/KE jew, meta dik id-Direttiva ma tapplikax, bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament. Impjanti ta' inċinerazzjoni u ko-inċinerazzjoni għandhom ikunu approvati taħt dik id-Direttiva jew bi qbil mal-paragrafu 2 jew 3.

2. Biex jiġi approvat mill-awtorità kompetenti għall-għan tal-qerda ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali, impjant ta' inċinerazzjoni jew ta' ko-inċinerazzjoni ta' kapaċità għolja għal liema d-Direttiva 2000/76/KE ma tapplikax irid iwettaq:

(a) il-kondizzjonijiet ġenerali preskritti fl-Anness IV, Kapitolu I;

(b) il-kondizzjonijiet tat-tħaddim preskritti fl-Anness IV, Kapitolu II;

(ċ) il-ħtiġijiet preskritti fl-Anness IV, Kapitolu III, li jikkonċernaw skarigi ta' l-ilma;

(d) il-ħtiġijiet preskritti fl-Anness IV, Kapitolu IV, li jikkonċernaw residwi;

(e) il-ħtiġijiet ta' kejl tat-temperatura preskritti fl-Anness IV, Kapitolu V;

(f) il-kondizzjonijiet li jikkonċernaw l-operat mhux normali preskritt fl-Anness V, Kapitolu VI.

▼B

3. Biex jiġi approvat mill-awtorità kompetenti għall-għan tal-qerda ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali, impjant ta' inċinerazzjoni jew ta' ko-inċinerazzjoni ta' kapaċità baxxa għal liema d-Direttiva 2000/76/KE ma tapplikax irid:

▼M1

(a) ikun użat biss għar-rimi ta' annimali domestiċi mejtin, prodotti ta' l-annimali kif imsemmija fl-Artikoli 4(1)(b), 5(1) u 6(1) li għalihom id-Direttiva 2000/76/KE ma tapplikax;

▼B

(b) meta lokat f'impriżi, jintuża biss għall-qerda/rimi ta' materjal minn dik l-impriża partikolari;

(ċ) jaderixxi mal-kondizzjonijiet ġenerali preskritti fl-Anness IV, Kapitolu I;

(d) jaderixxi mal-kondizzjonijiet tat-tħaddim applikabbli preskritti fl-Anness IV, Kapitolu II;

(e) jaderixxi mal-ħtiġijiet preskritti fl-Anness IV, Kapitolu III, li jikkonċernaw residwi;

(f) jaderixxi mal-ħtiġijiet ta' kejl tat-temperatura applikabbli preskritti fl-Anness IV, Kapitolu V;

(g) jaderixxi mal-kondizzjonijiet li jikkonċernaw l-operat mhux normali preskritti fl-Anness IV, Kapitolu VI; u

▼M1

(ħ) jaderixxi mal-kondizzjonijiet fl-Anness IV, Kapitolu VII, meta wżat għar-rimi ta' prodotti ta' l-annimali msemmija fl-Artikolu 4(1)(b).

▼B

4. L-approvazzjoni għandha tiġi sospiża immedjatament jekk il-kondizzjonijiet taħt liema ngħatat m'għadhomx jiġu aderiti.

▼M15

5. Il-ħtiġijiet tal-paragrafi 2 u 3 jistgħu jiġu emendati mill-Kummissjoni fid-dawl ta' żviluppi fit-tagħrif xjentifiku, wara konsultazzjoni mal-kumitat xjentifiku xieraq. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼B

L-Artikolu 13

L-approvazzjoni ta' l-impjanti ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 1 u Kategorija 2

1. L-impjanti ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 1 u Kategorija 2 għandhom jiġu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti.

2. Biex jiġu approvati, l-impjanti ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2 iridu:

(a) jilħqu l-ħtiġijiet ta' l-Anness V, Kapitolu I;

(b) jimmaneġġjaw, jipproċessaw u jaħżnu materjal ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2 bi qbil ma' l-Anness V, Kapitolu II u l-Anness VI, Kapitolu I;

▼B

(ċ) jiġu validati mill-awtorità kompetenti bi qbil ma' l-Anness V, Kapitolu V;

(d) jgħaddu minn spezzjonijiet ta' l-impjant stess ipprovduti fl-Artikolu 25;

(e) jiġu spezzjonati mill-awtorità kompetenti bi qbil ma' l-Artikolu 26; u

(f) jiżguraw li, wara l-ipproċessar, il-prodotti jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' l-Anness VI, Kapitolu I.

3. L-approvazzjoni għandha tiġi sospiża immedjatament jekk il-kondizzjonijiet taħt liema ngħatat m'għadhomx jiġu aderiti.

L-Artikolu 14

L-approvazzjoni ta' l-impjanti oleokimiċi ta' Kategorija 2 u Kategorija 3

1. L-impjanti oleokimiċi għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti.

2. Biex jiġu approvati, l-impjanti oleokimiċi ta' Kategorija 2 iridu:

(a) jipproċessaw xaħmijiet mirduda derivati minn materjal ta' Kategorija 2 bi qbil mal-livelli stabbiliti preskritti fl-Anness VI, Kapitolu III;

(b) jistabbilixxu u jimplimentaw metodi ta' monitorjaġġ u ta' spezzjonar tal-punti kritiċi ta' kontroll fuq il-bażi tal-proċess użat,

(ċ) iżommu rekord tat-tagħrif miksub skond il-punt (b) għall-preżentazzjoni lill-awtorità kompetenti; u

(d) jiġu spezzjonati mill-awtorià kompetenti bi qbil ma' l-Artikolu 26.

3. Biex jiġu approvati, l-impjanti oleokimiċi ta' Kategorija 3 jridu jipproċessaw xaħmijiet mirduda derivati biss minn materjal ta' Kategorija 3 u jilħqu l-ħtiġijiet rilevanti riferiti fil-paragrafu 2.

4. L-approvazzjoni għandha tiġi sospiża immedjatament jekk il-kondizzjonijiet taħt liema ingħatat m'għadhomx jiġu aderiti.

L-Artikolu 15

L-approvazzjoni ta' l-impjanti biogas u l-impjanti fejn isir il-kompost

1. L-impjanti biogas u l-impjanti fejn isir il-kompost għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti.

2. Biex jiġu approvati, l-impjanti biogas u l-impjanti fejn isir il-kompost iridu:

(a) jilħqu l-ħtiġijiet ta' l-Anness VI, Kapitolu II, Parti A;

(b) jimmaneġġjaw u jittrasformaw prodotti sekondarji ta' l-annimali bi qbil ma' l-Anness VI, Kapitolu II, Partijiet B u Ċ;

▼B

(ċ) jiġu spezzjonati mill-awtorità kompetenti bi qbil ma' l-Artikolu 26;

(d) jistabbilixxu u jimplimentaw metodi ta' monitoraġġ u ta' spezzjonar tal-punti kritiċi ta' kontroll; u

(e) jiżguraw li residwi ta' diġestjoni u kompost, kif xieraq, jikkonformaw mal-livelli mikro-bijoloġiċi stabbiliti u preskritti fl-Anness VI, Kapitolu II, Parti D.

3. L-approvazzjoni għandha tiġi sospiża immedjatament jekk il-kondizzjonijiet taħt liema ingħatat m'għadhomx jiġu aderiti.

KAPITOLU IV

TQEGĦID FIS-SUQ U L-UŻU TA' PROTEINI PPROĊESSATI TA' L-ANNIMALI U PRODOTTI PPROĊESSATI OHRA LI JISTGĦU JINTUŻAW BĦALA MATERJAL TA' L-GĦALF, IKEL TA' L-ANNIMALI DOMESTIĊI, DOGĊHEWS U PRODOTTI TEKNIĊI U L-APPROVAZZJONI TA' IMPJANTI RELATATI

L-Artikolu 16

Id-dispożizzjonijiet ġenerali tas-saħħa ta' l-annimali

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex jiggarantixxu illi l-prodotti sekondarji ta' l-annimali, u l-prodotti derivati minnhom riferiti fl-Annessi VII u VIII, ma jintbagħatux minn xi impriża lokata f'żona soġġetta għal restrizzjonijiet minħabba l-okkorrenza ta' xi marda li għaliha tkun suxxettibbli l-ispeċje li minnha jkun idderivat il-prodott jew minn xi stabbiliment jew żona li minnhom iċ-ċaqliq jew in-negozju jikkostitwixxu riskju għall-istat tas-saħħa ta' l-annimali ta' l-Istat Membru jew żoni ta' l-Istati Membri, għajr meta l-prodotti jkunu trattati bi qbil ma' dan ir-Regolament.

2. Il-miżuri riferiti fil-paragrafu 1 għandhom jiggarantixxu li l-prodotti huma miksuba minn annimali li:

(a) jiġu minn impriża, territorju jew parti minn territorju jew, fil-każ ta' prodotti ta' l-akwakultura, minn razzett, żona jew parti minn żona, mhux soġġetti għal restrizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-annimali u l-prodotti kkonċernati, u b'mod partikolari restrizzjonijiet taħt miżuri ta' kontroll tal-mard imposti mil-leġislazzjoni tal-Komunità jew minħabba f'marda serja li tittieħed imniżżla f'lista fid-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tintroduċi miżuri ġenerali tal-Komunità għall-kontroll ta' ċertu mard ta' l-annimali u miżuri speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-marda veżikulari tal-ħnieżer ([1]);

(b) ma nqatlux f'impjant li fih l-annimali infettati, jew suspettati li huma infettati, b'waħda mill-mardiet koperti mir-regoli riferiti f'(a) kienu preżenti fil-ħin tal-qatla.

([1]) ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 69. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att tas-Sħubija ta' l-1994.

▼B

3. Bla ħsara għall-konformità mal-miżuri ta' kontroll tal-mard riferiti fil-paragrafu 2(a), it-tqegħid fis-suq ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali, u prodotti derivati minnhom riferiti fl-Annessi VII u VIII, li jiġu minn territorju jew parti minn territorju soġġett għal restrizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali imma mhumiex infettati jew suspettati li huma nfettati għandu jiġi permess basta iżda li, kif xieraq, il-prodotti:

(a) huma miksuba, immaneġġjati, ittrasportati u maħżuna separatament minn jew f'ħinijiet differenti minn prodotti li jaderixxu mal-kondizzjonijiet kollha ta' l-annimali;

(b) għaddew minn trattament suffiċjenti biex tiġi eliminata l-problema tas-saħħa ta' l-annimali kkonċernati bi qbil ma' dan ir-Regolament f'impjant approvat għal dak l-għan mill-Istat Membru fejn ikun hemm din il-problema tas-saħħa ta' l-annimali;

(ċ) huma identifikati sew;

▼M15

(d) iħarsu l-ħtiġijiet preskritti fl-Annessi VII u VIII, jew regoli dettaljati li jridu jiġu preskritti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3). Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 33(4);

▼B

►M15 Kundizzjonijiet alternattivi għal dawk imniżżla fl-ewwel subparagrafu jistgħu jiġu preskritti f'sitwazzjonijiet speċifiċi minn deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3). Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 33(4). ◄ Deċiżjonijiet bħal dawn għandhom iqisu xi miżuri li jikkonċernaw l-annimali jew it-testijiet li jridu jitwettqu fuqhom u l-karatteristiċi speċifiċi tal-marda fl-ispeċje konċernata u għandhom jispeċifikaw xi miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa ta' l-annimali fil-Komunità.

L-Artikolu 17

L-approvazzjoni ta' l-impjanti ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 3

1. L-impjanti ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 3 għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti.

2. Biex jiġu approvati, l-impjanti ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 3 jridu:

(a) jilħqu l-ħtiġijiet ta' l-Anness V, Kapitolu I, u l-Anness VII, Kapitolu I;

(b) jimmaneġġjaw, jipproċessaw u jaħżnu biss materjal ta' Kategorija 3 bi qbil ma' l-Anness V, Kapitolu II u l-Anness VII;

▼B

(ċ) jiġu validati mill-awtoriià kompetenti bi qbil ma' l-Anness V, Kapitolu V;

(d) jgħaddu minn spezzjonijiet ta' l-impjant stess ipprovduti fl-Artikolu 25;

(e) jiġu spezzjonati mill-awtorità kompetenti bi qbil ma' l-Artikolu 26; u

(f) jiżguraw li, wara l-ipproċessar, il-prodotti jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' l-Anness VI, Kapitolu I.

3. L-approvazzjoni għandha tiġi sospiża immedjatament jekk il-kondizzjonijiet taħt liema ingħatat m'għadhomx jiġu aderiti.

L-Artikolu 18

L-approvazzjoni ta' l-impjanti ta' l-ikel ta' l-annimali domestiċi u l-impjanti tekniċi

1. L-impjanti ta' l-ikel ta' l-annimali domestiċi u l-impjanti tekniċi għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti.

2. Biex jiġi approvat, l-impjant ta' l-ikel ta' l-annimal domestiku jew l-impjant tekniku jrid:

(a) fid-dawl tal-ħtiġijiet speċifiċi preskritti fl-Anness VIII għall-prodotti li tipproduċi l-impriża:

(i) jikkonforma mal-ħtiġijiet speċifiċi tal-produzzjoni ddikjarati f'dan ir-Regolament;

(ii) jistabbilixxi u jimplimenta metodi ta' monitoraġġ u ta' spezzjonar tal-punti kritiċi ta' kontroll fuq il-bażi tal-proċess użat;

(iii) jiddependi mill-prodotti, jieħu kampjuni għall-analiżi f'laboratorju rikonoxxut mill-awtorità kompetenti bl-għanijiet li jeżaminaw jekk ikunux konformi mal-livelli stabbiliti mwaqqfa minn dan ir-Regolament;

(iv) iżomm rekord tat-tagħrif miksub skond il-punti (ii) u (iii) għall-preżentazzjoni lill-awtorità kompetenti. Ir-riżultati tal-kontrolli u tat-testijiet għandhom jinżammu għal millinqas sentejn;

(v) jekk ir-riżultat ta' l-eżami tal-laboratorju riferit f'punt (iii) jew kull tagħrif ieħor disponibbli għalihom jikxfu l-eżistenza ta' riskju serju għas-saħħa ta' l-annimali jew is-saħħa pubblika, jgħarraf lill-awtorita kompetenti; u

(b) jiġi spezzjonat mill-awtorità kompetenti bi qbil ma' l-Artikolu 26.

3. L-approvazzjoni għandha tiġi sospiża immedjatament jekk il-kondizzjonijiet taħt liema ingħatat m'għadhomx jiġu aderiti.

▼B

L-Artikolu 19

It-tqegħid fis-suq u l-esportazzjoni ta' proteina pproċessata ta' l-annimali u prodotti ipproċessati oħra li jistgħu jintużaw bħala materjal ta' l-għalf

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li proteina pproċessata ta' l-annimali u prodotti pproċessati oħra li jistgħu jintużaw bħala materjal ta' l-għalf jitqiegħdu fis-suq jew jiġu esportati biss jekk:

(a) ikunu ġew ippreparati f'impjant ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 3 approvat u ssorveljat bi qbil ma' l-Artikolu 17;

(b) ikunu ġew ippreparati esklussivament b'materjal ta' Kategorija 3, kif speċifikat fl-Anness VII;

(ċ) ikunu ġew immaneġġjati, ipproċessati, maħżuna u trasportati bi qbil ma' l-Anness VII u b'manjiera li biha jiżguraw konformità ma' l-Artikolu 22; u

(d) jilħqu l-ħtiġijiet speċifiċi preskritti fl-Anness VII.

L-Artikolu 20

It-tqegħid fis-suq u l-esportazzjoni ta' ikel ta' annimali domestiċi, *dogchews* u prodotti tekniċi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ikel ta' l-annimali domestiċi, *dogchews*, prodotti tekniċi oħra għajr dawk riferiti f'paragrafi 2 u 3, u dawk il-prodotti sekondarji ta' l-annimali riferiti fl-Anness VIII jitqiegħdu fis-suq jew jiġu esportati biss jekk:

(a) jilħqu jew:

(i) il-ħtiġijiet speċifiċi preskritti fl-Anness VIII, jew

(ii) meta prodott jista' jintuża kemm bħala prodott tekniku u bħala materjal ta' l-għalf, u l-Anness VIII ma jikkontjenix ħtiġijiet speċifiċi, il-ħtiġijiet speċifiċi preskritti mill-Kapitolu rilevanti ta' l-Anness VII; u

(b) jiġu minn impjanti approvati u sorveljati bi qbil ma' l-Artikolu 18, jew, fil-każ ta' prodotti sekondarji mill-annimali riferiti fl-Anness VIII, minn impjanti oħra approvati bi qbil mal-leġislazzjoni veterinarja Komunitarja.

▼M15

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fertilizzanti organiċi u prodotti li jtejbu l-ħamrija magħmula minn prodotti pproċessati, għajr dawk prodotti mid-demel u kontenut tas-sistema diġestiva, jitqiegħdu fis-suq jew jiġu esportati biss jekk jilħqu l-ħtiġijiet, jekk ikun hemm, preskritti mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni tal-kumitat xjentifiku xieraq. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼B

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li derivattivi tax-xaħam prodotti minn materjal ta' Kategorija 2 jitqiegħdu fis-suq jew jiġu esportati biss jekk:

(a) ikunu ġew ippreparati f'impjant oleokimiku ta' Kategorija 2 approvat bi qbil ma' l-Artikolu 14 minn xaħmijiet mirduda li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' materjal ta' Kategorija 2 f'impjant ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 2 approvat bi qbil ma' l-Artikolu 13 wara l-applikazzjoni ta' xi wieħed mill-metodi ta' l-ipproċessar 1 sa 5;

(b) ġew immaneġġjati, ipproċessati, maħżuna u trasportati bi qbil ma' l-Anness VI; u

(ċ) jilħqu xi ħtiġijiet speċifiċi preskritti fl-Anness VIII.

L-Artikolu 21

Miżuri ta' salvagwardja

L-Artikolu 10 tad-Direttiva 90/425/KEE għandu japplika għall-prodotti koperti mill-Annessi VII u VIII ma' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 22

Restrizzjonijiet dwar l-użu

1. L-użu li ġej ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali u prodotti pproċessati huwa pprojbit:

(a) it-tgħam ta' speċje b'proteina pproċessata ta' l-annimali derivata minn iġsma jew partijiet ta' iġsma ta' annimali ta' l-istess speċje;

(b) it-tgħam ta' annimali ta' l-irziezet għajr annimali bil-pil bi skart ta' l-ikel jew materjal ta' l-għalf li jikkontjeni jew huwa derivat minn skart ta' l-ikel; u

(ċ) l-applikazzjoni lill-art li tinħarat ta' fertilizzanti organiċi u prodotti li jtejbu l-ħamrija, għajr id-demel.

▼M15

2. Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi regoli dwar il-miżuri ta' kontroll. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

Għandhom jiġu adottati regoli oħra għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, f' konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 33(2).

▼M15

Jistgħu jingħataw derogi mill-punt (a) tal-paragrafu 1 rigward il-ħut u l-annimali bil-pil wara konsultazzjoni mal-kumitat xjentifiku kompetenti. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼B

KAPITOLU V

DEROGI

L-Artikolu 23

Id-derogi li jirrigwardaw l-użu ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali

1. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet kompetenti:

(a) l-użu ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali għal għanijiet dijanjostiċi, ta' edukazzjoni u ta' riċerka; u

(b) l-użu ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali għall-għanijiet ta' tassidermija f'impjanti tekniċi approvati għal dan l-għan bi qbil ma' l-Artikolu 18.

2. (a) L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ukoll l-użu ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali speċifikat f'subparagrafu (b) għat-tgħam ta' l-annimali speċifikatif'subparagrafu (ċ), taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet kompetenti u bi qbil mar-regoli preskritti fl-Anness IX.

(b) Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali riferiti fis-subparagrafu (a) huma:

(i) Materjal tal-Kategorija 2, basta iżda li jiġi minn annimali li ma nqatlux jew ma mietux bħala riżultat tal-preżenza jew preżenza suspettata ta' marda li tittieħed mill-bnedmin jew l-annimali, u

(ii) Materjal ta' Kategorija 3 riferit fl-Artikolu 6(1)(a) sa (j) u, soġġett għall-Artikolu 22, fl-Artikolu 6(1)(l);

(ċ) L-annimali riferiti f'(a) huma:

(i) annimali taż-żoo,

(ii) annimali taċ-ċirklu,

(iii) rettili u tjur tal-priża għajr annimali taż-żoo jew taċ-ċirklu,

(iv) annimali bil-pil,

(v) annimali selvaġġi li l-laħam tagħhom mhuwiex maħsub għall-konsum uman,

(vi) klieb minn *kennels* rikonoxxuti jew klieb tal-kaċċa, u

(vii) dud għal-lixka għas-sajd.

▼M15

(d) B'żieda ma' dan, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-użu, taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet kompetenti, ta' materjal ta' Kategorija 1 imsemmi fl-Artikolu 4(1)(b)(ii) għat-tgħam ta' speċje fil-perikolu jew protetti ta' tjur nekrofagi f' konformità mar-regoli preskritti mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà tal-Ikel. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼B

3. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni:

(a) bl-użu magħmul mid-derogi riferiti fil-paragrafu 2; u

(b) l-arranġamenti ta' verifikazzjoni mdaħħla biex jiżguraw li l-prodotti sekondarji ta' l-annimali kkonċernati huma użati biss għall-għanijiet awtorizzati.

4. Kull Stat Membru għandu jfassal lista ta' utenti u ċentri ta' ġbir awtorizzati u rreġistrati skond il-paragrafu 2(ċ)(iv), (vi) u (vii) fit-territorju tiegħu. Kull utent u ċentru tal-ġbir għandu jiġi assenjat numru uffiċjali għall-għanijiet ta' spezzjoni u biex l-oriġini tal-prodott kkonċernat ikun jista' jiġi ntraċċat.

L-awtorità kompetenti għandha tissorvelja l-fondijiet ta' utenti u ċentri ta' ġbir riferiti fis-subparagrafu ta' qabel u jkollha aċċess b'xejn għall-partijiet kollha ta' fondijiet bħal dawn fil-ħinijiet kollha, biex tiġi żgurata konformità mal-ħtiġijiet riferiti fil-paragrafu 2.

Jekk spezzjonijiet bħal dawn jiżvelaw li dawk il-ħtiġijiet mhumiex qed ikunu mħarsa, l-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni xierqa.

▼M15

5. Regoli dettaljati li jikkonċernaw miżuri ta' verifika jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼B

L-Artikolu 24

Derogi li jirrigwardaw il-qerda ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali

1. L-awtorità kompetenti tista', fejn meħtieġ, tiddeċiedi li:

(a) annimali domestiċi mejtin jistgħu jiġu meqruda direttament bħala skart permezz ta' dfin;

(b) il-prodotti sekondarji ta' l-annimali li ġejjin li joriġinaw f'żoni remoti jistgħu jiġu meqruda bħala skart permezz ta' ħruq jew dfin fuq il-post:

(i) Materjal ta' Kategorija 1 riferit fl-Artikolu 4(1)(b)(ii),

▼B

(ii) Materjal ta' kategorija 2, u

(iii) Materjal ta' kategorija 3; u

(ċ) prodotti sekondarji ta' l-annimali jistgħu jiġu meqruda bħala skart permezz ta' ħruq jew dfin fuq il-post fil-każ ta' mxija ta' marda msemmija f'Lista A ta' l-Uffiċċju Internazzjonali ta' Mard Epiżotiku (OIE), jekk l-awtorità kompetenti tirrifjuta trasport għall-eqreb impjant ta' inċinerazzjoni jew ta' l-ipproċessar minħabba fil-periklu ta' propogazzjoni ta' riskji tas-saħħa jew minħabba li mxija mifruxa ta' marda epiżootika twassal għal nuqqas ta' kapaċità f'impjanti bħal dawn.

2. L-ebda deroga ma tista' tingħata rigward materjal ta' Kategorija 1 riferit fl-Artikolu 4(1)(a)(i).

3. Fil-każ ta' materjal ta' Kategorija 1 riferit fl-Artikolu 4(1)(b)(ii), ħruq jew dfin jista' jseħħ bi qbil ma' paragrafu 1(b) jew (ċ) biss jekk l-awtorità kompetenti tawtorizza u tissorvelja l-metodu użat u hija sodisfatta li tipprekludi kull riskju ta' trasmissjoni ta' TSE.

4. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni:

(a) bl-użu li jagħmlu mill-possibbiltajiet ipprovduti fil-paragrafu 1(b) rigward materjal ta' Kategorija 1 u ta' Kategorija 2; u

(b) biż-żoni li jikkategorizzaw bħala żoni remoti għall-għan li japplikaw paragrafu 1(b) u r-raġunijiet għal dik il-kategorizzazzjoni.

5. L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa:

(a) biex tiżgura li l-ħruq jew id-dfin ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali ma jipperikolawx is-saħħa ta' l-annimal jew tal-bniedem; u

(b) biex tipprevjeni l-abbandun, rimi jew qerda mhux ikkontrollat ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali.

6. Arranġamenti dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu preskritti taħt il-proċedura riferita fl-Artikolu 33(2).

KAPITOLU VI

KONTROLLI U SPEZZJONIJIET

L-Artikolu 25

Awto-Spezzjonijiet ta' l-impjant innifsu

1. Operaturi u sidien ta' impjanti intermedji u ta' l-ipproċessar jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' dan ir-Regolament. Għandhom idaħħlu, jimplimentaw u jżommu proċedura permanenti żviluppata bi qbil mal-prinċipji tas-sistema ta' analiżi ta' periklu u punti ta' kontroll kritiċi (HACCP). Għandhom b'mod partikolari:

(a) jidentifikaw u jikkontrollaw il-punti ta' kontroll kritiċi fl-impjanti;

(b) jistabbilixxu u jimplimentaw metodi ta' monitorjaġġ u ta' spezzjonar ta' dawn il-punti ta' kontroll kritiċi;

▼B

(ċ) fil-każ ta' impjanti ta' l-ipproċessar, jieħdu kampjuni rappreżentattivi biex jispezzjonaw konformità:

(i) ta' kull lott ipproċessat bil-livelli stabbiliti għall-prodotti stabbiliti minn dan ir-Regolament, u

(ii) mal-livelli massimi permessi ta' residwi fiżikokimiċi preskritti fil-leġislazzjoni tal-Komunità;

(d) jirrekordjaw ir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet u t-testijiet riferiti f'punti (b) u (ċ) u jżommuhom għal perjodu ta' millinqas sentejn biex jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet kompetenti;

(e) jintroduċu sistema li tiżgura t-traċċabbiltà ta' kull lott mibgħut.

2. Fejn ir-riżultati ta' test fuq kampjuni meħuda skond il-paragrafu 1(ċ) ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, l-operaturi ta' l-impjant ta' l-ipproċessar iridu:

(a) jgħarrfu lill-awtorità kompetenti immedjatament bid-dettalji sħaħ tan-natura tal-kampjun u l-grupp lott minn liema ġie derivat;

(b) jistabbilixxu l-kawżi ta' nuqqas ta' konformità;

(ċ) jipproċessaw mill-ġdid jew jiddisponu mil-lott taħt is-sorveljanza ta' l-awtorità kompetenti;

(d) jiżguraw li l-ebda materjal suspettat jew magħruf bħala kkontaminat ma jitneħħa mill-impjant qabel ma jkun ipproċessat mill-ġdid taħt is-sorveljanza ta' l-awtorità kompetenti u kampjunat mill-ġdid uffiċjalment sabiex jikkonforma mal-livelli stabbiliti preskritti f'dan ir-Regolament, sakemm mhuwiex maħsub għall-qerda;

(e) iżidu l-frekwenza ta' kampjunar u testjar ta' produzzjoni;

(f) jinvestigaw rekords ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali xierqa għall-kampjun lest; u

(g) jinstigaw proċeduri xierqa ta' dekontaminazzjoni u ta' tindif fl-impjant.

▼M15

3. Il-Kummissjoni tista' tistipula regoli li jikkonċernaw il-frekwenza tal-verifiki u l-metodi ta' referenza għall-analiżi mikrobijoloġiċi. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

Kwalunkwe arranġamenti dettaljati oħra għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu preskritti taħt il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 33(2).

▼B

L-Artikolu 26

Kontrolli uffiċjali u listi ta' impjanti approvati

1. L-awtorità kompetenti għandha f'intervalli regolari twettaq spezzjonijiet u sorveljanza f'impjanti approvati bi qbil ma' dan ir-Regolament. Spezzjonijiet u sorveljanza ta' impjanti ta' l-ipproċessar għandhom jitwettqu bi qbil ma' l-Anness V, Kapitolu IV.

2. Il-frekwenza ta' l-ispezzjonijiet u s-sorveljanza għandha tiddependi fuq id-daqs ta' l-impjant, it-tip ta' prodotti fabbrikati, l-istima tar-riskju u garanziji offruti bi qbil mal-prinċipji tas-sistema ta' analiżi ta' periklu u punti ta' kontroll kritiċi (HACCP).

3. Jekk l-ispezzjoni mwettqa mill-awtorità kompetenti tiżvela li wieħed jew aktar mill-ħtiġijiet ta' dan ir-Regolament mhumiex qed jintlaħqu, l-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni xierqa.

4. Kull Stat Membru għandu jfassal lista ta' impjanti approvati bi qbil ma' dan ir-Regolament fit-territorju tiegħu. Għandu jassenja numru lil kull impjant, li jidentifika lill-impjanti rigward in-natura ta' l-attivitajiet tiegħu. L-Istat Membru għandu jibgħat kopji tal-lista u verżjonijiet aġġornati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

▼M15

5. Il-Kummissjoni tista' tistipula regoli li jikkonċernaw il-frekwenza tal-verifiki u l-metodi ta' referenza għall-analiżi mikrobijoloġiċi. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

Kwalunkwe arranġamenti dettaljati oħra għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu preskritti taħt il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 33(2).

▼B

KAPITOLU VII

IL-KONTROLLI TAL-KOMUNITÀ

L-Artikolu 27

Il-kontrolli tal-Komunità fl-Istati Membri

1. Esperti mill-Kummissjoni jistgħu jagħmlu spezzjonijiet fuq il-post, b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, safejn huwa meħtieġ għall-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri li qed jitwettqu spezzjonijiet fuq it-territorju tagħhom għandhom jipprovdu lill-esperti bl-għajnuna kollha meħtieġa biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti bir-riżultati tat-testijiet magħmula.

▼B

2. Regoli għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari dawk li jirregolaw il-proċedura għal kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, għandhom jiġu preskritti taħt il-proċedura riferita fl-Artikolu 33(2).

KAPITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦALL-IMPORTAZZJONI U T-TRANSITU TA' ĊERTI PRODOTTI SEKONDARJI TA' L-ANNIMALI U PRODOTTI DERIVATI MINNHOM

L-Artikolu 28

Dispożizzjonijiet ġenerali

Id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-importazzjoni ta' prodotti riferiti fl-Annessi VII u VIII minn pajjiżi li mhumiex membri m'għandhomx ikunu aktar favorevoli jew inqas favorevoli minn dawk applikabbli għall-produzzjoni u l-bejgħ fis-suq ta' dawk il-prodotti fil-Komunità.

▼M15

Madankollu, l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ikel ta' annimali domestiċi u materja prima għall-produzzjoni ta' ikel ta' annimali domestiċi, derivat minn annimali li ġew trattati b'ċerti sustanzi projbiti f' konformità mad-Direttiva 96/22/KE, għandhom jiġu permessi sakemm materja prima bħal din hija mmarkata b'mod permanenti u taħt kondizzjonijiet speċifiċi preskritti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼B

L-Artikolu 29

Projbizzjonijiet u konformità ma' regoli tal-Komunità

1. L-importazzjoni u t-transitu ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali u prodotti pproċessati għandhom jiġu projbiti, minbarra bi qbil ma' dan ir-Regolament.

2. L-importazzjoni fi, u t-transitu matul, il-Komunità tal-prodotti riferiti fl-Annessi VII u VIII jistgħu jseħħu biss jekk prodotti bħal dawn jissodisfaw il-ħtiġijiet iddikjarati f'paragrafi 3 sa 6.

3. Prodotti riferiti fl-Annessi VII u VIII għandhom, minbarra kif speċifikat mod ieħor f'dawk l-Annessi, jiġu minn pajjiż terz jew minn partijiet ta' pajjiżi terzi fuq lista li trid titfassal u tiġi aġġornata bi qbil mal-proċedura riferita fl-Artikolu 33(2).

Il-lista tista' tiġi kombinata ma' listi oħra mfassla għall-għanijiet tas-saħħa pubblika u ta' l-annimal.

Meta l-lista hija mfassla, għandhom jitqiesu b'mod partikolari:

(a) il-leġislazzjoni tal-pajjiż terz;

▼B

(b) l-organizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti u s-servizzi ta' l-ispezzjoni tagħha fil-pajjiż terz, il-poteri ta' dawk is-servizzi, is-sorveljanza li għaliha huma soġġetti, u l-awtorità tagħhom li jimmonitorjaw effettivament l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tagħhom;

(ċ) il-kondizzjonijiet tas-saħħa attwali applikati għall-produzzjoni, fabbrikazzjoni, immaneġġjar, ħażna u kunsinna ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-Komunità;

(d) l-assigurazzjonijiet li l-pajjiż terz jista' jagħti rigward konformità mal-kondizzjonijiet tas-saħħa rilevanti;

(e) l-esperjenza ta' bejgħ fis-suq tal-prodott mill-pajjiż terz u r-riżultati ta' spezzjonijiet ta' importazzjoni mwettqa;

(f) ir-riżultat ta' xi spezzjonijiet tal-Komunità fil-pajjiż terz;

(g) l-istat tas-saħħa tal-bhejjem ħajjin, annimali domestiċi u selvaġġina oħra fil-pajjiż terz, b'konsiderazzjoni partikolari lejn mard eżotiku ta' l-annimali u xi aspetti tas-sitwazzjoni ġenerali tas-saħħa fil-pajjiż li jista' joħloq riskju għas-saħħa pubblika jew ta' l-annimali fil-Komunità;

(h) ir-regolarità u l-velocità li biha l-pajjiż terz iforni tagħrif dwar l-eżistenza ta' mard infettiv u li jittieħed ta' l-annimali fit-territorju tiegħu, b'mod partikolari l-mard imsemmi f'Listi A u B ta' l-OIE jew, fil-każ ta' mard ta' annimali ta' l-akwakultura, il-mard notifikabbli kif preskritt fil-Kodiċi tas-Saħħa ta' l-Annimal Akwatiku ta' l-OIE;

(i) ir-regolamenti dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' infezzjonijiet jew mard ta' l-annimali li jittieħed fis-seħħ fil-pajjiżi terzi u l-implimentazzjoni tagħhom, inklużi regoli dwar importazzjonijiet minn pajjiżi oħra.

4. Prodotti riferiti fl-Annessi VII u VIII, minbarra prodotti tekniċi, iridu jiġu minn impjanti fuq lista tal-Komunità mfassla taħt il-proċedura riferita fl-Artikolu 33(2) fuq il-bażi ta' komunikazzjoni lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li jiddikjaraw li l-impjant jikkonforma mal-ħtiġijiet tal-Komunità u huwa soġġett għal servizz ta' spezzjoni uffiċjali fil-pajjiż terz.

Il-listi ta' l-approvazzjoni għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri bil-modifikazzjonijiet proposti mill-pajjiż terz ikkonċernat għal-listi ta' l-impjanti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mill-irċevuta tal-modifikazzjonijiet proposti;

(b) l-Istati Membri għandu jkollhom seba' ġranet tax-xogħol, minn meta jirċievu l-modifikazzjonijiet għal-listi ta' l-impjanti riferiti f'(a), biex jibgħatu xi kummenti bil-miktub lill-Kummissjoni;

(ċ) meta għall-inqas Stat Membru wieħed jagħmel kummenti bil-miktub, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol u jinkludu l-punt dwar l-aġenda tal-laqgħa li jkun imiss tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u tas-Saħħa ta' l-Annimali għal deċiżjoni taħt il-proċedura riferita fl-Artikolu 33(2);

▼B

(d) meta l-Kummissjoni ma tirċievi l-ebda kummenti mill-Istati Membri fil-limitu taż-żmien riferit fis-sottoparagrafu (b), l-Istati Membri għandom jiġu kkunsidrati li jkunu aċċettaw il-modifikazzjonijiet għal-lista. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol, u importazzjonijiet għandhom jiġu awtorizzati minn impjanti bħal dawn ħamest ijiem ta' xogħol wara li l-Istati Membri jkunu rċevew dan it-tagħrif.

5. Prodotti tekniċi riferiti fl-Anness VIII iridu jiġu minn impjanti li l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi jkunu approvaw u rreġistraw.

6. Minbarra kif speċifikat mod ieħor fl-Annessi VII u VIII, ċertifikat tas-saħħa li jikkorrispondi mal-mudell preskritt fl-Anness X, li jiċċertifika li l-prodotti jilħqu l-kondizzjonijiet riferiti f'dawk l-Annessi u jiġu minn impjanti li joffru kondizzjonijiet bħal dawn, irid jakkompanja kunsinni ta' prodotti riferiti f'dawk l-Annessi.

7. Sakemm issir il-kompilazzjoni tal-lista pprovduta fil-paragrafu 4 u l-adozzjoni ta' ċertifikati mudell kif riferit fil-paragrafu 6, l-Istati Membri jistgħu jżommu ċ-ċertifikati pprovduti taħt regoli nazzjonali eżistenti.

L-Artikolu 30

L-ekwivalenza

1. Skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 33(2), deċiżjoni tista' tittieħed li tgħarraf li l-miżuri tas-saħħa applikati minn pajjiż terz, grupp ta' pajjiżi terzi jew reġjun ta' pajjiż terz għall-produzzjoni, fabbrikazzjoni, maneġġjar, ħażna u trasport ta' kategorija waħda jew aktar ta' prodotti riferiti fl-Annessi VII u VIII joffru garanziji ekwivalenti għal dawk applikati fil-Komunità, jekk il-pajjiż terz iforni prova oġġettiva f'dan ir-rigward.

Id-deċiżjoni għandha tfassal il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjoni u/jew it-tranistu ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali minn dak ir-reġjun, pajjiż jew grupp ta' pajjiżi.

2. Il-kondizzjonijiet riferiti fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:

(a) in-natura u l-kontenut taċ-ċertifikat tas-saħħa li jrid jakkompanja l-prodott;

(b) ħtiġijiet speċifiċi tas-saħħa applikabbli għal importazzjoni, u/jew transitu matul, il-Komunità; u

(ċ) fejn meħtieġ, proċeduri għat-tfassil u emendar ta' listi ta' reġjuni jew impjanti minn liema importazzjonijiet u/jew transitu huma permessi.

▼B

3. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu preskritti taħt il-proċedura riferita fl-Artikolu 33(2).

L-Artikolu 31

Spezzjonijiet u verifiki tal-Komunità

1. Esperti mill-Kummissjoni, fejn xieraq akkumpanjati minn esperti mill-Istati Membri, jistgħu jwettqu spezzjonijiet fuq il-post bil-ħsieb li:

(a) titfassal il-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom u l-istabbilizzazzjoni ta' kondizzjonijiet għall-importazzjoni u/jew it-transitu;

(b) ssir verifika ta' konformità ma':

(i) il-kondizzjonijiet għall-inklużjoni f'lista tal-Komunità ta' pajjiżi terzi,

(ii) il-kondizzjonijiet ta' importazzjoni u/jew transitu,

(iii) il-kondizzjonijiet biex tintgħaraf ekwivalenza ta' miżuri,

(iv) xi miżuri ta' emerġenza applikati taħt leġislazzjoni tal-Komunità.

Il-Kummissjoni għandha taħtar esperti mill-Istati Membri responsabbli għal dawn l-ispezzjonijiet.

2. L-ispezzjonijiet riferiti fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu f'isem il-Komunità, li għandhom jilħqu l-ispejjeż li ntefqu.

3. Il-frekwenza ta' u l-proċedura għall-ispezzjonijiet riferiti fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu speċifikati bi qbil mal-proċedura riferita fl-Artikolu 33(2).

4. Jekk spezzjoni riferita fil-paragrafu 1 tiżvela ksur serju tar-regoli tas-saħħa, il-Kummissjoni għandha immedjatament issaqsi lill-pajjiż terz biex jieħu miżuri xierqa jew għandha tissospendi kunsinni ta' prodotti u immedjatament tinforma lill-Istati Membri.

KAPITOLU IX

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

L-Artikolu 32

Emendi għall-Annessi u miżuri transizzjonali

▼M15

1. Wara konsultazzjoni mal-kumitat xjentifiku xieraq dwar xi domanda li jista' jkollha impatt fuq is-saħħa tal-annimali jew is-saħħa pubblika, l-Annessi jistgħu jiġu emendati jew supplimentati u xi miżuri transizzjonali xierqa jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni.

Miżuri tranżitorji u miżuri li jemendaw jew jissupplimentaw l-Annessi mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissuplementawh, b'mod partikulari bl-inklużjoni ta' aktar speċifikazzjonijiet dwar ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, se jkunu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3). Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 33(4).

▼M15

Jistgħu jiġu adottati miżuri oħra tranżitorji f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 33(2).

▼B

2. Rigward il-projbizzjoni fuq l-għalf ta' skart ta' l-ikel riferit fl-Artikolu 22, fejn sistemi ta' kontroll xierqa huma fis-seħħ fl-Istati Membri qabel l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, miżuri transizzjonali għandhom jiġu adottati bi qbil mal-paragrafu 1, biex jiġi permess l-użu ssoktat ta' għalf f'ċerti tipi ta' skart ta' l-ikel taħt ċirkostanzi kontrollati strettament għal perjodu ta' mhux aktar minn erba' snin mill-1 ta' Novembru 2002. Dawn il-miżuri għandhom jiżguraw li ma hemmx riskju mhux mistħoqq għas-saħħa ta' l-annimali jew is-saħħa pubblika matul il-perjodu transizzjonali.

▼M15

Artikolu 33

Il-proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assisstita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali, minn issa 'l quddiem msejħa "il-Kumitat".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE wara li jkunu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 li jinsabu fiha.

Il-perjodu ta' żmien preskritt fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' 15-il ġurnata.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1), (2), (4) u (6), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

▼B

L-Artikolu 34

Konsultazzjoni ta' kumitati xjentifiċi

Il-kumitati xjentifiċi xierqa għandhom jiġu kkonsultati fuq xi materja fl-iskop ta' dan ir-Regolament li jista' jkollu effett fuq is-saħħa ta' l-annimali jew is-saħħa pubblika.

L-Artikolu 35

Dispożizzjonijiet nazzjonali

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ta' xi liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'dan ir-Regolament.

▼B

2. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda biex jiżguraw konformità ma' dan ir-Regolament fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ tiegħu. Fuq il-bażi tat-tagħrif irċevut, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposti leġislattivi.

3. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu regoli nazzjonali li jirrestrinġu l-użu ta' fertilizzanti organiċi u prodotti li jtejbu l-ħamrija aktar milli previst f'dan ir-Regolament sakemm ikun hemm l-adozzjoni ta' regoli tal-Komunità għall-użu tagħhom bi qbil ma' l-Artikolu 20(2). L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu regoli nazzjonali li jirrestrinġu l-użu ta' derivattivi tax-xaħam minn materjal ta' Kategorija 2 aktar milli previst f'dan ir-Regolament sakemm ikun hemm iż-żieda ta' l-Anness VIII ta' regoli tal-Komunità għall-użu tagħhom bi qbil ma' l-Artikolu 32.

L-Artikolu 36

L-arranġamenti finanzjarji

Il-Kummissjoni għandha tipprepara rapport dwar l-arranġamenti finanzjarji fl-Istati Membri għall-ipproċessar, ġbir, ħażna u rimi/qerda ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali akkumpanjat minn proposti xierqa.

L-Artikolu 37

Ir-Revoka

Id-Direttiva 90/667/KEE u d-Deċiżjonijiet 95/348/KE u 1999/534/KE għandhom jiġu mħassra b'effett minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Ir-referenzi għad-Direttiva 90/667/KEE għandhom jitqiesu minn dik id-data bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

L-Artikolu 38

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jgħodd sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu. Madankollu, l-Artikolu 12(2) għandu jgħodd kif speċifikat fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2000/76/KE u l-Artikoli 22(1)(b) u 32 għandhom jgħoddu mill-1 ta' Novembru 2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

L-ANNESS I

DEFINIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

Għall-għan ta' dan ir-Regolament:

▼M9

1. "prodotti sekondarji ta' l-apikultura' jfissru għasel, xama" tan-naħal, *jelly* tan-naħal ħaddiem (*royal jelly*), żaftura (propolis) jew polline mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

▼B

2. "lott" ifisser unità ta' produzzjoni prodotta f'impjant wieħed permezz ta' parametri ta' produzzjoni uniformi – jew numru ta' unitajiet bħal dawn, meta maħżuna flimkien – u li jistgħu jiġu identifikati għall-għanijiet ta' sejħa lura u trattament mill-ġdid jew rimi/qerda jekk it-testijiet juru li dan huwa meħtieġ;

3. "impjant biogas" ifisser impjant li fih degradazzjoni bijoloġika ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali ssir taħt kondizzjonijiet anaerobiċi għall-produzzjoni u l-ġbir ta' biogas;

4. "prodotti tad-demm" ifissru prodotti derivati mid-demm jew frazzjonijiet tad-demm, minbarra ikel mid-demm; jinkludu plasma imnixxfa/iffriżata/-likwida, demm sħiħ imnixxef, ċelloli ħomor jew frazzjonijiet minnhom imnixxfa/iffriżati/likwidi u taħlitiet;

5. "demm" ifisser demm sħiħ frisk;

▼M14

6. "dqiq tad-demm" ifisser prodotti dderivati mit-trattament bis-sħana ta' demm jew frazzjonijiet ta' demm bi qbil ma' l-Anness VII, Kapitolu II, u maħsuba għall-konsum mill-annimali jew għal fertilizzanti organiċi;

▼B

7. "ikel ta' l-annimali domestiċi fil-landa" ifisser ikel ta' l-annimali domestiċi ipproċessat miżmum ġo kontenitur issiġillat ermetikament;

8. "impjant intermedju ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2" ifisser impjant li fih materjal ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2 mhux ipproċessat huwa mmaneġġjat u/jew maħżun temporanjament għall-għan ta' aktar trasportazzjoni lejn id-destinazzjoni finali tiegħu u fejn ċerti attivitajiet preliminari, bħal ma huma t-tneħħija ta' ġlud ta' barra u ġlud u twettieq ta' eżamijiet ta' wara l-mewt, jistgħu jseħħu;

9. "impjant ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 1" ifisser impjant li fih materjal ta' Kategorija 1 huwa pproċessat qabel il-qerda/rimi finali tiegħu;

10. "impjant oleokimiku ta' Kategorija 2" ifisser impjant li jipproċessa xaħmijiet mirduda derivati minn materjal ta' Kategorija 2 taħt kondizzjonijiet iddikjarati fl-Anness VI, Kapitolu III;

11. "impjant ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 2" ifisser impjant li fih materjal ta' Kategorija 2 huwa pproċessat qabel il-qerda/rimi finali tiegħu, aktar trasformazzjoni jew użu;

12. "impjant intermedju ta' Kategorija 3" ifisser impjant li fih materjal ta' Kategorija 3 mhux ipproċessat huwa magħżul u/jew imqatta' u/jew imkessaħ jew iffriżat qawwi fi blokki u/jew maħżun temporanjament għall-għan ta' aktar trasportazzjoni lejn id-destinazzjoni finali tiegħu;

13. "impjant oleokimiku ta' Kategorija 3" ifisser impjant li jipproċessa xaħmijiet mirduda derivati minn materjal ta' Kategorija 3;

14. "impjant ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 3" ifisser impjant li fih materjal ta' Kategorija 3 huwa pproċessat ġo proteina ta' l-annimali proċessata u prodotti oħra proċessati li jistgħu jintużaw bħala materjal ta' l-għalf;

▼M1

15. “skart tal-kċina” ifisser l-ikel kollu għar-rimi inkluż żejt ta’ l-ikel li joriġina minn ristoranti, postijiet ta’ forniment ta’ l-ikel u kċejjen, inkluż kċejjen ċentrali u kċejjen tad-djar;

▼B

16. “impjant ta’ ko-inċinerazzjoni” ifisser post tar-rimi/qerda kif definit fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2000/76/KE;

17. “ko-inċinerazzjoni” ifisser ir-rimi/qerda ta’ prodotti sekondarji ta’ l-annimali jew prodotti derivati minnhom f’impjant ta’ ko-inċinerazzjoni;

18. “ċentri ta’ ġbir” ifissru fondijiet li jiġbru u jittrattaw ċerti prodotti sekondarji ta’ l-annimali maħsuba għall-użu għall-għalf ta’ l-annimali speċifikati fl-Artikolu 23(2)(ċ);

19. “impjant fejn isir il-kompost” ifisser impjant li fih degradazzjoni bijoloġiku ta’ prodotti li joriġinaw mill-annimali isir taħt kondizzjonijiet anaerobic;

20. “residwi ta’ diġestjoni” ifissru residwi li jirriżultaw mit-trasformazzjoni ta’ prodotti sekondarji ta’ l-annimali f’impjant biogas;

21. “kontenut tas-sistema diġestiva” ifisser il-kontenut tas-sistema diġestiva ta’ mammiferi u ratites, sewwa jekk separati mis-sistema diġestiva u sewwa jekk le;

22. “dogchews” ifissru prodotti untanned biex annimali domestiċi jgħomoduhom, prodotti minn ġlud ta’ barra u ġlud ta’ annimali bid-dwiefer imgħawwġa (ungulati) jew materjal ieħor ta’ l-annimali;

23. “materjal ta’ l-għalf” ifisser dawk il-materjali ta’ l-għalf, kif definiti fid-Direttiva 96/25/KE ([1]), li huma ta’ oriġini annimali inklużi proteini pproċessati ta’ l-annimali, prodotti tad-demm, xaħmijiet mirduda, żejt tal-ħut, derivattivi tax-xaħam, ġelatina u proteini idrolizzati, fosfat tad-dicalcium, ħalib, prodotti bbażati fuq il-ħalib u l-colostrum;

24. “ikel mill-ħut” ifisser proteina pproċessata mill-annimali derivata minn annimali tal-baħar, minbarra mammiferi tal-baħar;

25. “annimali bil-pil” ifissru annimali miżmuma jew imrobbija għall-produzzjoni ta’ pil u mhux użati għall-konsum uman;

26. “ġelatina” tfisser proteina naturali, solubbli, *gelling* jew *non-gelling*, miksuba mill-idroliżi parzjali ta’ kollaġen prodotti minn għadam, ġlud ta’ barra u ġlud, *tendons* u *sinews* ta’ annimali (inklużi ħut u tjur);

27. “qasab tas-sieq (gambalijiet)” ifissru r-residwu li jikkontjeni l-proteina ta’ radd, wara separazzjoni parzjali ta’ xaħam u ilma;

28. “kontenitur siġillat ermetikament” ifisser kontenitur li huwa ddisinjat u maħsub biex ikun sikur kontra d-dħul ta’ mikro-organiżmi;

29. “ġlud ta’ barra u ġlud” ifissru tessuti tal-ġilda (cutaneous) u ta’ taħt il-ġilda (subcutaneous);

30. “impjant ta’ inċinerazzjoni ta’ kapaċità għolja” ifisser impjant ta’ inċinerazzjoni ieħor għajr dak ta’ impjant ta’ inċinerazzjoni ta’ kapaċità baxxa;

31. “proteini idrolizzati” ifissru *polypeptides, peptides* u amino-aċidi, u taħlitiet minnhom, miksuba permezz ta’ l-idroliżi ta’ prodotti sekondarji ta’ l-annimali;

32. “impjant ta’ inċinerazzjoni” ifisser post tar-rimi/qerda kif definit fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2000/76/KE;

33. “inċinerazzjoni” tfisser ir-rimi/qerda ta’ prodotti sekondarji ta’ l-annimali jew prodotti derivati minnhom f’impjanti ta’ inċinerazzjoni;

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/25/KE tad-29 ta’ April 1996 dwar iċ-ċirkolazzjoni ta’ materjali ta’ l-għalf, li temenda d-Direttivi 70/524/KEE, 74/63/KEE, 82/471/KEE u 93/74/KEE u tħassar id-Direttiva 77/101/KEE (ĠU L 125, tat-23.5.1996, p. 35). Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/46/KE (ĠU L 234, ta’ l-1.9.2001, p. 55).

▼B

34. “reaġent tal-laboratorju” ifisser prodott ppakkeġġjat, lest għall-użu mill-utent ta’ l-aħħar, li jikkontjeni prodott tad-demm, u maħsub għall-użu tal-laboratorju bħala reaġent jew prodott tar-reaġent, sewwa jekk użat waħdu u sewwa jekk f’kombinazzjoni;

35. “miżbla” ifisser post tar-rimi/qerda kif definit mid-Direttiva 1999/31/KE;

36. “impjant ta’ inċinerazzjoni ta’ kapaċità baxxa” ifisser impjant ta’ inċinerazzjoni b’*throughput* ta’ inqas minn 50 kg ta’ prodotti sekondarji ta’ l-annimal kull siegħa;

▼M1

37. “demel” ifisser il-ħmieġ kollu u/jew l-urina ta’ annimali tar-razzett, biż-żibel jew mingħajr, jew gwanu, li jista’ jkun kemm proċessat kemm le skond il-Kapitolu III ta’ l-Anness VIII jew b’xi mod mibdul f’apparati ta’ biogass jew kompost;

▼B

38. “fertilizzanti organiċi u prodotti li jtejbu l-ħamrija” ifissru materjali medji li joriġinaw mill-annimali użati biex iżommu jew itejbu nutriment ta’ pjanti u l-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi u l-attività bijoloġika ta’ ħamrija, jew separatament jew flimkien; jistgħu jinkludu demel, kontenut tas-sistema diġestiva, kompost u residwi tad-diġestjoni;

▼M6

39. “art għall-mergħa” tfisser art mgħottija bil-ħaxix jew ħxejjex oħrajn fejn jirgħu jew li ntużat bħala għalf għall-annimali tal-biedja, li teskludi art fejn ġew applikati fertilizzanti organiċi u *improvers* tal-ħamrija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 181/2006 ([1]);

▼B

40. ►**M2** “impjant ta' l-ikel ta' l-annimali domestiċi” tfisser impjant li jipproduċi l-ikel ta' l-annimali domestiċi jew magħda tal-klieb jew interjuri bit-togħma u li fihom ċerti prodotti sekondarji ta' l-annimali huma użati fil-preparazzjoni ta' tali ikel ta' l-annimali domestiċi jew magħda tal-klieb jew interjuri bil-togħma; ◄

41. “ikel ta’ l-annimali domestiċi” ifisser ikel għal annimali domestiċi li jikkontjenu materjal ta’ Kategorija 3;

▼M9

42. “proteini ta’ l-annimali pproċessati” jfissru proteini ta’ l-annimali derivati fl-intier tagħhom minn materjal tal-Kategorija 3, li jkunu ġew ittrattati skond il-Kapitolu II ta’ l-Anness VII sabiex isiru tajbin għall-użu dirett bħala materjal għall-għalf jew għal xi użu ieħor f' għalf, inkluż ikel għall-annimali domestiċi, jew għall-użu f’fertilizzanti organiċi jew prodotti li jtejbu l-ħamrija; madankollu, dawn ma jinkludux prodotti tad-demm, ħalib, prodotti b’bażi ta’ ħalib, kolostru, ġelatina, proteini idrolizzati u *dicalcium phosphate*, bajd u prodotti mill-bajd, *tricalcium phosphate* u kollaġeni;

▼B

43. “ikel ta’ l-annimali domestiċi pproċessat” ifisser ikel ta’ l-annimali domestiċi, li għadda minn trattament bi qbil mal-ħtiġijiet ta’ l-Anness VIII;

44. “prodotti ipproċessati” ifissru prodotti sekondarji ta’ l-annimali li għaddew minn wieħed mill-metodi ta’ l-ipproċessar jew trattament ieħor meħtieġ mill-Anness VII jew VIII;

45. “metodi ta’ l-ipproċessar” ifissru l-metodi mniżżla f’lista fl-Anness V, Kapitolu III;

46. “impjant ta’ l-ipproċessar” ifisser impjant ta’ l-ipproċessar ta’ prodotti sekondarji ta’ l-annimali;

([1]) ĠU L 29, 2.2.2006, p. 31

▼B

47. “prodott użat għal dijanjosi in vitro” ifisser prodott ippakkeġġjat, lest għall-użu mill-utent ta’ l-aħħar, li jikkontjeni prodott tad-demm, u huwa użat bħala reaġent, prodott tar-reaġent, kalibratur, kitt jew xi sistema oħra, sewwa jekk użat waħdu u sewwa jekk f’kombinazzjoni, maħsuba għall-użu in vitro għall-eżami ta’ kampjuni ta’ oriġini umana jew mill-annimali, bl-eċċezzjoni ta’ organi jew demm donat, bil-ħsieb biss jew prinċipalment tad-dijanjosi ta’ stat fisjoloġiku, stat ta’ saħħa, mard jew anormalità ġenetika jew biex jiġi stabbilit sigurtà u kompatibbilità mar-reaġenti;

48. “ikel ta’ annimali domestiċi nej” ifisser ikel ta’ l-annimali domestiċi li m’għaddiex minn xi proċess ta’ preservazzjoni ieħor għajr tkessieħ, iffriżar jew iffriżar malajr biex jiġi żgurat preservazzjoni;

49. “żoni remoti” ifissru żoni fejn il-popolazzjoni ta’ l-annimali tant hija żgħira, u fejn faċilitajiet tant huma ’l bogħod, li l-arranġamenti meħtieġa għall-ġbir u għat-trasport ikunu oneruži b’mod mhux aċċettabbli meta mqabbla ma’ rimi/qerda lokali;

50. “xaħmijiet mirduda” ifissru xaħmijiet derivati mill-ipproċessar ta’ materjal ta’ Kategorija 2 jew materjal ta’ Kategorija 3;

51. “maħżen” ifisser impjant, għajr stabbilimenti u intermedjarji koperti mid-Direttiva 95/69/KE ([1]), li fih prodotti pproċessati huma temporanjament maħżuna qabel l-użu jew ir-rimi/qerda finali tagħhom;

52. “l-ikkunzar” ifisser li l-ġlud ta’ barra jsiru aktar iebsa, permezz ta’ aġenti ta’ l-ikkunzar veġetali, imluħa tal-kromju jew sustanzi oħra bħal ma huma l-imluħa ta’ l-aluminju, l-imluħa ferriċi, l-imluħa siliċi, l-aldeidi u l-kwinoni, jew aġenti oħra sintetiċi użati biex iwebbsu;

53. “impjant tekniku” ifisser impjant li fih prodotti sekondarji ta’ l-annimali huma wżati biex jipproduċu prodotti tekniċi;

54. “prodotti tekniċi” ifissru prodotti direttament derivati minn ċerti prodotti sekondarji ta’ l-annimali, maħsuba għal għanijiet oħra għajr għall-konsum uman jew ta’ l-annimali, inklużi ġlud ta’ barra u ġlud ikkunzati, trofej tal-kaċċa, suf proċessat, xagħar, lanżit, rix u partijiet tar-rix, semen ta’ l-equidae, prodotti tad-demm, farmaċewtiċi, mezzi mediċi, kosmetiċi, prodotti ta’ l-għadam għal china, ġelatina u kolla, fertilizzanti organiċi, prodotti li jtejbu l-ħamrija, xaħmijiet mirduda, derivattivi tax-xaħam, demel ipproċessat u ħalib u prodotti bbażati fuq il-ħalib;

▼M1

55. “rix mhux proċessat u partijiet minn rix” ifisser rix u partijiet minn rix li ma kinux trattati bil-fwar jew b’xi metodu ieħor li jiżgura li ma jibqgħux patoġeni;

56. “suf mhux proċessat” iffiser suf tan-nagħaġ li ma ġiex maħsul fil-fabbriki, li ma nkisibx mill-kunzatura, jew li kien trattat b’xi metodu ieħor li jiżgura li ma jibqgħux patoġeni;

57. “xagħar mhux proċessat” ifisser xagħar ta’ annimal li jixtarr li ma ġiex maħsul fil-fabbriki, li ma nkisibx mill-kunzatura, jew li kien trattat b’xi metodu ieħor li jiżgura li ma jibqgħux patoġeni;

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 95/69/KE tat-22 ta' Diċembru 1995 li tippreskrivi l-kondizzjonijiet u l-arranġamenti biex jiġu approvati u rreġistrati ċerti stabbilimenti u intermedjarji li joperaw fis-settur ta' l-għalf ta' l-annimali u li temenda d-Direttivi 70/524/KEE, 74/63/KEE, 79/373/KEE u 82/471/KEE (ĠU L 332, tat-30.12.1995, p. 15). Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 1999/29/KE (ĠU L 115, ta' l-4.5.1999, p. 32).

▼M1

58. “lanżit mhux proċessati tal-majjal” ifissru lanżit tal-majjal li ma ġiex maħsul fil-fabbriki, li ma nkisibx mill-kunzatura, jew li kien trattat b’xi metodu ieħor li jiżgura li ma jibqgħux patoġeni;

59. “kollaġenu” jfisser prodotti bbażati fuq il-proteina miksuba minn ġlud ħoxnin, ġlud u għeruq ta’ annimali, inkluż l-għadam fil-każ tal-majjali, tjur u ħut;

60. “screenings” tfisser materjal viżibbli solidu ta’ l-annimali li jeħel fil-passatur wżat meta proċess ta’ qabel it-trattament kif imsemmi fl-Anness II, Kapitolu IX, hu bżonnjuż;

61. “taħlita ta’ xaħam u żjut” ifisser materjali ta’ l-annimali li jgħumu f’wiċċ l-ilma miġbura fil-wiċċ ta’ l-apparat li jneħħi x-xaħam mid-dranaġġ meta proċess ta’ qabel it-trattament kif imsemmi fl-Anness II, Kapitolu IX, hu bżonnjuż;

62. “tajn” ifisser materjal viżibbli solidu ta’ l-annimali jew naqal li jinsab fil-kanali tad-dranaġġ fejn proċess ta’ qabel it-trattament kif imsemmi fl-Anness II, Kapitolu IX, hu bżonnjuż;

63. “residwi mill-proċess ta’ tneħħija tar-ramel” ifissru residwi viżibbli solidi ta’ l-annimali jew naqal li jinstab fis-sistema ta’ tneħħija tar-ramel fejn dawn ikunu jiffurmaw parti minn proċess ta’ qabel it-trattament imsemmi fl-Anness II, Kapitolu IX;

▼M2

64. “interjuri bit-togħma” tfisser prodott proċessat, likwidu jew imqadded, ta' oriġini ta' l-annimali, użat sabiex iqawwi il-valuri tal-palat ta' l-ikel ta' l-annimali domestiċi;

▼M10

65. “l-għoti ta’ kuluri għall-identifikazzjoni” tfisser l-użu sistematiku ta’ kuluri kif iddefinit fil-Kapitolu I ta’ l-Anness II biex jintwera t-tagħrif kif stipulat f’dan ir-Regolament fuq is-superfiċi jew fuq il-parti tas-superfiċi ta’ l-imballaġġ, il-kontenitur jew vettura, jew fuq tabella jew simbolu applikat għalihom.

▼B

L-ANNESS II

HTIĠIJIET TA' IĠJENE GĦALL-ĠBIR U T-TRASPORT TA' PRODOTTI SEKONDARJI TA' L-ANNIMALI U PRODOTTI PPROĊESSATI

▼M10

KAPITOLU I

Identifikazzjoni

1. Il-miżuri kollha meħtieġa jridu jittieħdu biex jiġi żgurat li:

   (a) Il-materjali tal-Kategorija 1, il-Kategorija 2 u l-Kategorija 3 huma identifikabbli u miżmuma separatament u huma identifikabbli matul il-ġbir u t-trasport;

   (b) il-prodotti proċessati huma identifikabbli u miżmuma separatament u huma identifikabbli matul it-trasport;

   (ċ) sustanza li timmarka għall-identifikazzjoni ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali jew prodotti proċesati ta' kategorija speċifika li hi użata biss għall-kategorija li l-użu tagħha hu meħtieġ skond dan ir-Regolament, jew hu stabbilit jew stipulat skond il-punt 4; kif ukoll

   (d) prodotti sekondarji ta' l-annimali jew prodotti proċessati huma mibgħuta minn Stat Membru għall-ieħor f'imballaġġi, kontenituri jew vetturi li huma, għallinqas tul il-perjodu tat-trasport, immarkati bil-kulur prominenti li ma jitħassarx kif ġej:

      (i) fil-każ tal-materjali tal-Kategorija 1, l-użu tal-kulur iswed;

      (ii) fil-każ tal-materjali tal-Kategorija 2 (għajr demel u kontenut tas-sistema diġestiva), l-użu tal-kulur isfar;

      (iii) fil-każ tal-materjali tal-Kategorija 3, l-użu tal-kulur aħdar b'kontenut għoli ta' blu biex jiġi żgurat li hu distingwibbli b'mod ċar mill-kuluri l-oħra.

2. Tul it-trasport, tabella mehmuża ma' l-imballaġġ, il-kontenitur jew il-vettura għandha:

   (a) tindika b'mod ċar il-kategorija tal-prodotti sekondarji ta' l-annimali jew, fil-każ ta' prodotti proċessati, il-kategorija ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali minn liema ġew derivati l-prodotti proċessati; kif ukoll

   (b) ikollha fuqha l-kliem li ġejjin:

      (i) fil-każ tal-materjal tal-Kategorija 3, il-kliem "mhux għall-konsum uman";

      (ii) fil-każ tal-materjal tal-Kategorija 2 (għajr demel u kontenut tas-sistema diġestiva) u l-prodotti proċessati derivati minnhom, "mhux għall-konsum ta' l-annimali"; madankollu, meta l-materjal tal-Kategorija 2 hu maħsub biex jintemgħu l-annimali msemmi fil-punt (ċ) ta' l-Artikolu 23(2) skond il-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu, it-tabella għandha minflokk tindika "biex jingħata biex jintemgħu l- …" komplut bl-isem ta' l-ispeċi speċifika ta' dawn l-annimali li għalihom l-materjal hu maħsub li jingħata għall-għalf;

      (iii) fil-każ tal-materjal tal-Kategorija 1 u prodotti proċessati derivati minnu, l-kliem "għar-rimi biss";

      (iv) fil-każ ta' demel u kontenut tas-sistema diġestiva, il-kelma "demel".

3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu sistemi jew jistipulaw regoli għall-għoti ta' kuluri għall-identifikazzjoni ta' l-imballaġġ, il-kontenituri jew il-vetturi użati għat-trasport tal-prodotti sekondarji ta' l-annimali u l-prodotti proċessati li joriġinaw minn jew li jibqgħu fit-territorju tagħhom, dment li dawn is-sistemi jew regoli ma jfixxklux is-sistema ta' l-għoti tal-kuluri għall-identifikazzjoni stipulata fil-punt 1(d).

▼M10

4. Mingħajr ħsara għall-punt 3 ta' l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu sistemi jew jistipulaw regoli għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali li joriġinaw minn jew li jibqgħu fit-territorju tagħhom dment li dawn is-sistemi jew regoli ma jkunu f'kunflitt mar-rekwiżiti tat-tqegħid fis-suq stipulati għall-prodotti proċessati fil-Kapitolu I ta' l-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

5. B'deroga mill-punti 3 u 4, l-Istati Membri jistgħu jużaw is-sistemi jew regoli msemmija f'dawk il-punti għall-prodotti sekondarji ta' l-annimali li joriġinaw minn iżda mhux maħsuba li jibqgħu fit-territorju jekk l-Istat Membru jew pajjiż terz ta' destinazzjoni kkomunika l-ftehim tiegħu.

▼B

KAPITOLU II

Vetturi u kontenituri

1. Prodotti sekondarji ta' l-annimali u prodotti pproċessati jridu jinġabru u jiġu trasportati f'pakkeġġjar siġillat ġdid jew kontenituri jew vetturi koperti li minnhom ma jista' joħroġ xejn.

2. Vetturi u kontenituri li jistgħu jerġgħu jintużaw, u l-oġġetti kollha ta' tagħmir jew għodda li jistgħu jerġgħu jintużaw li jidħlu f'kuntatt ma' prodotti sekondarji ta' l-annimali jew prodotti pproċessati, jridu jkunu:

   (a) mnaddfa, maħsula u diżinfettati wara kull użu;

   (b) miżmuma f'kondizzjoni nadifa; u

   (ċ) nodfa u niexfa qabel ma jintużaw.

3. Kontenituri li jintużaw mill-ġdid iridu jkunu dedikati għall-ġarr ta' prodott partikolari sal-punt meħtieġ biex jiġi evitat kontaminazzjoni bejn prodott u ieħor.

▼M1

4. Il-materjal ta' ppakkjar għandu jkun inċinerat jew mormi b'xi mezz ieħor skond l-istruzzjonijiet mill-awtorita' kompetenti.

▼B

KAPITOLU III

Dokumenti kummerċjali u ċertifikati tas-saħħa

▼M1

1. Matul il-vjaġġ, dokument kummerċjali jew, fejn mitlub minn dan ir-Regolament, ċertifikat tas-saħħa għandu jintehmeż mal-prodotti ta' l-annimali u l-prodotti proċessati minbarra fil-każ ta' prodotti proċessati li joriġinaw minn materjal tal-Kategorija 3 li huma pprovduti, fi ħdan l-Istati Membri, direttament minn negozjanti lill-konsumaturi u mhux permezz tal-ħwienet.

▼B

2. Dokumenti kummerċjali jridu jispeċifikaw:

   (a) id-data li fiha l-materjal ittieħed mill-fondijiet;

   (b) id-deskrizzjoni tal-materjal, inkluż it-tagħrif riferit fil-Kapitolu I, l-ispeċi ta' l-annimali għal materjal ta' Kategorija 3 u prodotti pproċessati li joħorġu minnhom maħsuba għall-użu bħala materjal ta' l-għalf u, jekk ikun applikabbli, in-numru tal-lamett tal-widnejn;

   (ċ) il-kwantità tal-materjal;

   (d) il-post ta' l-oriġini tal-materjal;

   (e) l-isem u l-indirizz ta' dak li jġorr;

▼B

(f) l-isem u l-indirizz tar-riċevitur u, jekk ikun applikabbli, in-numru ta' approvazzjoni tiegħu; u

(g) jekk xieraq:

(i) in-numru ta' l-approvazzjoni ta' l-impjant ta' l-oriġini; u

(ii) in-natura u l-metodi tat-trattament.

3. Id-dokument kummerċjali jrid jiġi prodott għall-inqas fi tliet kopji (waħda oriġinali u żewġ kopji). L-oriġinal irid jakkompanja l-kunsinna sad-destinazzjoni finali tagħha. Ir-riċevitur irid iżommu. Il-produttur irid iżomm waħda mill-kopji u dak li jġorr l-oħra.

4. Mudell għad-dokument kummerċjali jista' jiġi preskritt taħt il-proċedura riferita fl-Artikolu 33(2).

5. Ċertifikati tas-saħħa jridu jinħarġu u jiġu ffirmati mill-awtorità kompetenti.

KAPITOLU IV

Rekords

Ir-rekords riferiti fl-Artikolu 9 iridu jikkontjenu t-tagħrif kollu riferit fil-Kapitolu III, paragrafu 2, kif ġej. Iridu jikkontjenu:

(a) it-tagħrif riferit fis-subparagrafi (b) (ċ); u

(b) fil-każ ta' rekords miżmuma minn xi persuna li tikkunsinna prodotti sekondarji ta' l-annimali, it-tagħrif riferit fis-subparagrafi (a), (e) u, jekk magħrufa, (f); jew

(ċ) fil-każ ta' rekords miżmuma minn xi persuna li tittrasporta prodotti sekondarji ta' l-annimali, it-tagħrif riferit fis-subparagrafi (a), (d) u (f); jew

(d) fil-każ ta' rekords miżmuma minn xi persuna li tirċievi prodotti sekondarji ta' l-annimali, id-data tar-riċeviment u t-tagħrif riferit fis-subparagrafu (d) u (e).

KAPITOLU V

Irkupru ta' dokumenti

Id-dokument kummerċjali u ċ-ċertifikat tas-saħħa riferiti fil-Kapitolu III, u r-rekords riferiti fil-Kapitolu IV, iridu jinżammu għal perjodu ta' għall-inqas sentejn għall-preżentazzjoni lill-awtorità kompetenti.

KAPITOLU VI

Kondizzjonijiet ta' temperatura

1. It-trasportazzjoni ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali jrid jseħħ f'temperatura xierqa, biex jiġi evitat xi riskju lis-saħħa ta' l-annimal jew lis-saħħa pubblika.

2. Materjal mhux ipproċessat ta' Kategorija 3 maħsub għall-produzzjoni ta' materjal ta' l-għalf jew ikel ta' l-annimali domestiċi irid jiġi trasportat imkessaħ jew iffriżat, sakemm mhux proċessat fi żmien 24 siegħa mill-partenza.

3. Id-disinn ta' vetturi użati għat-trasportazzjoni mkessħa jrid jiżgura li tinżamm it-temperatura xierqa matul it-trasport.

▼B

KAPITOLU VII

Regoli speċifiċi għat-trasportazzjoni

Il-ġarr ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali u prodotti pproċessati in transitu jrid jilħaq il-ħtiġijiet ta' Kapitoli I, II, III u VI.

KAPITOLU VIII

Miżuri ta' kontroll

L-awtorità kompetenti trid tieħu l-miżuri meħtieġa biex tikkontrolla l-ġbir, it-trasport, l-użu u r-rimi/qerda ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali u prodotti pproċessati, inkluż permezz ta' spezzjonar taż-żamma ta' rekords u dokumenti meħtieġa u, meta dan ir-Regolament jeħtieġ hekk jew l-awtorità kompetenti tikkunsidra li huwa meħtieġ, permezz ta' siġillar.

Meta l-awtorità kompetenti tapplika siġill lill-kunsinna ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali jew prodotti pproċessati, trid tinforma lill-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni.

▼M1

KAPITOLU IX

Ġbir ta' materjal ta' l-annimali meta jiġi trattat id-dranaġġ

1. L-apparat ta' proċessar tal-Kategorija 1 u bini ieħor fejn materjal ta' riskju speċifikat ikun imneħħi, biċċeriji u apparat ta' proċessar tal-Kategorija 2 għandu jkollhom, bħala l-ewwel pass fit-trattament tad-dranaġġ, proċess ta' trattament minn qabel għaż-żamma u l-ġbir ta' materjal ta' l-annimali. It-tagħmir użat fil-proċess ta' trattament minn qabel għandu jikkonsisti fi xbieki jew passaturi b'toqob ta' qies mhux akbar minn 6 mm fit-tarf nett tal-proċess jew sistemi ekwivalenti li jiżguraw li l-partiċelli solidi fid-dranaġġ li jgħaddu minnhom ma jkunux akbar minn 6 mm.

2. Dranaġġ minn postijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jgħaddi minn proċess ta' trattament minn qabel li għandu jiżgura li d-dranaġġ kollu kien ġie ffiltrat permezz tal-proċess qabel ma jintrema minn dawn il-postijiet. M'għandux ikun hemm tħin jew maċerazzjoni li tħaffef il-passaġġ tal-materjal ta' l-annimali fil-proċess ta' trattament minn qabel.

3. Il-materjal kollu ta' l-annimali miżmum fil-proċess ta' qabel it-trattament fil-postijiet kif imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jinġabar u jinġarr bħala materjal tal-Kategorija 1 jew tal-Kategorija 2, kif suppost, u jintrema skond dan ir-Regolament.

4. Dranaġġ li jkun għadda mill-proċess ta' trattament minn qabel fil-postijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u dranaġġ minn postijiet li jirċievu biss materjal tal-Kategorija 3 għandu jkun trattat skond leġislazzjoni oħra relevanti tal-Komunità.

▼M9

KAPITOLU X

Dokument kummerċjali

▼M10

1. Dokument kummerċjali skond il-mudell stipulat f'dan il-Kapitolu se jakkumpanja l-prodotti sekondarji ta' l-annimali u l-prodotti proċessati tul it-trasport. Madankollu, għat-trasport tal-prodotti sekondarji ta' l-annimali u l-prodotti proċessati fit-territorju tagħhom stess, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu:

   (a) jużaw dokument kummerċjali differenti, bil-miktub fuq karta jew f'forma elettronika, dment li tali dokument kummerċjali jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fil-punt 2 tal-Kapitolu III;

▼**M10**

(b) li l-kwantità tal-materjal imsemmi fil-punt 2(ċ) tal-Kapitolu III hu espress fil-piż tal-materjal fid-dokument kummerċjali;

(ċ) li tinbagħat lura kopja tad-dokument kummerċjali mid-destinatarju lill-prodottur biex tinżamm minn dak il-produttur skond il-Kapitolu V bħala xhieda tal-wasla tal-kunsinna.

▼**M9**

2. Fejn ikun involut aktar minn trasportatur wieħed, kull trasportatur ikun mistenni jimla dikjarazzjoni kif imsemmi fil-punt 7 tad-dokument kummerċjali, li għandha tkun parti mid-dokument.

MUDELL TAD-DOKUMENT KUMMERĊJALI GĦAT-TRASPORT FIL-KOMUNITÀ EWROPEA TA' PRODOTTI SEKONDARJI U PRODOTTI PPROĊESSATI MILL-ANNIMALI

Noti

(a) Id-dokumenti kummerċjali għandhom isiru skond it-taqsim tal-mudell li jidher f'dan l-Anness. Dawn għandu jkun fihom, fl-ordni nnumerata li tidher fil-mudell, id-dikjarazzjonijiet meħtieġa għat-trasport ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali u prodotti pproċessati derivati minnhom.

(b) Dan għandu jkun miktub f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini jew l-Istat Membru tad-destinazzjoni, kif ikun xieraq. Madankollu, dan jista' jinkiteb ukoll b'lingwi uffiċjali oħra tal-Komunità, jekk ikun akkumpanjat bi traduzzjoni uffiċjali jew jekk ikun hemm qbil minn qabel ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni.

(ċ) Id-dokument kummerċjali għandu jsir f'għallinqas tliet kopji (dokument oriġinali wieħed u żewġ kopji). Id-dokument oriġinali għandu jakkumpanja l-kunsinna sad-destinazzjoni finali tagħha. Dan għandu jinżamm mir-riċevitur. Il-produttur għandu jżomm waħda mill-kopji u t-trasportatur l-oħra.

(d) L-oriġinal ta' kull dokument kummerċjali għandu jikkonsisti f'paġna waħda, b'żewġ naħat, jew, fejn ikun meħtieġ aktar test dan għandu jkun f'forma tali li l-paġna kollha meħtieġa jkunu parti minn ħaġa sħiħa integrata u indiviżibbli.

(e) Jekk għal raġunijiet ta' identifikazzjoni ta' l-oġġetti tal-kunsinna, jinthemżu xi paġni addizzjonali mad-dokument kummerċjali, dawn il-paġni jitqiesu bħala parti mid-dokument oriġinali wkoll permezz tal-firma tal-persuna responsabbli mill-kunsinna, fuq kull waħda mill-paġni.

(f) Meta d-dokument kummerċjali, inklużi l-paġni addizzjonali msemmija fl-(e), ikun jkun magħmul minn aktar minn paġna waħda, kull waħda mill-paġni għandha tkun innumerata -(*numru tal-paġna*) minn (*numru totali ta' paġni*)– fil-qiegħ u għandha turi n-numru tal-kodiċi tad-dokument assenjat mill-persuna responabbli indikata fuq.

(g) L-oriġinal tad-dokument kummerċjali għandu jimtela u jiġi ffirmat mill-persuna responsabbli. Fit-twettiq ta' dan, il-persuna responabbli għandha tiżgura li l-prinċipji tad-dokumentazzjoni kif stabbiliti fil-Kapitolu III ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jiġu segwiti. Id-dokument kummerċjali għandu jispeċifika:

(i) id-data li fiha l-materjal ittieħed mill-fond;

(ii) id-deskrizzjoni tal-materjal, inklużi l-identifikazzjoni tal-materjal, l-ispeċi ta' l-annimali tal-materjal tal-Kategorija 3 ta' prodotti pproċessati derivati minnu u ddestinati għall-użu bħala materjal ta' l-għalf u, jekk japplika, in-numru tal-lametta tal-widna ta' l-annimal;

(iii) il-kwantità ta' materjal;

(iv) il-post ta' l-oriġini tal-materjal;

▼M9

(v) l-isem u l-indirizz tat-trasportatur tal-materjal;

(vi) l-isem u l-indirizz tar-riċevitur, u fejn japplika, in-numru ta' l-approvazzjoni tiegħu; u

(vii) jekk ikun xieraq, in-numru ta' l-approvazzjoni ta' l-impjant ta' l-oriġini, u n-natura u l-metodi tat-trattament.

(h) Il-kulur tal-firma tal-persuna responsabbli għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar.

(i) Id-dokument kummerċjali għandu jinżamm għal perjodu ta' mill-anqas sentejn għall-preżentazzjoni lill-awtorità kompetenti biex tivverifika r-rekords imsemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

(j) Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jużaw dokument kummerċjali f'forma elettronika, ir-rekwiżiti elenkati fil-punti (a) sa (i) għandhom jiġu osservati kif jixraq għal tali forma elettronika.

▼M9

Dokument kummerċjali

Għat-trasport fil-Komunità Ewropea ta' prodotti sekondarji u ta' prodotti proċessati ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ([2])

Komunita' Ewropea — **Dokument kummerċjali**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna pprezentata

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Kodici Postali

I.2. Numru ta' referenza tad-dokument

I.2.a. Numru lokali ta' riferenza

I.3. Awtorita Centrali kompetenti

I.4. Awtorita lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodici Postali

I.6.

I.7.

I.8. Pajjiz ta' origini — Kodici ISO

I.9. Regjun ta' origini — Kodici

I.10. Pajjiz ta' destinazzjoni — Kodici ISO

I.11. Regjun ta' destinazzjoni — Kodici

I.12. Pajjiz ta' origini
Stabiliment ☐
Isem — Numru approvat
Indirizz
Kodici Postali

I.13. Post ta' destinazzjoni
Stabiliment ☐ Ohrajn ☐
Isem — Numru approvat
Indirizz
Kodici Postali

I.14. Post ta' tghabija
Kodici Postali

I. 15. Data u hin ta' tluq

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐ Vagun ☐
Identifikazzjoni

I.17. Trasportatur
Isem — Numru approvat
Indirizz
Kodici Postali — Stat Membru

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici CN)

I.20. Numru/Kwantita

I.21. Temperatura ta' prodotti
Ambjent ☐ Mkessah ☐ Frizat ☐

I.22. Numru ta' pakketti

1.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' sigill

I.24. Tip ta' ippakkettar

I.25. Prodotti ċċertifikati
Ikel ta' l-annimali ☐ Uzu tekniku ☐ Ohrajn ☐

I.26. Tranzitu minn pajjiz terz ☐
Pajjiz terz — Kodici ISO
Post ta' hrug — Kodici
Post ta' dhul — Numru tal-BIP unit:

I.27. Tranzitu minn Pajjizi Membri ☐
Stat Membru — Kodici ISO
Stat Membru — Kodici ISO
Stat Membru — Kodici ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiz terz — Kodici ISO
Post ta' hrug — Kodici

I.29.

I.30.

I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (Isem xjentifiku)	Natura ta' l-oġġetti	Kategorija	tip ta' trattament	Numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbilimenti impjant tal-manifattura	Numru tal-baċċ

▼M9

IL-KOMUNITÀ EWROPEA **Prodotti sekondarji/prodotti pproċessati ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum mill- bniedem**

Parti II: Dikjarazzjoni

II.a. Numru ta' referenza tad-dokument	II.b. Numru ta' referenza lokali

II.1. **Dikjarazzjoni tal-kunsinnatur**

Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li:

II.1.1. Hemm tikketta mwaħħla mal-kontenitur/kaxxa/materjal ieħor ta' l-ippakkeġġjar li turi ([1]):

(a) il-Kategorija tal-prodotti sekondarji ta' l-annimali (ara l-kaxxa bir-referenza I.31: Kategorija)

(b) fil-każ ta' prodotti pproċessati, il-Kategorija tal-prodotti sekondarji ta' l-annimali li minnhom il-prodotti pproċessati ġew derivati (ara l-kaxxa bir-referenza I.31: Kategorija);

(c) (i) fil-każ ta' materjal tal-Kategorija 3, il-kliem 'mhux għall-konsum mill-bniedem';

(ii) fil-każ ta' materjal tal-Kategorija 2, għajr demel u kontenut ta' l-istonku u prodotti pproċessati derivati minnhom, il-kliem 'mhux għall-konsum mill-annimali';

(iii) fil-każ ta' materjal tal-Kategorija 2 maħsub għall-għalf ta' l-annimali msemmi fil-punt (c) ta' l-Artikolu 23(2) taħt il-kondizzjonijiet previsti f'dak l-Artikolu tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ([2]), il-kliem 'għat-tmigħ lil …' li tkompli bl-isem ta' l-ispeċi speċifika ta' dak(dawk) l-annimal(i) li l-materjal ikun maħsub għat-tmigħ tiegħu (tagħhom);

(iv) fil-każ tad-demel u l-kontenut ta' l-istonku, il-kelma 'demel'; jew

(v) fil-każ ta' materjal tal-Kategorija 1 u prodotti pproċessati derivati minnu, il-kliem 'għar-rimi biss';

II.1.2. fil-każ fejn l-ippakkeġġjar isir mill-kunsinnatur, il-prodotti sekondarji u/jew il-prodotti pproċessati ta' l-annimali:

([1]) *jew* [jiġu ssiġillati f'ippakkeġġjar ġdid;]

([1]) *jew* [jkunu ttrasportati bil-balk f'kontejners jew vetturi jew mezzi oħra tat-trasport mgħottija li ma joqtrux li jkunu tnaddfu u tnixxfu sew qabel l-użu;]

II.1.3. fil-każ ta' trattament,

(a) il-ġlud ġew ttrattati skond in-'nota tal-Parti I, kaxxa bir-referenza I.31: Tip ta' trattament, ma' dan id-dokument: u

(b) il-kunsinna ma kinitx f'kuntatt ma' prodotti oħra ta' l-annimali jew ma' annimali ħajjin li jippreżentaw xi riskju li tinfirex xi marda trażmissibbli serja;

II.1.4. il-prodotti sekondarji u/jew il-prodotti pproċessati ta' l-annimali kienu maħżuna sew qabel ma tgħabbew u ntbagħtu;

II.1.5. ittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-prodotti sekondarji u/jew tal-prodotti pproċessati ta' l-annimali b'aġenti patoġeniċi u l-kontaminazzjoni inkroċjata bejn id-diversi Kategoriji.

Noti

Parti I:

— Kaxxa bir-referenza I.9 u I.11: jekk ikun xieraq.

— Kaxxa bir-referenza I.14: imla jekk tkun differenti minn 'I.1. Kunsinnatur'.

— Kaxxa bir-referenza I.31:

Speċi ta' l-annimali: Għal materjal tal-Kategorija 3 u prodotti pproċessati derivati minnu destinati għall-użu bħala materjal għall-għalf.

Natura ta' l-oġġett: Daħħal il-prodott sekondarju mhux ipproċessat jew il-prodott ipproċessat ta' l-annimali magħżul mil-lista li ġejja: 'prodotti ta' l-apikultura', 'prodotti tad-demm', 'demm', 'materjal mid-demm (*bloodmeal*)', 'ikel fil-laned għall-annimali domestiċi', 'residwi tad-diġestjoni', 'kontenut ta' l-istonku', '*dogchews*', 'materjal mill-ħut (*fish meal*)', 'ġelatina', 'qasab tas-saqajn (*greaves*)', 'ġlud', 'proteini idrolizzati', 'fertilizzanti organiċi', 'ikel għall-annimali domestiċi', 'proteini pproċessati ta' l-annimali', 'ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi', 'prodotti pproċessati', 'ikel mhux ipproċessat għall-annimali domestiċi', 'xaħmijiet imdewba'.

Kategorija: Kategoriji 1, 2 jew 3. Fil-każ tal-Kategorija 3, speċifika liema ittra minn a sa k (bħal m'hemm fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002):

Fil-każ ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali għall-użu f'ikel mhux ipproċessat għall-annimali domestiċi indika bejn 3a jew 3b jekk il-prodotti sekondarji ta' l-annimali humiex derivati minn:

Kategorija 3a, l-Artikolu 6(1)(a) i.e. partijiet minn annimali maqtula, li huma tajbin għall-konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja, imma li m'humiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali, jew

Kategorija 3b, l-Artikolu 6(1)(b) i.e. partijiet minn annimali maqtula, li huma skartati bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem imma li ma jurux sinjali ta' mard trażmissibbli għall-bniedem jew l-annimali u li jkunu ġejjin minn karkassi tajbin għall-konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja;

Fil-każ ta' ġlud u prodotti pproċessati derivati minnhom, indika bejn 3c jew 3k jekk il-prodotti sekondarji ta' l-annimali humiex derivati minn:

Kategorija 3c, l-Artikolu 6(1)(c) i.e. ġlud li joriġinaw minn annimali maqtula f'biċċerija, wara li għaddew minn spezzjoni ta' qabel il-qatla, u nstabu tajbin, b'riżultat ta' tali spezzjoni, għall-qatla għall-konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja; jew

Kategorija 3k, l-Artikolu 6(1)(k) i.e. ġlud li joriġinaw minn annimali li ma wrewx sinjali kliniċi ta' mard trażmissibbli minn dawk il-prodotti għall-bniedem jew l-annimali

▼M9

Fejn il-kunsinna hija magħmula minn aktar minn Kategorija waħda, indika l-kwantità u fejn ikun applikabbli n-numru ta' kontenituri għal kull Kategorija ta' materjali.

Tip ta' trattament: Għal ġlud ittrattati, li (a) ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tad-29 ta' April 2004 li jispeċifika regoli ta' l-iġjene ta' l-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU Nru L 226, 25.6.2004, p. 22) jew (b) ma jkunux għaddew mill-proċess kollu ta' l-ikkunzar jew (c) ma jkunux "*wet blue*"; jew (d) ma jkunux "*pickled pelts*" jew (e) ma jkunux *limed* (ittrattati bil-ġir u fis-salmura f'pH ta' 12 sa 13 għal mill-anqas tmien sigħat): daħħal it-trattament minn fost dawn li ġejjin: (a) imnixxfa; (b) immellħa fin-niexef jew immellħa fl-umdità għal mill-anqas 14-il jum qabel il-bgħit; (c) immellħa għal sebat ijiem fil-melħ tal-baħar b'żieda ta' 2 % karbonat tas-sodju; jew (d) ippriservati b'xi proċess ieħor għajr l-ikkunzar speċifikat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

Għal materjali tal-Kategorija 3 u prodotti pproċessati derivati minnhom destinati għall-użu bħala għalf: jekk ikun xieraq iddeskrivi n-natura tal-metodi tat-trattament.

Numru tal-Lott: daħħal in-numru tal-lott jew in-numru tal-lametta tal-widna ta' l-annimal jekk ikun applikabbli.

Parti II:

(1) Ħassar kif ikun xieraq.

(2) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

Il-firma għandha tkun ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar

Firma

Magħmula f' ..... illum .....
(post) (data)

.....
(firma tal-persuna responsabbli/kunsinnatur)

.....
(isem, b'ittri kapitali)

Dikjarazzjoni tat-trasportatur

Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li:

II.2.1. fil-każ fejn l-ippakkeġġjar isir mit-trasportatur, il-prodotti sekondarji u/jew il-prodotti pproċessati ta' l-annimali:

(1) *jew* [jiġu ssiġillati f'ippakkeġġjar ġdid;]

(1) *jew* [ikunu ttrasportati bil-balk f'kontejners jew vetturi jew mezzi oħra tat-trasport mgħottija li ma joqtrux li jkunu ndaf u mnixxfa qabel l-użu u tnaddfu, ġew maħsula u ddiżinfettati wara kull użu]

II.2.2. ittieħdu l-prekawzjonijiet kollha:

— biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-prodotti sekondarji u/jew tal-prodotti pproċessati ta' l-annimali b'aġenti patoġeniċi u l-kontaminazzjoni inkroċjata bejn id-diversi Kategoriji matul it-trasport; u

— biex jiġi żgurat trasport f'temperatura xierqa biex jiġi evitat ir-riskju għas-saħħa ta' l-annimali jew is-saħħa pubblika

Noti

Parti II:

(1) Ħassar kif ikun xieraq.

Il-firma għandha tkun ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar

Nota għat-trasportaturi: Dan id-dokument għandu jakkumpanja l-kunsinna (*) mill-post tat-tagħbija biex tintbagħat sakemm tasal fil-punt tad-destinazzjoni.

(*) "Kunsinna" tfisser "kwantità ta' prodotti ta' l-istess tip li jista' jkun fiha Kategoriji differenti ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali, li tkun ġejja mill-istess kunsinnatur u koperta bl-istess dokument kummerċjali mwassla bl-istess mezz ta' trasport lill-istess reċipjent"

Firma

Magħmula f' ..... illum .....
(post) (data)

.....
(firma tal-persuna responsabbli/trasportatur)

.....
(isem, b'ittri kapitali)

▼B

L-ANNESS III

HTIĠIJIET TA' IĠJENE GĦALL-IMPJANTI INTERMEDJI U L-MĦAŻEN

KAPITOLU I

Htiġijiet għall-approvazzjoni ta' impjanti intermedji

1. Fondijiet u faċilitajiet iridu jilħqu għall-inqas il-ħtiġijiet li ġejjin.

(a) Il-fondijiet iridu jkunu separati b'mod adegwat mill-*highway* pubblika u fondijiet oħra bħal ma huma biċċeriji. L-arranġament ta' l-impjanti jrid jiżgura s-separazzjoni totali ta' materjal ta' Kategorija 1 u Kategorija 2 minn materjal ta' Kategorija 3 mir-riċeviment sad-dispaċċ.

(b) L-impjant irid ikollu spazju kopert biex jirċievi prodotti sekondarji ta' l-annimali.

(ċ) L-impjant irid jinbena b'tali mod li jkun faċli biex jitnaddaf u biex jiġi diżinfettat. L-art trid titqiegħed b'tali mod sabiex jiġi ffaċilitat l-iskular tal-likwidi.

(d) L-impjant irid ikollu latrina, kmamar fejn ibiddlu u friskaturi għall-impjegati.

(e) L-impjant irid ikollu arranġamenti xierqa għall-protezzjoni kontra insetti jew annimali qerrieda, bħal ma huma insetti, annimali gerriema u għasafar.

(f) L-impjant irid ikollu sistema ta' rimi ta' ilma skart li jilħaq il-ħtiġijiet ta' l-iġjene.

(g) Fejn ikun meħtieġ għall-għan li jinkisbu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, impjanti jridu jkollhom faċilitajiet xierqa ta' ħażna b'kontroll ta' temperatura ta' kapaċità suffiċjenti biex jinżammu prodotti sekondarji ta' l-annimali f'temperaturi xierqa u ddisinjati biex iħallu l-monitorjaġġ u r-rekordjar ta' dawk it-temperaturi.

2. L-impjant irid ikollu faċilitajiet adegwati għat-tindif u d-diżinfettar tal-kontenituri jew reċipjenti li fihom prodotti sekondarji ta' l-annimali huma rċevuti u l-vetturi l-oħra, għajr il-bastimenti, li fihom ġew trasportati. Faċilitajiet adegwati jridu jkunu pprovduti għad-diżinfettar tar-roti tal-vettura.

KAPITOLU II

Htiġijiet ta' iġjene ġenerali

A. *Impjanti intermedji ta' Kategorija 3*

1. L-impjant m'għandux jieħu parti f'attivitajiet oħra għajr l-importazzjoni, ġbir, għażla, tqattigħ, tkessieħ, iffriżar fi blokki, ħażna temporanja u dispaċċ ta' materjal ta' Kategorija 3.

2. L-għażla ta' materjal ta' Kategorija 3 irid jitwettaq b'tali mod li jiġi evitat xi riskju tal-propogazzjoni ta' mard ta' l-annimali.

3. Matul il-ħin meħud għall-għażla jew ħażna, materjal ta' Kategorija 3 irid jiġi maneġġjat u maħżun separatament minn merkanzija oħra għajr materjal ta' Kategorija 3 u b'tali mod li jiġi prevenut xi propogazzjoni ta' patoġeni u biex jiġi żgurat konformità ma' l-Artikolu 22.

▼B

4. Materjal ta' Kategorija 3 irid jinħażen sew, u fejn xieraq, jiġi mkessaħ jew iffriżat, sakemm jerġa' jintbagħat.

▼M1

_____

▼B

B. *Impjanti intermedji ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2*

6. L-impjant m'għandux jieħu parti f'attivitajiet oħra għajr il-ġbir, il-maneġġjar, il-ħażna temporanja u d-dispaċċ ta' materjal ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2.

7. L-għażla ta' materjal ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2 irid jitwettaq b'tali mod li jiġi evitat xi riskju tal-propagazzjoni ta' mard ta' l-annimali.

8. Matul il-ħin meħud għall-ħażna, il-materjal ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2 irid jiġi maneġġjat u maħżun b'mod separat minn merkanzija oħra u b'tali mod biex jiġi prevenut xi propagazzjoni ta' patoġeni.

9. Materjal ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2 irid jinħażen sew, inkluż taħt kondizzjonijiet xierqa ta' temperatura, sakemm jerġa' jintbagħat.

▼M1

_____

▼M15

11. Ilma skart irid jiġi trattat biex jiġi żgurat, sa fejn ikun prattikabbli b'mod raġonevoli, li l-ebda patoġeni ma jibqgħu. Ħtiġijiet speċifiċi għat-trattament ta' ilma skart minn impjanti intermedji ta' Kategorija 1 u Kategorija 2 iridu jiġu preskritti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼B

KAPITOLU III

Ħtiġijiet għall-approvazzjoni ta' l-imħażen

Fondijiet u faċilitajiet iridu jilħqu għall-inqas il-ħtiġijiet li ġejjin.

1. Fondijiet li jaħżnu prodotti proċessati derivati minn materjal ta' Kategorija 3 ma jridux ikunu fl-istess post bħal fondijiet li jaħżnu prodotti proċessati derivati minn materjal ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2, sakemm ma jkunux f'bini separat kompletament.

2. L-impjant irid:

   (a) ikollu spazju kopert biex jirċievi l-prodotti;

   (b) jinbena b'tali mod li jkun faċli biex jitnaddaf u biex jiġi diżinfettat. L-art trid titqiegħed b'tali mod sabiex jiġi ffaċilitat l-iskular ta' likwidi;

   (ċ) ikollu latrini, kmamar fejn ibiddlu u friskaturi adegwati għall-impjegati; u

   (d) ikollu arranġamenti xierqa għall-protezzjoni kontra insetti jew annimali qerrieda, bħal ma huma insetti, annimali gerriema u għasafar.

3. L-impjant irid ikollu faċilitajiet adegwati għat-tindif u d-diżinfettar tal-kontenituri jew reċipjenti li fihom prodotti huma rċevuti u l-vetturi l-oħra, għajr il-bastimenti, li fihom ġew trasportati. Faċilitajiet adegwati jridu jkunu pprovduti għad-diżinfettar tar-roti tal-vettura.

4. Prodotti jridu jinħażnu sew sakemm jerġgħu jiġu trasmessi.

▼B

L-ANNESS IV

HTIĠIJIET GĦALL-IMPJANTI TA' INĊINERAZZJONI U KO-INĊINERAZZJONI GĦAL LIEMA D-DIRETTIVA 2000/76/KE MA TGĦODDX

KAPITOLU I

Kondizzjonijiet ġenerali

▼M1

1. L-apparat ta' inċinerazzjoni jew ta' ko-inċinerazzjoni għandu jkun iddisnjat, mgħammar u mħaddem b'tali mod li jaderixxi mal-kondizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Il-kondizzjonijiet ta' iġjene li ġejjin għandhom jintlaħqu:

   (a) Il-prodotti ta' l-annimali għandhom jintremew mill-aktar fis possibli wara l-wasla. Huma għandhom jinħażnu kif suppost sakemm jintremew.

   (b) Konteniturі, reċipjenti u vetturi wżati għal vjaġġi ta' materjal mhux proċessat għandhom jitnaddfu f'zona magħżula, u b'hekk jiġi żgurat li d-dranaġġ jiġi trattat matul il-ħażna msemmija fil-Kapitolu III.

   (ċ) Miżuri preventivi kontra għasafar, annimali gerriema, insetti u dud oħra għandhom jittieħdu b'mod sistematiku. Kontroll dokumentat għall-annimali li jagħmlu l-ħsara għandu jkun użat għal dak l-għan.

   (d) Għall-partijiet kollha tal-bini għandhom jiġu stabbiliti u jkunu reġistrati proċeduri ta' tindif. Tagħmir xieraq u materjal ta' tindif għandhom ikunu pprovduti għat-tindif.

   (e) Kontroll ta' l-iġjene għandu jinkludi spezzjonijiet regolari ta' l-ambjent u t-tagħmir. Skeda ta' ispezzjonijiet u riżultati għandha tkun irreġistrata u miżmuma għal sentejn.

▼B

2. L-operatur ta' impjant ta' inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni jrid jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa li jikkonċernaw ir-riċeviment ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali biex jipprevjenu, jew jillimitaw sa fejn ikun prattikabbli, riskji diretti għas-saħħa umana jew ta' l-annimali.

KAPITOLU II

Kondizzjonijiet tat-tħaddim

3. Impjanti ta' inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni jridu jiġu disinjati, mgħammra, mibnija u operati b' tali mod li l-gass li jirriżulta mill-proċess huwa mtella' b'manjiera kontrollata u omoġenja, anke taħt il-kondizzjonijiet l-aktar mhux favorevoli, sa' temperatura ta' 850°Ċ, kif imkejjel viċin tal-ħajt ta' ġewwa jew f'punt ieħor rappreżentattiv tal-kamra tal-ħruq kif awtorizzat mill-awtorità kompetenti, għal żewġ sekondi.

4. Kull linja ta' impjanti ta' inċinerazzjoni ta' kapaċità għolja jridu jiġu mgħammra b' għallinqas *burner* awżiljari wieħed. Dan il-*burner* irid jinxtgħel b'mod awtomatiku meta t-temperatura tal-gassijiet tal-ħruq wara l-aħħar injezzjoni ta' arja kombustjonata taqa' taħt it-850°Ċ. Jista' jintuża' wkoll matul operazzjonijiet ta' *start-up* u *shut-down* ta' l-impjant biex jiġi żgurat li t-temperatura ta' 850°Ċ hija miżmuma f'kull ħin matul dawn l-operati u sakemm materjal mhux maħruq jinstab fil-kamra tal-ħruq.

5. Impjanti ta' inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni ta' kapaċità għolja jrid ikollhom u jridu joperaw sistema awtomatika biex jipprevjenu għalf bi prodotti sekondarji ta' l-annimali:

   (a) fl-*istart-up*, sakemm tintlaħaq it-temperatura ta' 850°Ċ; u

   (b) kull meta t-temperatura ta' 850°Ċ mhiex miżmuma.

▼B

6. Prodotti sekondarji ta' l-annimali għandhom, fejn prattikabbli, jitpoġġew dritt ġol-forn mingħajr maneġġjar dirett.

KAPITOLU III

Skarigi ta' l-ilma

7. Postijiet ta' impjanti ta' inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni, inklużi żoni ta' ħażna assoċjati għal prodotti sekondarji ta' l-annimal, iridu jiġu disinjati b'tali mod li jipprevjenu rilaxx mhux awtorizzat u aċċidentali ta' xi sustanzi ta' tniġġiż fil-ħamrija, ilma fil-wiċċ u ilma ta' taħt l-art bi qbil mad-disposizzjonijiet ipprovduti fil-leġislazzjoni rilevanti tal-Komunità. Barra minn hekk, kapaċità ta' ħażna trid tiġi pprovduta għal ilma tax-xita kontaminat li jiskula mill-post ta' l-impjant ta' inċinerazzjoni jew għal ilma kontaminat li joħroġ minn *spillage* jew operati ta' tifi tan-nar.

8. Il-kapaċità tal-ħażna trid tkun adegwata biex jiġi żgurat li ilmijiet bħal dawn ikunu jistgħu jiġu ttestjati u trattati qabel l-iskular fejn meħtieġ.

KAPITOLU IV

Residwi

9. Għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu, "residwi" ifissru xi materjal likwidu jew solidu ġenerat mill-proċess ta' inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni, it-trattament ta' l-ilma skart jew proċessi oħra fl-impjant ta' inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni. Jinkludu wkoll irmied u gagazza tal-qiegħ, *fly ash* u trab tal-bojler.

10. Residwi li jirriżultaw mill-operat ta' l-impjant ta' inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni jridu jkunu minimizzati fl-ammont u l-ħsara tagħhom. Residwi jridu jiġu riċiklati, fejn xieraq, direttament fl-impjant jew barra minnu bi qbil mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Komunità.

11. Trasport u ħażna intermedja ta' residwi niexfa fil-forma ta' trab irid iseħħ b'tali mod li jiġi prevenut tixrid fl-ambjent (p.e., f'kontenituri magħluqa).

KAPITOLU V

Kejl tat-temperatura

12. Metodi ta' teknika jridu jintużaw biex jiġu monitorjati l-parametri u l-kondizzjonijiet rilevanti għall-proċessi ta' inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni. Impjanti ta' inċinerazzjoni u ko-inċinerazzjoni ta' kapaċità għolja jrid ikollhom u jridu jużaw tagħmir ta' kejl tat-temperatura.

13. L-approvazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti, jew kondizzjonijiet imwaħħla magħha, iridu jippreskrivu ħtiġijiet ta' kejl tat-temperatura.

14. L-istallazzjoni xierqa u l-funzjonament ta' kull tagħmir ta' monitoraġġ *automated* iridu jkunu soġġetti għal kontroll u għal test ta' sorveljanza annwali. Kalibrazzjoni trid titwettaq permezz ta' kejlijiet paralleli mal-metodi ta' referenza għallinqas kull tliet snin.

15. Riżultati ta' kejl tat-temperatura jridu jiġu rrekordjati u preżentati b'manjiera xierqa biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivverifika konformità mal-kondizzjonijiet tat-tħaddim permessi preskritti f'dan ir-Regolament bi qbil mal-proċeduri li jridu jiġu deċiżi minn dik l-awtorità.

▼B

KAPITOLU VI

Tħaddim mhux normali

16. Fil-każ ta' *breakdown*, jew kondizzjonijiet tat-tħaddim mhux normali, l-operatur irid inaqqas jew iwaqqaf l-operati malli jkun prattikabbli sakemm l-operati normali jkunu jistgħu jerġgħu jibdew.

▼M1

KAPITOLU VII

Inċinerazzjoni ta' materjal tal-Kategorija 1 imsemmi fl-Artikolu 4(1)(b)

1. L-apparat ta' inċinerazzjoni b'qawwa baxxa għandu jitqiegħed fuq art xotta u iebsa.

2. L-annimali m'għandux ikollhom aċċess għall-apparat ta' inċinerazzjoni b'qawwa baxxa, għal prodotti ta' l-annimali li se jiġu inċenerati jew irmied ta' prodotti ta' l-annimali inċinerati. Jekk l-inċineratur b'qawwa baxxa jinsab f'razzett fejn hemm annimali ħajjin:

   (a) għandu jkun hemm separazzjoni fiżika bejn l-inċineratur u l-annimali u l-għalf u l-postijiet fejn jorqdu, biċ-ċnut fejn hemm bżonn;

   (b) it-tagħmir għandu jkun iddedikat kollu kemm hu għat-tħaddim ta' l-inċineratur u m'għandu jintuża imkien ieħor fuq ir-razzett;

   (ċ) l-operaturi għandhom jibdlu l-ħwejjeġ esterni u ż-żarbun tagħhom qabel jimmaniġġjaw l-annimali jew l-għalf ta' l-annimali.

3. Il-ħażna tal-prodotti ta' l-annimali u ta' l-irmied għandha tkun mgħottija, bit-tikketta u b'tali mod li ma jista' jintilef xejn minnha.

4. L-operatur għandu jiċċekkja li l-prodotti ta' l-annimali jkunu inċinerati b'tali mod li jsiru irmied għal kollox. L-irmied għandu jintrema f'terraferma artifiċjali approvata skond id-Direttiva 1999/31/KE.

5. Prodotti ta' l-annimali mhux inċinerati kompletament m'għandhomx jintremew f'terraferma artifiċjali, iżda għandhom jiġu inċenerati mill-ġdid jew inkella jintremew skond dan ir-Regolament.

6. L-apparat ta' inċinerazzjoni b'qawwa baxxa għandu jkun mgħammar b'apparat li minnu toħroġ il-fjamma.

7. L-operatur għandu jżomm reġistru bil-kwantitajiet, il-kategorija u l-ispeċi tal-prodotti ta' l-annimali inċinerati u d-data ta' l-inċinerazzjoni.

8. L-awtorita' lokali kompetenti għandha tispezzjona l-apparat ta' inċinerazzjoni b'qawwa baxxa qabel ma tapprovah, u mill-anqas darba fis-sena tiċċekkja l-qbil ma' dan ir-Regolament.

▼B

L-ANNESS V

HTIĠIJIET ĠENERALI TA' IĠJENE GĦALL-IPPROĊESSAR TA' MATERJAL TA' KATEGORIJA 1, 2 U 3

KAPITOLU I

Htiġijiet ġenerali għall-approvazzjoni ta' impjanti ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 1, 2 u 3

1. Fondijiet u faċilitajiet iridu jilħqu għallinqas il-ħtiġijiet li ġejjin:

▼M14

(a) L-impjanti ta' pproċessar ma għandhomx jinsabu fl-istess sit tal-biċċeriji, sakemm ir-riskji għas-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali, li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti sekondarji mill-annimali li joriġinaw minn biċċeriji bħal dawn, ma jittaffewx bil-konformità ma' mill-anqas dawn il-kundizzjonijiet:

(i) l-impjant ta' pproċessar irid ikun fiżikament maqtugħ għalih mill-biċċerija; fejn xieraq billi l-impjant ta' pproċessar ikun jinsab f'bini li huwa għal kollox maqtugħ mill-biċċerija;

(ii) dan li ġej irid ikun installat u jopera:

— sistema ta' konvejer li jaqqgħad l-impjant ta' pproċessar mal-biċċerija,

— dħul, postijiet ta' riċezzjoni, tagħmir u ħruġ separati għall-impjant ta' proċessar u l-biċċerija;

(iii) iridu jittieħdu miżuri biex jitwaqqaf it-tixrid tar-riskji permezz tal-persunal li jaħdem fl-impjant ta' pproċessar u fil-biċċerija;

(iv) persuni mhux awtorizzati u annimali ma għandux ikollhom aċċess għall-impjant ta' pproċessar.

Bħala deroga mill-punti (i) sa (iv), fil-każ ta' l-impjanti ta' pproċessar tal-Kategorija 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw kundizzjonijiet oħra minflok dawk stabbiliti f'dawn il-punti, bil-għan li jittaffew ir-riskji għas-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali, inklużi r-riskji li ġejjin mill-ipproċessar ta' materjal tal-Kategorija 3, li joriġina minn stabbilimenti lilhinn mis-sit approvati skond ir-Regolament (KE) Nru 853/2004. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra fil-qafas tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 33(1) dwar l-użu ta' din id-deroga mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

▼B

(b) l-impjant ta' l-ipproċessar irid ikollu settur nadif u mhux nadif, separati minn xulxin b'mod xieraq. Is-settur mhux nadif irid ikollu post kopert biex jirċievi prodotti sekondarji ta' l-annimali u jrid jinbena b'tali mod li jkun faċli biex jitnaddaf u jiġi diżinfettat. L-art trid titqiegħed b'tali mod li jiġi ffaċilitat l-iskular tal-likwidi. L-impjant ta' l-ipproċessar irid ikollu latrini, kmamar fejn ibiddlu u friskaturi xierqa għall-impjegati;

(ċ) l-impjant ta' l-ipproċessar irid ikollu kapaċità ta' produzzjoni suffiċjenti għall-ilma jaħraq u għall-fwar għall-ipproċessar ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali;

(d) is-settur mhux nadif irid, jekk ikun xieraq, jikkontjeni tagħmir biex jitnaqqas id-daqs ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali u tagħmir biex jitgħabbew il-prodotti mgħaffġa ta' l-annimali ġol-*unit* ta' l-ipproċessar;

▼B

(e) l-installazzjonijiet kollha li fihom il-prodotti sekondarji ta' l-annimali huma proċessati jridu joperaw bi qbil mal-ħtiġijiet tal-Kapitolu II. Fejn trattament bis-sħana huwa meħtieġ, l-installazzjonijiet kollha iridu jiġu mgħammra:

(i) b'tagħmir tal-kejl biex tiġi monitorjata t-temperatura kontra l-ħin u, jekk meħtieġ, il-pressjoni f'punti kritiċi;

(ii) b'mezzi ta' rekordjar biex jiġu rekordjati b'mod kontinwu r-riżultati ta' dawn il-qisien; u

(iii) b'sistema adegwata sikura biex tipprevjeni sħana insuffiċjenti;

(f) biex ma titħalliex kontaminazzjoni mill-ġdid tal-prodott lest minn prodotti sekondarji ta' l-annimali li jkunu deħlin, irid ikun hemm separazzjoni ċara bejn iż-żona ta' l-impjant fejn jinħatt il-materjal li jkun dieħel għall-ipproċessar u ż-żoni mwarrba għall-ipproċessar ta' dak il-prodott u l-ħażna tal-prodott ipproċessat.

2. L-impjant ta' l-ipproċessar irid ikollu faċilitajiet adegwati għat-tindif u d-diżinfettar tal-kontenituri jew reċipjenti oħra, għajr bastimenti, li fihom ikunu trasportati.

3. Faċilitajiet adegwati jridu jiġu pprovduti għad-diżinfettar tar-roti tal-vettura, malli toħroġ miż-żona mhux nadifa ta' l-impjant ta' l-ipproċessar.

4. L-impjanti kollha ta' l-ipproċessar irid ikollhom sistema ta' rimi li tilħaq il-ħtiġijiet ta' l-awtorità kompetenti.

5. L-impjant ta' l-ipproċessar irid ikollu l-laboratorju tiegħu jew jagħmel użu mis-servizzi ta' laboratorju estern. Il-laboratorju jrid jiġi mgħammar biex jitwettqu l-analiżi meħtieġa u jiġi approvat mill-awtorità kompetenti.

KAPITOLU II

Ħtiġijiet ta' iġjene ġenerali

1. Prodotti sekondarji ta' l-annimali jridu jiġu proċessati malajr kemm ikun possibbli wara li jaslu. Iridu jinħażnu sew sakemm ikunu proċessati.

2. Kontenituri, reċipjenti u vetturi użati għat-trasportazzjoni ta' materjal mhux proċessat iridu jitnaddfu f'żona nominata. Dik iż-żona trid tkun lokata jew nominata biex tipprevjeni r-riskju ta' kontaminazzjoni ta' prodotti proċessati.

3. Persuni li jaħdmu fis-settur mhux nadif ma jridux jidħlu fis-settur in-nadif mingħajr ma jbiddlu l-ħwejjeġ tax-xogħol u x-xeddijiet tas-sieq tagħhom jew mingħajr ma jiddiżinfettawhom. Tagħmir u l-affarijiet użati ma jistgħux jittieħdu mis-settur mhux nadif għal ġos-settur in-nadif, sakemm qabel ma jiġux imnaddfa u diżinfettati. Proċeduri ta' ċaqliq ta' personal iridu jiġu stabbiliti biex jiġi kkontrollat iċ-ċaqliq ta' personal bejn żoni u biex jiġi preskritt l-użu kif suppost ta' banjijiet tas-saqajn u banjijiet tar-roti.

▼M15

4. Ilma skart li joriġina fis-settur mhux nadif irid jiġi trattat biex jiġi żgurat, sa fejn ikun prattikabbli b'mod raġonevoli, li l-ebda patoġeni ma jibqgħu. Ħtiġijiet speċifiċi għat-trattament ta' ilma skart mill-impjanti tal-ipproċessar iridu jiġu preskritti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼B

5. Miżuri preventivi kontra l-għasafar, l-annimali gerriema, l-insetti jew dud ieħor iridu jittieħdu b'mod sistematiku. Programm dokumentat ta' kontroll ta' annimali jew insetti qerrieda jrid jintuża' għal dak l-għan.

6. Proċeduri ta' tindif iridu jiġu stabbiliti u dokumentati għall-partijiet kollha tal-fondijiet. Tagħmir u aġenti tat-tindif xierqa jridu jiġu pprovduti għat-tindif.

7. Il-kontroll ta' l-iġjene irid jinkludi spezzjonijiet regolari ta' l-ambjent u tat-tagħmir. Skedi ta' spezzjoni u riżultati jridu jiġu dokumentati u miżmuma millinqas għal sentejn.

8. Installazzjonijiet u tagħmir iridu jinżammu fi stat tajjeb ta' tiswija u tagħmir ta' kejl irid jiġi kalibrat f'intervalli regolari.

9. Prodotti pproċessati jridu jiġu mmaneġġjati u maħżuna fl-impjant ta' l-ipproċessar b'tali mod li jipprekludu kontaminazzjoni mill-ġdid.

KAPITOLU III

Metodi ta' l-ipproċessar

Metodu 1

Tnaqqis

1. Jekk id-daqs tal-partikoli tal-prodotti sekondarji ta' l-annimali li jridu jiġu pproċessati huwa aktar minn 50 millimetru, il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jridu jitnaqqsu permezz ta' tagħmir xieraq, imfassal sabiex id-daqs tal-partikolu wara t-tnaqqis mhuwiex aktar minn 50 millimetru. L-effettività tat-tagħmir irid jiġi spezzjonat kuljum u l-kondizzjoni tiegħu rrekordjata. Jekk spezzjonijiet jiżvelaw l-eżistenza ta' partikoli li huma akbar minn 50 millimetru, il-proċess irid jitwaqqaf u tiswijiet iridu jsiru qabel ma jerġa' jinbeda l-proċess.

Ħin, temperatura u pressjoni

2. Wara t-tnaqqis il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jridu jissaħħnu sa temperatura tal-ġewwieni ta' aktar minn 133°Ċ għal millinqas 20 minuta mingħajr interruzzjoni bi pressjoni (assoluta) ta' millinqas 3 bars prodotta permezz ta' fwar saturat ([1]); it-trattament bis-sħana jrid jiġi applikat bħala l-uniku proċess jew bħala l-fażi ta' sterilizzazzjoni ta' qabel jew ta' wara l-proċess.

3. L-ipproċessar irid jitwettaq f'sistemi jew ta' gruppi jew kontinwi.

Metodu 2

Tnaqqis

1. Jekk id-daqs tal-partikoli tal-prodotti sekondarji ta' l-annimali li jridu jiġu pproċessati huwa aktar minn 150 millimetru, il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jridu jitnaqqsu permezz ta' tagħmir xieraq, imfassal sabiex id-daqs tal-partikolu wara t-tnaqqis mhuwiex aktar minn 150 millimetru. L-effettività tat-tagħmir irid jiġi spezzjonat kuljum u l-kondizzjoni tiegħu rrekordjata. Jekk spezzjonijiet jiżvelaw l-eżistenza ta' partikoli li huma akbar minn 150 millimetru, il-proċess irid jitwaqqaf u tiswijiet iridu jsiru qabel ma jerġa' jinbeda l-proċess.

Ħin, temperatura u pressjoni

2. Wara t-tnaqqis il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jridu jissaħħnu sa temperatura tal-ġewwieni ta' aktar minn 100°Ċ għal millinqas 125 minuta, temperatura tal-ġewwieni ta' aktar minn 110°Ċ għal millinqas 120 minuta u temperatura tal-ġewwieni ta' aktar minn 120°Ċ għal millinqas 50 minuta.

3. L-ipproċessar irid jitwettaq f'sistema ta' gruppi.

([1]) "Fwar saturat" ifisser li l-arja kollha hija evakwata u mibdula permezz tal-fwar fil-kamra ta' l-isterilizzazzjoni sħiħa.

▼M1

4. Il-prodotti ta' l-annimali jistgħu jissajru b'tali mod li l-kondizzjonijiet tal-ħin-temperatura jinkisbu fl-istess ħin.

▼B

Metodu 3

Tnaqqis

1. Jekk id-daqs tal-partikoli tal-prodotti sekondarji ta' l-annimali li jridu jiġu pproċessati huwa aktar minn 30 millimetru, il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jridu jitnaqqsu permezz ta' tagħmir xieraq, imfassal sabiex id-daqs tal-partikolu wara t-tnaqqis mhuwiex aktar minn 30 millimetru. L-effettività tat-tagħmir irid jiġi spezzjonat kuljum u l-kondizzjoni tiegħu rrekordjata. Jekk spezzjonijiet jiżvelaw l-eżistenza ta' partikoli li huma akbar minn 30 millimetru, il-proċess irid jitwaqqaf u tiswijiet iridu jsiru qabel ma jerġa' jinbeda l-proċess.

Ħin, temperatura u pressjoni

2. Wara t-tnaqqis il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jridu jissaħħnu sa temperatura tal-ġewwieni ta' aktar minn 100°Ċ millinqas għal 95 minuta, temperatura tal-ġewwieni ta' aktar minn 110°Ċ millinqas għal 55 minuta u temperatura tal-ġewwieni ta' aktar minn 120°Ċ millinqas għal 13-il minuta.

3. L-ipproċessar irid jitwettaq f'sistemi jew ta' gruppi jew kontinwi.

4. Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jistgħu jissajru b'tali mod li l-ħtiġijiet tat-temperatura tal-ħin jinkisbu fl-istess ħin.

Metodu 4

Tnaqqis

1. Jekk id-daqs tal-partikoli tal-prodotti sekondarji ta' l-annimali li jridu jiġu pproċessati huwa aktar minn 30 millimetru, il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jridu jitnaqqsu permezz ta' tagħmir xieraq, imfassal sabiex id-daqs tal-partikolu wara t-tnaqqis mhuwiex aktar minn 30 millimetru. L-effettività tat-tagħmir irid jiġi spezzjonat kuljum u l-kondizzjoni tiegħu rrekordjata. Jekk spezzjonijiet jiżvelaw l-eżistenza ta' partikoli li huma akbar minn 30 millimetru, il-proċess irid jitwaqqaf u tiswijiet iridu jsiru qabel ma jerġa' jinbeda l-proċess.

Ħin, temperatura u pressjoni

2. Wara t-tnaqqis il-prodotti sekondarji ta' l-annimal jridu jitpoġġew f'kontenitur bix-xaħam miżjud u msaħħna sa temperatura tal-ġewwieni ta' aktar minn 100°Ċ millinqas għal 16-il minuta, temperatura tal-ġewwieni ta' aktar minn 110°Ċ millinqas għal 13-il minuta, temperatura tal-ġewwieni ta' aktar minn 120°Ċ millinqas għal tmien minuti u temperatura tal-ġewwieni ta' aktar minn 130°Ċ millinqas għal tliet minuti.

3. L-ipproċessar irid jitwettaq f'sistemi jew ta' gruppi jew kontinwi.

4. Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jistgħu jissajru b'tali mod li l-ħtiġijiet tat-temperatura tal-ħin jinkisbu fl-istess ħin.

Metodu 5

Tnaqqis

1. Jekk id-daqs tal-partikoli tal-prodotti sekondarji ta' l-annimali li jridu jiġu pproċessati huwa aktar minn 20 millimetru, il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jridu jitnaqqsu permezz ta' tagħmir xieraq, imfassal sabiex id-daqs tal-partikolu wara t-tnaqqis mhuwiex aktar minn 20 millimetru. L-effettività tat-tagħmir irid jiġi spezzjonat kuljum u l-kondizzjoni tiegħu rrekordjata. Jekk spezzjonijiet jiżvelaw l-eżistenza ta' partikoli li huma akbar minn 20 millimetru, il-proċess irid jitwaqqaf u tiswijiet iridu jsiru qabel ma jerġa' jinbeda l-proċess.

▼B

Ħin, temperatura u pressjoni

2. Wara t-tnaqqis il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jridu jissaħħnu sakemm jikkoagulaw u mbagħad jiġu ppressati sabiex jitneħħa x-xaħam u l-ilma mill-materjal *proteinaceous*. Il-materjal *proteinaceous* irid imbagħad jissaħħan sa temperatura tal-ġewwieni ta' aktar minn 80°Ċ għal millinqas 120 minuta u temperatura tal-ġewwieni ta' aktar minn 100°Ċ għal millinqas 60 minuta.

3. L-ipproċessar irid jitwettaq f'sistemi jew ta' gruppi jew kontinwi.

4. Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jistgħu jissajru b'tali mod li l-ħtiġijiet tat-temperatura-ħin jinkisbu fl-istess ħin.

▼M4

Metodu 6

Għall-prodotti sekondarji li ġejjin mill-ħut biss u li jaqgħu fil-Kategorija 3

Tnaqqis

1. Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali jridu jitnaqqsu mill-anqas sa:

   a) 50 millimetru f'każ ta' trattament bis-sħana skond il-paragrafu 2(a), jew

   b) 30 millimetru f'każ ta' trattament bis-sħana skond il-paragrafu 2(b),

   Dawn iridu wkoll jitħalltu ma' l-aċidu formiku sabiex jitnaqqas u jinżamm il-pH sa 4.0 jew anqas. It-taħlita trid tinħażen għal mill-anqas 24 siegħa sakemm ikun hemm trattament ulterjuri.

Ħin u temperatura

2. Wara t-tnaqqis, it-taħlita trid tiġi msaħħna sa:

   a) it-temperatura prinċipali ta' mill-anqas 90 °C għal mill-anqas 60 minuta, jew

   b) it-temperatura prinċipali ta' mill-anqas 70 °C għal mill-anqas 60 minuta.

   Meta tintuża sistema ta' flussi kontinwi, il-progressjoni tal-prodott fil-konvertitur tas-sħana trid tiġi kkontrollata permezz ta' kmandi mekkaniċi li jillimitaw iċ-ċaqlieq b'tali mod illi fl-aħħar ta' l-operazzjoni tat-trattament bis-sħana il-prodott ikun għadda minn ċiklu li jkollu ħin u temperatura biżżejjed.

▼B

Metodu 7

1. Kull metodu ta' l-ipproċessar approvat mill-awtorità kompetenti fejn ġie muri lil dik l-awtorità li l-prodott finali ġie kampjunat fuq bażi ta' kuljum fuq perjodu ta' xahar f'konformità mal-livelli stabbiliti mikrobijoloġiċi li ġejjin:

   (a) Kampjuni ta' materjal meħuda direttament wara trattament bis-sħana:

   Clostridium perfringens nieqes f'1 g tal-prodotti

   (b) kampjuni ta' materjal meħuda waqt jew ma' l-irtirar mill-ħażna fl-impjant ta' l-ipproċessar:

   Is-Salmonella: nieqsa f'25 g: n = 5, ċ = 0, m = 0, M = 0

   L-Enterobacteriaceae: n = 5, ċ = 2, m = 10, M = 300 f'1 g

   fejn:

   n = in-numru ta' kampjuni li jridu jiġu ttestjati;

   m = il-valur *threshold* ta' batterji; ir-riżultat huwa kkunsidrat sodisfaċenti jekkin-numru ta' batterji fil-kampjuni kollha ma jaqbiżx m;

▼B

M = il-valur massimu għan-numru ta' batterji; ir-riżultat huwa kkunsidrat sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji f'kampjun wieħed jew aktar huwaM jew aktar; u

ċ = numru ta' kampjuni li n-numru ta' batterji tagħhom jista' jkun ta' bejn mu M, il-kampjun jibqa' jiġi kkunsidrat aċċettabbli jekk in-numru ta'batterji tal-kampjuni l-oħra huwa m jew inqas.

2. Dettalji tal-punti ta' kontroll kritiċi taħt liema kull impjant ta' l-ipproċessar jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-livelli mikrobijoloġiċi stabbiliti jridu jiġu rrekordjati u miżmuma sabiex is-sid, l-operatur jew ir-rappreżentant u l-awtorità kompetenti jkunu jistgħu jimmonitorjaw l-operat ta' l-impjant ta' l-ipproċessar. It-tagħrif li jrid jiġi rrekordjat u mmonitorjat irid jinkludi d-daqs tal-partikolu, it-temperatura kritika u, kif xieraq, il-ħin assolut, il-profil tal-pressjoni, ir-rata ta' l-għalf tal-materja prima u r-rata ta' riċiklaġġ tax-xaħam.

3. Dan it-tagħrif irid ikun disponibbli għall-Kummissjoni fuq it-talba tagħha.

KAPITOLU IV

Sorveljanza tal-produzzjoni

1. L-awtorità kompetenti trid tissorvelja l-impjanti ta' l-ipproċessar biex tiżgura konformità mal-ħtiġijiet ta' dan ir-Regolament. Għandha b'mod partikolari:

(a) tispezzjona:

(i) il-kondizzjonijiet ġenerali ta' l-iġjene tal-fondijiet, tat-tagħmir u ta' l-impjegati;

(ii) l-effikaċità ta' l-ispezzjonijiet imwettqa mill-impjant stess, bi qbil ma' l-Artikolu 25, b'mod partikolari permezz ta' eżami tar-riżultati u l-kampjunar;

(iii) il-livelli stabbiliti tal-prodotti wara l-ipproċessar. L-analiżi u t-testijiet iridu jitwettqu bi qbil mal-metodi magħrufa xjentifikament (b'mod partikolari, dawk preskritti fil-leġislazzjoni tal-Komunità jew, fejn dawn ma jeżistux, livelli stabbiliti internazzjonali magħrufa jew, fl-assenza tagħhom, livelli stabbiliti nazzjonali); u

(iv) il-kondizzjonijiet tal-ħażna;

(b) tieħu xi kampjuni meħtieġa għal testijiet tal-laboratorju; u

(ċ) tagħmel xi spezzjonijiet oħra li tikkunsidra li huma meħtieġa biex tiġi żgurata konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Biex tkun tista' twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha taħt il-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti jrid ikollha aċċess ħieles f'kull ħin għall-partijiet kollha ta' l-impjant ta' l-ipproċessar u għar-rekords, dokumenti kummerċjali u ċertifikati ta' saħħa.

KAPITOLU V

Proċeduri ta' validazzjoni

1. L-awtorità kompetenti trid tivvalida l-impjant ta' l-ipproċessar bi qbil mal-proċeduri u l-indikaturi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tal-proċess (permezz ta' *process flow diagram*);

(b) identifikazzjoni ta' punti ta' kontroll kritiċi (PKK) li jinkludu r-rata ta' proċess materjali għas-sistema kontinwa;

▼B

(ċ) konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tal-proċess preskritti minn dan ir-Regolament; u

(d) ksib tal-ħtiġijiet li ġejjin:

(i) id-daqs tal-partikoli għall-pressjoni ta' grupp u proċessi kontinwi – definiti mit-toqba tal-*mincer* jew id-daqs ta' l-*anvil gap*, u

(ii) it-temperatura, il-pressjoni, il-ħin ta' l-ipproċessar u r-rata ta' l-ipproċessar tal-materjal (għal sistema kontinwa biss) kif speċifikat f'paragrafi 2 u 3.

2. Fil-każ ta' sistema ta' pressjoni ta' grupp:

(a) it-temperatura trid jiġi mmonitorjata b'*thermocouple* permanenti u trid tiġi *plotted* kontra ħin reali;

(b) l-istadju tal-pressjoni jrid jiġi mmonitorjat b'ġejġ tal-pressjoni permanenti. Il-pressjoni trid tiġi *plotted* kontra ħin reali;

(ċ) il-ħin ta' l-ipproċessar irid jintwera permezz ta' dijagrammi ta' ħin/-temperatura u ħin/pressjoni.

Millinqas darba f'sena it-*thermocouple* u l-ġejġ tal-pressjoni jridu jiġu kalibrati.

3. Fil-każ ta' sistema ta' pressjoni kontinwa:

(a) it-temperatura u l-pressjoni jridu jiġu mmonitorjati permezz tat-*thermocouples*, jew *infrared temperature gun*, u ġejġijiet tal-pressjoni użati f'pożizzjonijiet definiti matul is-sistema ta' proċess b'tali mod li t-temperatura u l-pressjoni jikkonformaw mal-kondizzjonijiet meħtieġa fis-sistema sħiħa kontinwa jew fit-taqsima minnha. It-temperatura u l-pressjoni jridu jiġu *plotted* kontra ħin reali;

(b) kejl tal-ħin minimu transitu fil-parti sħiħa rilevanti tas-sistema kontinwa fejn it-temperatura u l-pressjoni jikkonformaw mal-kondizzjonijiet meħtieġa, irid jiġi pprovdut lill-awtoritajiet kompetenti, permezz ta' *markers* li ma jinħallux (per eżempju, *manganese dioxide*) jew metodu li joffri garanziji ekwivalenti. Kejl eżatt u kontroll tar-rata tal-proċess tal-materjal huwa essenzjali u jrid jitkejjel matul it-test ta' validazzjoni f'relazzjoni ma' PKK li jista' jiġi mmonitorjat b'mod kontinwu bħal:

(i) *feed screw revolutions* kull minuta (rev./min.),

(ii) qawwa elettrika (amps f'vultaġġ mogħti),

(iii) rata ta' evaporazzjoni/kondensazzjoni, jew

(iv) numru ta' *pump strokes* kull ħin unit.

It-tagħmir ta' kejl u ta' monitoraġġ kollu jrid jiġi kalibrat millinqas darba f'sena.

4. L-awtorità kompetenti trid tirrepeti l-proċeduri ta' validazzjoni perjodikament, meta tikkunsidra li huwa meħtieġ, u f'kull każ kull darba li xi tibdiliet isiru lill-proċess (per eżempju, modifikazzjoni tal-makkinarju jew tibdil ta' materji primi).

▼M15

5. Proċeduri ta' validazzjoni bbażati fuq metodi ta' testjar jistgħu jiġu preskritti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼B

L-ANNESS VI

▼M10

HTIĠIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-IPPROĊESSAR TAL-MATERJAL TAL-KATEGORIJA 1 U 2 U GĦALL-IMPJANTI ta' BIJOGASS U FEJN ISIR IL-KOMPOST U GĦALL-IMMARKAR ta' ĊERTI PRODOTTI PROĊESSATI

▼B

KAPITOLU I

▼M10

Rekwiżiti speċifiċi għall-ipproċessar tal-materjali tal-Kategorija 1 u 2 u għall-immarkar ta' ċerti prodotti proċessati

▼B

Il-ħtiġijiet li ġejjin japplikaw b'żieda mal-ħtiġijiet ġenerali preskritti fl-Anness V.

A. *Fondijiet*

1. L-arranġament ta' impjanti ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 1 u Kategorija 2 irid jiżgura s-separazzjoni totali ta' materjal ta' Kategorija 1 minn Kategorija 2 mir-riċeviment tal-materja prima sad-dispaċċ tal-prodott ipproċessat li jirriżulta.

2. Madankollu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-użu temporanju ta' impjant ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 2 għall-ipproċessar ta' materjal ta' Kategorija 1 meta mxija mifruxa ta' mard epiżootiku jew ċirkostanzi straordinarji jew imprevisti oħra jwasslu għal nuqqas ta' kapaċità fl-impjant ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 1.

   L-awtorità kompetenti trid tapprova mill-ġdid l-impjant ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 2 bi qbil ma' l-Artikolu 13 qabel ma jerġa' jipproċessa materjal ta' Kategorija 2.

B. *Livelli stabbiliti ta' l-ipproċessar*

3. Il-punti ta' kontroll kritiċi li jistabbilixxu l-estent tat-trattamenti tas-sħana applikati fl-ipproċessar iridu jiġu identifikati għal kull metodu ta' l-ipproċessar kif speċifikat fl-Anness V, Kapitolu III. Il-punti ta' kontroll kritiċi jistgħu jinkludu:

   (a) id-daqs tal-partikoli tal-materja prima;

   (b) it-temperatura miksuba fil-proċess tat-trattament tas-sħana;

   (ċ) il-pressjoni applikata lill-materja prima; u

   (d) it-tul taż-żmien tal-proċess tat-trattament tas-sħana jew ir-rata ta' l-għalf lil sistema kontinwa.

   Livelli stabbiliti minimi tal-proċess iridu jiġu speċifikati għal kull punt ta' kontroll kritiku.

4. Rekords iridu jinżammu għal millinqas sentejn biex juru li l-valuri tal-proċess minimi għal kull punt ta' kontroll kritiku huma applikati.

5. Gejġijiet/*recorders* kalibrati b'mod eżatt iridu jintużaw biex jimmonitorjaw kontinwament il-kondizzjonijiet ta' l-ipproċessar. Rekords iridu jinżammu biex juru d-data ta' kalibrazzjoni ta' gejġijiet/*recorders*.

▼B

6. Materjal li jista' ma jkunx irċieva t-trattament tas-sħana speċifikat (p.e. materjal skarigat fl-*istart up*, jew tqattir minn *cookers*) irid jiġi ċċirkolat mill-ġdid matul it-trattament tas-sħana jew miġbur u pproċessat mill-ġdid.

7. Prodotti sekondarji ta' l-annimali jridu jiġu pproċessati bi qbil mal-livelli stabbiliti ta' l-ipproċessar li ġejjin.

(a) Il-metodu ta' l-ipproċessar 1 irid jiġi applikat għal:

▼M1

(i) Il-materjal tal-Kategorija 2 (minbarra demel, kontenut ta' l-istonku separat mill-istonku, ħalib u kolostru), destinat għall-apparat ta' biogass jew kompost jew maħsub biex jintuża bħala fertilizzant organiku jew materjal li jtejjeb il-ħamrija, u

▼B

(ii) Materjal ta' Kategorija 1 u Kategorija 2 maħsuba għall-miżbla.

(b) Kull wieħed mill-metodi ta' l-ipproċessar 1 sa 5 iridu jiġu applikati għal:

(i) Materjal ta' Kategorija 2 minn liema l-proteina li tirriżulta hija maħsuba għall-inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni,

(ii) Materjal ta' Kategorija 2 minn liema x-xaħam mirdud huwa destinat għall-impjant oleokimiku ta' Kategorija 2, u

(iii) Materjal ta' Kategorija 1 u Kategorija 2 maħsuba għall-inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni.

▼M1

_____

▼B

Ċ. *Prodotti pproċessati*

▼M15

8. Prodotti pproċessati derivati minn materjal ta' Kategorija 1 jew 2, bl-eċċezzjoni ta' prodotti likwidi maħsuba għall-impjanti bijogass jew fejn isir il-kompost, iridu jiġu mmarkati b'mod permanenti, fejn teknikament possibbli bir-riħa, permezz ta' sistema approvata mill-awtorità kompetenti. Regoli dettaljati għal immarkar bħal dan jistgħu jiġu preskritti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼B

9. Kampjuni ta' prodotti pproċessati maħsuba għall-impjanti ta' biogas jew fejn isir il-kompost jew għall-miżbla, meħuda direttament wara trattament tas-sħana, iridu jkunu ħielsa minn spori ta' batterji reżistenti għas-sħana (*Clostridium perfringens* nieqes f'1 g tal-prodott).

▼M10

10. Fl-impjanti ta' proċessar approvati skond l-Artikolu 13, il-prodotti proċessati kif imsemmija fl-Artikolu 4(2)(b) u (ċ) u l-Artikolu 5(2)(b) u (ċ) għandhom jiġu mmarkati b'mod permanenti b':

(a) riħa, fejn hu teknikament possibbli; kif ukoll

(b) glyceroltriheptanoate (GTH) b'tali mod li:

(i) il-GTH jiżdied mal-prodotti proċessati li għaddew minn trattament terminali preċedenti li jżid l-iġjene b'temperatura fil-qalba ta' mill-inqas 80 °C u jibqgħu għaldaqstant imħarsa minn kontaminazzjoni mill-ġdid. kif ukoll

▼M10

(ii) il-prodotti proċessati kollha fihom b'mod omoġenju mas-sustanza kollha konċentrazzjoni minima ta' mill-inqas 250 mg GTH għal kull kilo xaħam.

11. L-operaturi ta' l-impjanti għall-ipproċessar approvati skond l-Artikolu 13 se jkollhom sistema ta' monitoraġġ u reġistrazzjoni kontinwa tal-parametri xierqa biex juru lill-awtorità kompetenti li l-konċentrazzjoni omoġenja minima meħtieġa ta' GTH kif imsemmija fil-punt 10(b) hi miksuba fil-prodotti proċessati msemmija fil-punt 10.

Dik is-sistema ta' monitoraġġ u reġistrazzjoni se tinkludi d-determinazzjoni tal-kontenut intatt ta' GTH bħala triglyceride f'estratt ta' *petroleum-ether* 40–70 imnaddaf tal-GTH minn kampjuni meħuda tul intervalli regolari.

12. L-awtorità kompetenti tista' twettaq verifika ta' eżekuzzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ u reġistrazzjoni msemmija fil-punt 11 biex tiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament u tista', fejn meħtieġ, teħtieġ l-ittestjar tal-kampjuni supplimentari skond il-metodu msemmi fit-tieni paragrafu tal-punt 11.

13. L-immarkar bil-GTH mhux se jintħieġ għall-prodotti proċessati kif imsemmija fl-Artikolu 4(2)(b) u (ċ) u l-Artikolu 5(2)(b) u (ċ), fejn prodotti bħal dawn huma:

(a) mressqa minn sistema ta' trasportatur magħluqa, fejn sistema bħal din ġiet awtorizzata mill-awtorità kompetenti, mill-impjant għall-ipproċessar għal:

(i) inċinerazzjoni diretta immedjata jew ko-inċinerazzjoni; jew

(ii) użu immedjat skond metodu approvat għall-prodotti sekondarji ta' l-annimali tal-Kategorija 1 u 2 skond l-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 92/2005; jew

(b) maħsub għal riċerka jew għal użu xjentifiku awtorizzat mill-awtorità kompetenti.

▼B

KAPITOLU II

Htiġijiet speċifiċi għall-approvazzjoni ta' impjanti ta' biogas u fejn isir il-kompost

A. *Fondijiet*

▼M7
▼C2

1. Impjant tal-bijogass għandu jkun mgħammar bi:

(a) unità ta' pasturizzazzjoni/iġenizzazzjoni, li ma jistax jiġi *bypassed*, bi:

(i) installazzjonijiet għall-monitoraġġ tat-temperatura kontra l-ħin;

(ii) mezzi ta' rekordjar biex jiġu rrekordjati b'mod kontinwu r-riżultati tal-qisien imsemmija f' (i); u

(iii) sistema adegwata sikura biex tipprevjeni sħana insuffiċjenti;

(b) faċilitajiet adegwati għat-tindif u d-diżinfettar ta' vetturi u kontenituri malli jitilqu mill-impjant tal-bijogass.

Madankollu, unità ta' pasturizzazzjoni/iġenizzazzjoni mhijiex mandatorja għall-impjanti tal-bijogass li jittrasformaw biss

(i) prodotti sekondarji ta' l-annimali li jkunu għaddew mill- Metodu 1 ta' l-ipproċessar.

(ii) Materjal tal-kategorija 3 li jkun għadda minn pasturizzazzjoni/-iġenizzazzjoni x'imkien ieħor; jew

▼C2

(iii) prodotti sekondarji ta' l-annimali li jistgħu jintużaw bħala materja prima mingħajr proċessar.

Jekk l-impjant tal-bijogass jinsab fi stabbiliment fejn jinżammu l-annimali u ma jużax biss id-demel li ġej minn dawn l-annimali, l-impjant għandu jkun distanza xierqa 'l bogħod miż-żona fejn jinżammu dawn l-annimali u f'kull każ għandu jkun hemm firda fiżika totali bejn dan l-impjant u dawk l-annimali u l-għalf u l-friex tagħhom, u fejn meħtieġ b'xatba li tifred.

2. Impjant ta' l-ikkompostjar għandu jkun mgħammar bi:

(a) reattur ta' fejn isir il-kompost magħluq, li ma jistax jiġi *bypassed*, bi:

(i) installazzjonijiet għall-monitoraġġ tat-temperatura kontra l-ħin;

(ii) mezzi ta' rekordjar biex jiġu rrekordjati b'mod kontinwu r-riżultati tal-qisien imsemmija f' (i); u

(iii) sistema adegwata sikura biex tipprevjeni sħana insuffiċjenti;

(b) faċilitajiet adegwati għat-tindif u d-diżinfettar ta' vetturi u kontenituri li jittrasportaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux trattati.

Madankollu, tipi oħra ta' sistemi ta' l-ikkompostjar jistgħu jiġu permessi sakemm:

(i) jiżguraw li jkun hemm miżuri xierqa għal kontra l-ġrieden u annimali oħra li jagħmlu l-ħsara

(ii) ikunu ġestiti b'mod li l-materjal kollu fis-sistema jilħaq il-parametri meħtieġa tal-ħin u tat-temperatura, inkluż, fen xieraq, monitoraġġ kontinwu tal-parametri;

(iii) jikkonformaw mar-rekwiżiti l-oħra kollha ta' dan ir-Regolament.

Jekk l-impjant ta' l-ikkompostjar jinsab fi stabbiliment fejn jinżammu l-annimali u ma jużax biss id-demel li ġej minn dan l-annimali, l-impjant għandu jkun distanza xierqa 'l bogħod miż-żona fejn jinżammu dawn l-annimali u f'kull każ għandu jkun hemm firda fiżika totali bejn dan l-impjant u dawk l-annimali u l-għalf u l-friex tagħhom, u fejn meħtieġ b'xatba li tifred.

▼B

3. Kull impjant biogas u fejn isir il-kompost irid ikollu l-laboratorju tiegħu jew jagħmel użu minn laboratorju estern. Il-laboratorju jrid jiġi mgħammar biex jitwettqu l-analiżi meħtieġa u jiġi approvat mill-awtorità kompetenti.

B. *Ħtiġijiet ta' iġjene*

4. Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali li ġejjin biss jistgħu jiġu ttrasformati f'impjant ta' biogas jew fejn isir il-kompost:

(a) Materjal ta' Kategorija 2, meta jintuża l-metodu ta' l-ipproċessar 1 f'impjant ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 2;

▼M1

(b) demel u kontenut ta' l-istonku separat mill-istonku, minn ħalib u kolostru, u

▼B

(ċ) Materjal ta' kategorija 3.

▼M3

Madankollu, materjali li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' materjal ta' Kategorija 1 jistgħu jiġu ttrasformati f'impjant tal-bijogass, sakemm l-ipproċessar ikun sar skond metodu alternattiv approvat b'konformità ma' l-Artikolu 4(2)(e) u, ħlief kif speċifikat mod ieħor, il-produzzjoni tal-bijogass tkun parti minn dak il-metodu alternattiv u l-materjal li jirriżulta jintrema b'mod konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti għall-metodu alternattiv.

▼B

5. Prodotti sekondarji ta' l-annimali riferiti fil-paragrafu 4 iridu jiġu trasformati malajr kemm ikun possibbli wara li jaslu. Iridu jinħażnu sew sakemm jiġu trattati.

6. Konteniturі, reċipjenti u vetturi użati għat-trasportazzjoni ta' materjal mhux trattat iridu jitnaddfu f'żona nominata. Din iż-żona trid tkun lokata jew nominata biex tipprevjeni r-riskju ta' kontaminazzjoni ta' prodotti trattati.

7. Miżuri preventivi kontra l-għasafar, l-annimali gerriema, l-insetti jew dud ieħor iridu jittieħdu b'mod sistematiku. Programm dokumentat ta' kontroll ta' annimali jew insetti qerrieda jrid jintuża għal dak l-għan.

8. Proċeduri ta' tindif iridu jiġu dokumentati u stabbiliti għall-partijiet kollha tal-fondijiet. Tagħmir u aġenti tat-tindif xierqa jridu jiġu pprovduti għat-tindif.

9. Il-kontroll ta' l-iġjene jrid jinkludi spezzjonijiet regolari ta' l-ambjent u tat-tagħmir. Skeda ta' spezzjoni u riżultati jridu jiġu dokumentati.

10. Installazzjonijiet u tagħmir iridu jinżammu fi stat tajjeb ta' tiswija u tagħmir ta' kejl irid jiġi kalibrat f'intervalli regolari.

▼M7
▼C2

11. Ir-residwi tad-diġestjoni u l-kompost jridu jiġu mmaneġġjati u maħżuna fl-impjant rispettiv tal-bijogass jew ta' l-ikkompostjar b'tali mod li jipprekludu kontaminazzjoni mill-ġdid.

▼B

Ċ. *Livelli stabbiliti ta' l-ipproċessar*

▼M7
▼C2

12. Materjal ta' Kategorija 3 użat bħala materja prima f'impjant tal-bijogas mgħammar b'unità ta' pasturizzazzjoni/iġenizzazzjoni jrid jiġi sottomess għar-rekwiżiti minimi li ġejjin:

(a) id-daqs massimu tal-partikoli qabel ma jidħol fl-unità: 12 mm;

(b) it-temperatura minima fil-materjal kollu fl-unità: 70 °C; u

(c) il-ħin minimu fl-unità mingħajr interruzzjoni: 60 minuta.

Madankollu, ħalib, kolostri u prodotti tal-ħalib tal-kategorija 3 jistgħu jintużaw mingħajr pasturizzazzjoni/iġenizzazzjoni bħala materja prima f'impjant tal-bijogass, jekk l-awtorità kompetenti ma tqisx li jippreżentaw riskju ta' tixrid ta' xi marda serja li tittieħed.

13. Materjal ta' Kategorija 3 użat bħala materja prima f'impjant fejn isir il-kompost irid jiġi sottomess għar-rekwiżiti minimi li ġejjin:

(a) id-daqs massimu tal-partikoli qabel ma jidħol fl-unità: 12 mm;

(b) it-temperatura minima fil-materjal kollu fir-reattur: 70 °C; u

▼C2

(c) il-ħin minimu fil-materjal kollu f'temperatura ta' 70 °C (il-materjal kollu) 60 minuta.

13a. Madankollu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-użu ta' parametri standardizzati oħra għall-proċessi sakemm l-applikant juri li dawn il-parametri jiżguraw il-minimizzazzjoni tar-riksji bijoloġiċi. Dan għandu jinkludi validazzjoni, li għandha titwettaq skond il-punti (a) sa (f):

(a) Identifikazzjoni u analiżi tal-perikli possibbli, inkluż l-impatt tal-materjal li jiddaħħal, ibbażati fuq definizzjoni sħiħa tal-kundizzjonijiet ta' l-ipproċessar.

(b) Valutazzjoni tar-riskju, li tevalwa kif jitwettqu fil-prattika l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-ipproċessar imsemmija f' (a) f'kundizzjonijiet normali u atipiċi.

(c) Validazzjoni tal-proċess mixtieq permezz tal-kejl tat-tnaqqis tal-vijabbiltà/l-infettività ta':

(i) organiżmi indikaturi endoġeni waqt il-proċess, fejn l-indikatur huwa:

— konsistentement preżenti fil-materja prima f'għadd kbir,

— mhux inqas reżistenti għall-aspetti letali tal-proċess ta' trattament, iżda wkoll mhux sinifikatament aktar reżistenti mill-patoġeni li għalihom qed jintuża sabiex jiġu mmonitorjati,

— relattivament faċli biex tikkwantifikah u relattivament faċli biex tidentifikah u tikkonfermah;

jew

(ii) (waqt l-esponiment) organiżmu jew vajrus għat-testijiet li jkun karatterizzat sew, introdott f'*test body* xieraq fil-materjal tal-bidu

(d) Il-validazzjoni tal-proċess imsemmi f' (c) għandu juri li l-proċess jilħaq it-tnaqqis kumplessiv tar-riskju li ġej:

(i) għal proċessi kimiċi u termali bi:

— tnaqqis ta' 5 log10 ta' *Enterococcus faecalis jew Salmonella Senftenberg (775W, H2S negative)*;

— tnaqqis ta' l-infectivity titre ta' vajrusis termoreżistenti bħall-*parovirus* b'mill-inqas 3 log10, kull meta jkunu identifikati bħala periklu rilevanti;

u

(ii) fir-rigward ta' proċessi kimiċi wkoll bi:

— tnaqqis ta' parassiti reżistenti bħall-bajd ta' l-*ascaris sp*. b'mill-inqas 99,9 % (3 log10) ta' l-istadji vijabbli.

(e) It-tfassil ta' programm ta' kontroll komplut li jinkludi l-proċeduri għall-monitoraġġ ta' kif jaħdmu l-proċessi msemmija f' (c).

(f) Miżuri li jiżguraw il-monitoraġġ u s-superviżjoni kontinwi tal-parametri relevanti tal-proċess stabbiliti fil-programm ta' kontroll meta l-impjant ikun qed jitħaddem.

Deattalji dwar il-parametri relevanti tal-proċess użati f'impjant tal-bijogass jew ta' l-ikkompostjar kif ukoll punti kritiċi ta' kontroll oħra għandhom jiġu rrekordjati u miżmuma sabiex is-sid, l-operatur jew ir-rappreżentant tagħhom u l-awtorità kompetenti jkunu jistgħu jimmonitorjaw it-tħaddim ta' l-impjant. Ir-rekords jridu jkunu disponibbli għall-awtorità kompetenti jekk din titlobhom.

▼C2

L-informazzjoni marbuta ma' proċess awtorizzat taħt dan il-punt trid tkun disponibbli għall-Kummissjoni jekk din titlobha.

▼M1

14. Madankollu, sakemm jiġu adottati r-regoli skond l-Artikolu 6(2)(ġ), l-awtorita' kompetenti tista' tawtorizza, meta l-iskart tal-kċina hu l-uniku prodott ta' l-annimali wżat bħala materja prima fl-apparat tal-biogass jew tal-kompost, l-użu ta' kondizzjonijiet speċifiċi minbarra dawk stabbiliti f'dan il-Kapitolu, dejjem jekk jiggarantixxu effett ekwivalenti rigward it-tnaqqis tal-patoġeni. Dawn il-kondizzjonijiet speċifiċi jistgħu japplikaw ukoll għal skart tal-kċina meta jkun imħallat mad-demel, kontenut ta' l-istonku separat mill-istonku, ħalib u kolostru iżda l-materjal li jirriżulta hu meqjus daqs li kieku kien skart tal-kċina.

fejn demel, kontenut ta' l-istonku separat mill-istonku, ħalib u kolostru huma l-uniku materjal ta' oriġini ta' l-annimali li jkun trattat mill-apparat tal-biogass jew kompost, l-awtorita' kompetenti tista' tawtorizza l-użu ta' kondizzjonijiet speċifiċi minn barra dawk speċifikati f'dan il-Kapitolu dejjem jekk hi:

(a) ma tqisx li dak il-materjal joħloq riskju ta' tixrid ta' xi marda trasmissibli serja;

▼M7
▼C2

(b) tqis li r-residwi jew il-kompost huma materjal mhux ipproċessat.

▼B

D. *Residwi ta' diġestjoni u kompost*

▼M7
▼C2

15. Kampjuni tar-residwi ta' diġestjoni jew kompost meħuda matul jew eżatt wara l-ipproċessar fl-impjant tal-bijogass jew fejn isir il-kompost iridu jikkonformaw mal-livelli stabbiliti li ġejjin:

Escherichia coli: n = 5, c = 1, m = 1 000, M = 5 000 f' 1 g;

jew

Enterococaceae: n = 5, c = 1, m = 1 000, M = 5 000 f' 1 g;

u

Kampjuni tar-residwi ta' diġestjoni jew kompost meħuda matul jew ma' l-irtirar mill-ħażna fl-impjant tal-bijogass jew fejn isir il-kompost iridu jikkonformaw mal-livelli stabbiliti li ġejjin:

Salmonella: assenza f'25 g: n = 5; c = 0; m = 0; M = 0

fejn:

n = in-numru ta' kampjuni li jridu jiġu ttestjati;

m = il-valur *threshold* għan-numru ta' batterji; ir-riżultat huwa kkunsidrat sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji fil-kampjuni kollha ma jaqbiżx m;

M = il-valur massimu għan-numru ta' batterji; ir-riżultat huwa kkunsidrat mhux sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji f'wieħed jew iktar mill-kampjuni jkun M jew iktar; u

▼C2

c = numru ta' kampjuni li n-numru ta' batterji tagħhom jista' jkun ta' bejn m u M, il-kampjun jibqa' jiġi kkunsidrat aċċettabbli jekk in-numru ta' batterji tal- kampjuni l-oħra huwa m jew inqas.

Residwi tad-diġestjoni jew kompost, li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu għandhom jiġu pproċessati mill-ġdid, fil-każ tas-Salmonella ttrattati jew mormija skond l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti.

▼B

KAPITOLU III

Livelli stabbiliti ta' trattament għal aktar ipproċessar ta' xaħmijiet mirduda

Il-proċessi li ġejjin jistgħu jintużaw biex jiġu prodotti derivattivi tax-xaħam minn xaħmijiet mirduda derivati minn materjal ta' Kategorija 2:

1. *transesterification* jew idrolisi f'temperatura ta' millinqas 200°Ċ, taħt pressjoni korrispondenti xierqa, għal 20 minuta (gliċerol, aċidi xaħmin u esterijiet); jew

2. saponifikazzjoni b'NaOH 12M (gliċerol u sapun):

   (a) fi proċess fi grupp f'temperatura ta' 95°Ċ għal tliet siegħat; jew

▼M15

   (b) fi proċess kontinwu f'temperatura ta' 140 Ċ 2 bars (2 000 hPa) għal tmien minuti, jew taħt kundizzjonijiet ekwivalenti preskritti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼M3

Madankollu, proċessi oħrajn jistgħu jintużaw għal aktar ipproċessar ta' xaħmijiet ta' l-annimali li ġejjin minn materjal ta' Kategorija I, sakemm dawn il-proċessi huma approvati bħala metodi alternattivi b'mod konformi ma' l-Artikolu 4(2)(e).

▼B

L-ANNESS VII

HTIĠIJIET SPEĊIFIĊI TA' IĠJENE GĦALL-IPPROĊESSAR U T-TQEGĦID FIS-SUQ TA' PROTEINA PPPROĊESSATA TA' L-ANNIMALI U PRODOTTI PPROĊESSATI OĦRA LI JISTGĦU JINTUŻAW BĦALA MATERJAL TA' L-GĦALF

KAPITOLU I

Ħtiġijiet speċifiċi għall-approvazzjoni ta' impjanti ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 3

Il-ħtiġijiet li ġejjin japplikaw b'żieda mal-ħtiġijiet ġenerali preskritti fl-Anness V.

A. *Fondijiet*

1. Fondijiet għall-ipproċessar ta' materjal ta' Kategorija 3 ma jridux ikunu fl-istess post bħal fondijiet li jipproċessaw materjal ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2, sakemm mhux f'bini kompletament separat.

2. Madankollu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-użu temporanju ta' impjant ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 3 għall-ipproċessar ta' materjal ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2 meta mxija mifruxa ta' mard epiżootiku jew ċirkostanzi straordinarji jew imprevisti oħra jwasslu għal nuqqas ta' kapaċità fl-impjant ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 1 jew Kategorija 2.

   L-awtorità kompetenti trid tapprova mill-ġdid l-impjant ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 3 bi qbil ma' l-Artikolu 17 qabel ma jerġa' jipproċessa materjal ta' Kategorija 3.

3. Impjanti ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 3 irid ikollhom:

   (a) installazzjoni li tispezzjona l-preżenza ta' materjal barrani, bħal ma huwa materjal ta' pakkeġġjar, biċċiet metalliċi, eċċ. fil-prodotti sekondarji ta' l-annimali; u

   (b) jekk il-volum ta' prodotti trattati jeħtieġu l-preżenza regolari jew permanenti ta' l-awtorità kompetenti, kamra li tissakkar mgħammra b'mod xieraq għall-użu esklussiv tas-servizz ta' l-ispezzjoni.

B. *Materja prima*

▼M1

4. Il-materjal tal-Kategorija 3 biss,imniżżel fil-punti minn (a) sa (j) ta' l-Artikolu 6(1). li kien immaniġġjat, maħżun u trasportat skond l-Artikoli 7,8 u 9 jista' jintuża għall-produzzjoni ta' proteini proċessati ta' l-annimali u għal materjal ieħor ta' għalf.

▼B

5. Qabel ma jiġu pproċessati, prodotti sekondarji ta' l-annimali jridu jiġu spezzjonati għall-preżenza ta' materjal barrani. Meta preżenti, irid jitneħħa immedjatament.

Ċ. *Livelli stabbiliti ta' l-ipproċessar*

6. Il-punti ta' kontroll kritiċi li jistabbilixxu l-estent tat-trattamenti tas-sħana applikati fl-ipproċessar iridu jiġu identifikati għal kull metodu ta' l-ipproċessar kif speċifikat fl-Anness V, Kapitolu III. Il-punti ta' kontroll kritiċi jridu jinkludu għallinqas:

   — id-daqs tal-partikoli tal-materja prima,

   — it-temperatura miksuba fil-proċess tat-trattament tas-sħana,

▼B

— il-pressjoni applikata lill-materja prima, jekk ikun applikabbli, u

— it-tul taż-żmien tal-proċess tat-trattament tas-sħana jew ir-rata ta' l-għalf lil sistema kontinwa.

Livelli stabbiliti minimi tal-proċess iridu jiġu speċifikati għal kull punt ta' kontroll kritiku.

7. Rekords iridu jinżammu għal millinqas sentejn biex juru li l-valuri minimi tal-proċess għal kull punt ta' kontroll kritiku huma applikati.

8. Gejġijiet/*recorders* kalibrati b'mod eżatt iridu jintużaw biex jimmonitorjaw kontinwament il-kondizzjonijiet ta' l-ipproċessar. Rekords iridu jinżammu għal millinqas sentejn biex juru d-data ta' kalibrazzjoni ta' gejġijiet/-*recorders*.

9. Materjal li jista' jkun ma jkunx irċieva t-trattament tas-sħana speċifikat (per eżempju, materjal skarigat fl-*istart up*, jew tqattir minn *cookers*) irid jiġi ċċirkolat mill-ġdid matul it-trattament tas-sħana jew miġbur u pproċessat mill-ġdid.

D. *Prodotti pproċessati*

10. Kampjuni tal-prodotti finali meħuda matul jew ma' l-irtirar mill-ħażna fl-impjant ta' l-ipproċessar iridu jikkonformaw mal-livelli stabbiliti li ġejjin:

Is-Salmonella: nieqsa f'25 g: n = 5, ċ = 0, m = 0, M = 0

L-Enterobacteriaceae: n = 5, ċ = 2, m = 10, M = 300 f'1 g

fejn:

n = numru ta' kampjuni li jridu jiġu ttestjati;

m = il-valur *threshold* għan-numru ta' batterji; ir-riżultat huwa kkunsidrat sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji fil-kampjuni kollha ma jaqbiżx m;

M = il-valur massimu għan-numru ta' batterji; ir-riżultat huwa kkunsidrat sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji f'kampjun wieħed jew aktar huwa Mjew aktar; u

ċ = numru ta' kampjuni li n-numru ta' batterji tagħhom jista' jkun ta' bejn m u M,il-kampjun jibqa' jiġi kkunsidrat aċċettabbli jekk in-numru ta' batterji tal-kampjuni l-oħra huwa m jew inqas.

▼M1

11. Prodotti proċessati mhux użati jew żejda jistgħu, wara li jkun ġew immarkati b'mod li ma jitħassarx:

(a) jinqerdu bħala skart permezz ta' inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni f'apparat ta' inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni approvat skond l-Artikolu 12;

(b) jintremew f'terraferma artifiċjali skond id-Direttiva 1999/31/KE; jew

(ċ) jiġu trasformati f'apparat ta' biogass jew ta' kompost approvati skond l-Artikolu 15.

▼B

KAPITOLU II

Ħtiġijiet speċifiċi għal proteina pproċessata ta' l-annimali

Il-kondizzjonijiet li ġejjin japplikaw b'żieda mal-ħtiġijiet ġenerali preskritti fil-Kapitolu I.

A. *Livelli stabbiliti ta' l-ipproċessar*

▼M1

1. ►**M14** Il-proteina pproċessata mill-annimali mammiferi trid tkun ġiet ippreżentata għal metodu ta' pproċessar nru 1. Iżda, id-demm porċin jew frazzjonijiet ta' demm porċin jista' jiġi ippreżentat mill-banda l-oħra għal kull wieħed mill-metodi ta' pproċessar minn 1 sa 5 jew il-metodu ta' pproċessar nru 7 sakemm fil-każ tal-metodu 7 ta' pproċessar, jiġi applikat trattament ta' sħana b'temperatura minima ta' 80 °C. ◄

Madankollu, sakemm il-projbizzjoni dwar l-għalf tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/766/KE tibqa' fis-seħħ, il-proteini ta' l-annimali proċessati li ġejjin minn mammiferi jistgħu jgħaddu mill-Metodi ta' proċessar minn 1 sa 5 jew mill-Metodu 7, u għandhom jibqgħu immarkati b'tebgħa li ma titħassarx jew b'mod ieħor immedjatament wara dak l-iproċessar, qabel ma jintremew bħala skart skond il-leġislazzjoni Komunitarja applikabbli.

Barra minn hekk, sakemm il-projbizzjoni dwar l-għalf tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/766/KE tibqa' fis-seħħ, proteini ta' l-annimali proċessati li ġejjin minn mammiferi destinati esklusivament għall-użu fl-ikel ta' l-annimali, li huma trasportati f'kontenituri apposta li mhumiex użati għall-ġarr ta' prodotti ta' l-annimali jew għalf għall-annimali ta' fuq l-irziezet, u li huma mgħoddija direttament minn apparat ta' proċessar tal-Kategorija 3 għal apparat ta' l-għalf ta' l-annimali, jistgħu jkunu għaddew minn wieħed mill-Metodi ta' proċessar minn 1 sa 5 jew 7.

▼B

2. Proteina ta' l-annimali pproċessata mhux mammifera, minbarra ikel mill-ħut, trid tkun ġiet sottomessa għal xi wieħed mill-metodi 1 sa 5 jew 7.

3. Ikel mill-ħut irid ikun ġie sottomess:

(a) lil xi wieħed mill-metodi ta' l-ipproċessar; jew

(b) lil metodu u l-parametri li jiżguraw li l-prodott jikkonforma mal-livelli stabbiliti mikrobijoloġiċi ddikjarati f'Kapitolu I, paragrafu 10.

B. *Ħażna*

4. Proteina pproċessata ta' l-annimali trid tkun ippakkeġġjata u maħżuna f'boroż ġodda jew sterilizzati jew maħżuna f'bulk bins mibnija sew.

5. Iridu jittieħdu miżuri suffiċjenti biex titnaqqas il-kondensazzjoni ġol-*bins*, *conveyors* jew *elevators*.

6. Prodotti *f'conveyors*, *elevators* u *bins* iridu jiġu protetti minn kontaminazzjoni aċċidentali.

7. Tagħmir ta' immaneġġjar ta' proteina ta' l-annimali pproċessata irid jinżamm f'kondizzjoni nadifa u niexfa u għandu jkollha punti ta' spezzjoni xierqa biex it-tagħmir ikun jista' jiġi eżaminat għall-indafa. Il-faċilitajiet kollha ta' ħażna jridu jiġu mbattla u mnaddfa b'mod regolari, kif jeħtieġu l-ħtiġijiet tal-produzzjoni.

8. Proteina pproċessata ta' l-annimali trid tinżamm niexfa. M'għandux jitħalla tqattir u kondensazzjoni fiż-żona tal-ħażna.

▼B

Ċ. *Importazzjoni*

9. L-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' proteina pproċessata ta' l-annimali:

(a) jekk tiġi minn pajjiżi terzi li jidhru fuq il-lista f'Parti II ta' l-Anness XI jew, fil-każ ta' ikel mill-ħut, li jidhru fuq il-lista f'Parti III ta' l-Anness XI;

(b) jekk tiġi minn impjant ta' l-ipproċessar li jidher fuq il-lista riferita fl-Artikolu 29(4);

(ċ) jekk tkun ġiet prodotta bi qbil ma' dan ir-Regolament; u

▼M2

(d) jekk huwa akkumpanjat b'ċertifikat tas-saħħa li jkun konformi mal-kampjun stabbilit fil-Kapitolu I ta' l-Anness X.

▼B

10. Qabel ma' l-kunsinni jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità, l-awtorità kompetenti trid tieħu kampjuni ta' importazzjonijiet ta' proteina pproċessata ta' l-annimali fil-post ta' l-ispezzjoni fil-fruntiera biex tiġi żgurata konformità mal-ħtiġijiet ta' Kapitolu I, paragrafu 10. L-awtorità kompetenti trid:

(a) tieħu kampjuni minn kull kunsinna ta' prodotti li jinġarru bil-massa; u

(b) twettaq kampjunar kif ġie ġie fost il-kunsinni tal-prodotti mqiegħda f'pakketti fl-impjant tal-fabbrikazzjoni.

11. Madankollu, meta sitt testijiet konsekuttivi fuq kunsinni bil-massa li joriġinaw f'pajjiż terz mogħti jirriżultaw negattivi, l-awtorità kompetenti tista' twettaq kampjunar kif ġie ġie fuq kunsinni bil-massa sussegwenti minn dak il-pajjiż terz. Jekk wieħed minn dawn il-kampjuni jirriżulta pożittiv, l-awtorità kompetenti li qed twettaq il-kampjunar trid tinforma lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' l-oriġini sabiex tkun tista' tieħu miżuri xierqa biex tirrimedja s-sitwazzjoni. L-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' l-oriġini trid twassal dawn il-miżuri għall-attenzjoni ta' l-awtorità kompetenti li qed twettaq il-kampjunar. Fil-każ ta' riżultat pożittiv ieħor mill-istess sors, l-awtorità kompetenti trid tieħu kampjuni minn kull kunsinna mill-istess sors sakemm sitt testijiet konsekuttivi jerġgħu jirriżultaw negattivi.

12. L-awtoritajiet kompetenti jridu jżommu rekord għal millinqas sentejn tar-riżultati mill-mostri mwettqa fuq il-kunsinni kollha li jkunu għaddew mill-mostri.

13. Fejn kunsinna tiġi ppruvata pożittiva għas-salmonella, trid jew:

(a) tiġi trattata bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 17(2)(a) tad-Direttiva 97/78/KE ([1]); jew

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tippreskrivi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' spezzjonijiet veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi (ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 9).

▼M15

(b) tiġi pproċessata mill-ġdid f'impjant tal-ipproċessar approvat f' konformità ma' dan ir-Regolament jew de-kontaminata permezz ta' trattament awtorizat mill-awtorità kompetenti. Lista tat-trattamenti permessi tista' tiġi stabbilita mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3). Il-kunsinna m'għandhiex tiġi rilaxxata sakemm tkun ġiet ittrattata, ittestjata għas-salmonella mill-awtorità kompetenti f' konformità mal-Kapitolu I, paragrafu 10, u jinkiseb riżultat negattiv.

▼B

KAPITOLU III

Ħtiġijiet speċifiċi għall-prodotti mid-demm

Il-kondizzjonijiet li ġejjin japplikaw b'żieda mal-ħtiġijiet ġenerali preskritti fil-Kapitolu I.

A. *Materja prima*

1. Demm li jaqa' taħt il-paragrafu 1(a) u (b) ta' l-Artikolu 6 biss jista' jintuża għall-produzzjoni ta' prodotti mid-demm.

B. *Livelli stabbiliti ta' l-ipproċessar*

2. Prodotti mid-demm iridu jkunu ġew sottomessi:

(a) lil xi wieħed mill-metodi ta' l-ipproċessar 1 sa 5 jew 7; jew

(b) lil metodu u l-parametri li jiżguraw li l-prodott jikkonforma mal-livelli stabbiliti mikrobijoloġiċi ddikjarati f' Kapitolu I, paragrafu 10.

Ċ. *Importazzjoni*

3. L-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti mid-demm jekk:

▼M2

(a) ikun ġej minn pajjiżi terzi li jidhru fil-lista tal-parti V u tal-parti VI ta' l-Anness XI skond kif xieraq;

▼B

(b) jiġu minn impjant ta' l-ipproċessar li jidher fuq il-lista riferita l-Artikolu 29(4);

(ċ) ikunu ġew prodotti bi qbil ma' dan ir-Regolament; u

▼M2

(d) jekk huwa akkumpanjat b'ċertifikat tas-saħħa li jkun konformi mal-kampjun stabbilit fil-Kapitolu 4(B) ta' l-Anness X.

▼B

KAPITOLU IV

Ħtiġijiet speċifiċi għal xaħmijiet mirduda u żejt tal-ħut

Il-kondizzjonijiet li ġejjin japplikaw b'żieda mal-ħtiġijiet ġenerali preskritti fil-Kapitolu I.

A. *Livelli stabbiliti ta' l-ipproċessar*

▼M1

1. Dejjem jekk ix-xaħmijiet maħlula ma jkunux ġew prodotti skond il-Kapitolu II ta' l-Anness Ċ tad-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE [1], jew il-Kapitolu 9 ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE [2], ix-xaħmijiet maħlula għandhom ikunu prodotti bl-użu tal-Metodi minn1 sa 5 jew 7, u żjut tal-ħut jistgħu jkunu prodotti bl-użu tal-Metodu 6, kif imsemmi fl-Anness V, Kapitolu III.

[1] ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 85.
[2] ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.

▼M1

Żjut maħlula derivati mill-annimali li jixtarru għandhom ikunu purifikati b'tali mod li l-livelli massimi ta' impuritajiet totali li ma jinħallux ma jaqbżux iz-0,15 % tal-piż.

▼B

B. *Importazzjoni ta' xaħmijiet mirduda*

2. L-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' xaħmijiet mirduda jekk:

(a) jiġu minn pajjiżi terzi li jidhru fuq il-lista f'Parti IV ta' l-Anness XI;

(b) jiġu minn impjant ta' l-ipproċessar li jidher fuq il-lista riferita l-Artikolu 29(4);

(ċ) ikunu ġew prodotti bi qbil ma' dan ir-Regolament;

(d) jew:

(i) huma derivati għal kollox jew parti minnhom minn materja prima tal-ħnieżer u jiġu minn pajjiż jew parti mit-territorju ta' pajjiż li kien ħieles mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għal 24 xahar ta' qabel u ħielsa mid-deni klassiku tal-ħnieżer u d-deni Afrikan tal-ħnieżer għat-12-il xahar ta' qabel,

(ii) huma derivati għal kollox jew parti minnhom minn materja prima tat-tjur u jiġu minn pajjiż jew parti mit-territorju ta' pajjiż li kien ħieles mill-marda Newcastle u l-influwenza ta' l-għasafar għas-sitt xhur ta' qabel,

(iii) huma derivati għal kollox jew parti minnhom minn materja prima tar-ruminanti u jiġu minn pajjiż jew parti mit-territorju ta' pajjiż li kien ħieles mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għal 24 xahar ta' qabel u ħielsa minn Rinderpest għat-12-il xahar ta' qabel, jew

(iv) fejn kien hemm imxija ta' waħda mill-mardiet imsemmija fuq matul il-perjodu rilevanti msemmi, ġew soġġetti għal waħda mill-proċessi ta' trattament tas-sħana li ġejjin:

— millinqas 70°Ċ għal millinqas 30 minuta, jew

— millinqas 90°Ċ għal millinqas 15-il minuta,

u dettalji tal-punti ta' kontroll kritiċi huma rrekordjati u miżmuma sabiex is-sid, l-operatur u r-rappreżentant u, fejn kif meħtieġ, l-awtorità kompetenti jistgħu jimmonitorjaw l-operat ta' l-impjant. It-tagħrif irid jinkludi d-daqs tal-partikolu, it-temperatura kritika u, kif xieraq, il-ħin assolut, il-profil tal-pressjoni, ir-rata ta' l-għalf tal-materja prima u r-rata ta' riċiklaġġ tax-xaħam; u

▼M2

(e) jekk huwa akkumpanjat b'ċertifikat tas-saħħa li jkun konformi mal-kampjun stabbilit fil-Kapitolu 10(A) ta' l-Anness X.

▼B

Ċ. *Importazzjoni ta' żejt tal-ħut*

3. L-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' żejt tal-ħut jekk:

(a) jiġi minn pajjiżi terzi li jidhru fuq il-lista f'Parti III ta' l-Anness XI;

(b) jiġi minn impjant ta' l-ipproċessar li jidher fuq il-lista riferita l-Artikolu 29(4);

▼B

(ċ) ikun ġie prodott bi qbil ma’ dan ir-Regolament; u

▼M2

(d) jekk huwa akkumpanjat b'ċertifikat tas-saħħa li jkun konformi mal-kampjun stabbilit fil-Kapitolu 9 ta' l-Anness X.

▼B

D. *Ħtiġijiet ta’ l-iġjene*

4. Fejn ix-xaħam mirdud jew iż-żejt tal-ħut ikun ippakkeġġjat, irid jiġi ppakkeġġjat f’kontenituri ġodda jew f’kontenituri li tnaddfu, u l-prekawzjonijiet iridu jittieħdu biex jipprevjenu l-kontaminazzjoni mill-ġdid tagħhom. Fejn ikun maħsub it-trasport bil-massa tal-prodott, it-tubu/pajp, il-pompi u t-tankijiet tal-massa u kull bastiment-tank tal-kontenituri bil-massa jew vettura tat-triq, tank tal-massa użati fit-trasport tal-prodotti mill-impjant tal-fabbrikazzjoni jew direttament għal fuq il-bastiment jew għal ġewwa tankijiet fuq l-art jew direttament lejn impjanti jridu jkunu spezzjonati u misjuba nodfa qabel l-użu.

▼M17

KAPITOLU V

Ħtiġijiet speċifiċi għall-ħalib, għall-prodotti bbażati fuq il-ħalib,għall-kolostru u l-prodotti tal-kolostru

▼M12

Il-kundizzjonijiet li ġejjin japplikaw flimkien mal-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fil-Kapitolu I.

A. *Standards ta' l-ipproċessar*

1. Il-ħalib għandu jkun soġġett għal wieħed mit-trattamenti li ġejjin:

1.1. sterilizzazzjoni f’valur F_0 ([1]) ta’ tlieta jew aktar;

1.2. UHT ([2]) flimkien ma wieħed minn dawn li ġejjin

(a) trattament fiżiku sussegwenti, bi:

(i) proċess ta’ tnixxif, flimkien ma' tisħin addizzjonali sa 72 °C jew iktar fil-każ tal-ħalib maħsub għall-konsum; jew

(ii) it-tnaqqis tal-pH taħt is-6 għal minimu ta’ siegħa;

(b) il-kundizzjoni li l-ħalib jew il-prodott tal-ħalib ġie prodott għallinqas 21 jum qabel ġie kkonsenjat u li matul dak il-perjodu ma kien hemm ebda każ tal-marda ta’ l-ilsien u d-dwiefer fl-Istat Membru ta’ l-oriġini;

([1]) F_0 huwa l-effett ta’ qtil ikkalkulat fuq l-ispori tal-batterji. Valur F_0 ta’ 3,00 jfisser li l-iktar punt kiesaħ fil-prodott issaħħan biżżejjed biex jilħaq l-istess effett ta’ qtil daqs 121 °C (250 °F) fi tliet minuti b'tisħin u tkessiħ instantanju.

([2]) UHT = Ultra High Temperature treatment (trattament b’temperatura estremament għolja) f’132 °C għal minimu ta’ sekonda.

▼M12

1.3. HTST ([1]) applikat darbtejn;

1.4. HTST ([1]) flimkien ma' wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) trattament fiżiku sussegwenti, bi:

(i) proċess ta' tnixxif, flimkien ma' tisħin addizzjonali sa 72 °C jew iktar fil-każ tal-ħalib maħsub għall-konsum; jew

(ii) it-tnaqqis tal-pH taħt is-6 għal minimu ta' siegħa;

(b) il-kundizzjoni li l-ħalib jew il-prodott tal-ħalib ġie prodott għal-linqas 21 jum qabel ġie kkonsenjat u li matul dak il-perjodu ma kien hemm ebda każ tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fl-Istat Membru ta' l-oriġini.

2. Il-prodotti tal-ħalib għandu jsirilhom għallinqas wieħed mit-trattamenti previsti fil-paragrafu 1 jew ikunu prodotti minn ħalib li sarulu trattamenti skond il-paragrafu 1.

▼M17

3. Ix-xorrox li hu maħsub għall-għalf ta' annimali ta' speċi li huma soxxettibbli għall-marda tal-ilsien u tad-dwiefer u li hu magħmul minn ħalib li ġie ttrattat skont il-Paragrafu 1 irid:

(a) jew jinġabar mill-inqas 16-il siegħa wara li jkun għaqad il-ħalib, u l-pH tiegħu jrid ikun irreġistrat li hu inqas minn 6,0 qabel ma jkun ittrasportat lejn l-istabbilimenti tal-annimali; jew

(b) ikun magħmul mill-inqas 21 jum qabel ma jintbagħat u matul dan il-perjodu ma jrid ikun hemm ebda każ tal-marda tal-ilsien u tad-dwiefer fl-Istat Membru minn fejn ikun oriġina.

▼M12

4. Barra mir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1, 2 u 3, il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

4.1. wara t-tlestija ta' l-ipproċessar, għandha tittieħed kull prekawzjoni biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-prodotti;

4.2. il-prodott finali għandu jiġi ttikkettat b'tali mod li jindika li fih materjal tal-Kategorija 3 u li mhux maħsub għal konsum mill-bniedem, u

(a) ippakkjat f'kontenituri ġodda; jew

(b) ittrasportat bl-ingrossa f'kontejners jew mezzi oħrajn tat-trasport li kienu mnaddfa u ddiżinfettati bl-akbar reqqa b'diżinfettant approvat mill-awtorità kompetenti qabel l-użu.

▼M15

5. Ħalib mhux ipproċessat u kolostru jridu jiġu prodotti taħt kundizzjonijiet li joffru garanziji adegwati rigward is-saħħa tal-annimali. Kundizzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼M17

6. Il-kolostru u l-prodotti tal-kolostru jridu:

6.1. jittieħdu minn annimali bovini li huma miżmuma fi stabbilitment fejn l-imrieħel kollha bovini jkunu identifikati li huma uffiċjalment ħielsa mit-tuberkuloži, uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloži u uffiċjalment ħielsa mil-lewkoži enzootika bovina skont id-definizzjoni tal-Artikolu 2(2)(d), (f) u (j) tad-Direttiva 64/432/KEE;

([1]) HTST = High Temperature Short Time pasteurisation (pastorizzazzjoni f'temperatura għolja għal ħin qasir) f'72 °C għal minimu ta' 15-il sekonda jew effett ekwivalenti ta' pastorizzazzjoni li jikseb reazzjoni negattiva fit-test tal-phosphatase.

▼M17

6.2. ikun magħmul mill-inqas 21 jum qabel ma jintbagħat u matul dan il-perjodu ma jrid ikun ħemm ebda każ tal-marda tal-ilsien u tad-dwiefer fl-Istat Membru minn fejn ikun oriġina.

6.3. jkunu għaddew minn trattament wieħed HTST ([1]);

6.4. jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 4;

▼M12

B. *Importazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' ħalib u prodotti tal-ħalib jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

▼M17

1.1. ġejjin minn pajjiżi terzi li jidhru fil-lista fit-Taqsima I(A) tal-Anness XI;

▼M12

1.2. ġejjin minn impjant ta' l-ipproċessar li jidher fuq il-lista msemmija fl-Artikolu 29(4);

1.3. ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa li jikkonforma mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 2 ta' l-Anness X;

1.4. ikun sarilhom għallinqas wieħed mit-trattamenti pprovduti fil-paragrafi 1.1, 1.2, 1.3 u l-punt (a) tal-paragrafu 1.4 tal-Parti A;

1.5. jikkonformaw mal-paragrafi 2 u 4 u, fil-każ tax-xorrox, mal-paragrafu 3 tal-Parti A.

▼M17

2. B'deroga mill-Paragrafu 1.4, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib minn pajjiżi terzi li jkunu awtorizzati għal dan fil-Kolonna "A" tal-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/438/KE ([2]) sakemm il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ikun sarilhom trattament wieħed HTST u:

(a) ma jkunux intbagħtu qabel ma jkunu għaddew mill-inqas 21 jum mill-produzzjoni u matul dan il-perjodu ma jrid ikun instab ebda każ tal-marda tal-ilsien u tad-dwiefer fil-pajjiż terz li jkun esportahom; jew

(b) iridu jkunu ġew ippreżentati fil-post tal-Ispezzjoni fuq il-Fruntiera tal-UE mill-inqas 21 jum wara l-produzzjoni u matul dan il-perjodu ma jrid ikun instab ebda każ tal-marda tal-ilsien u tad-dwiefer fil-pajjiż terz li jkun esportahom.

2a. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-kolostru jew tal-prodotti tal-kolostru tal-annimali bovini sakemm:

2a.1. ikunu minn pajjiżi terzi li jidhru fil-lista fit-Taqsima I(B) tal-Anness XI;

2a.2. jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1.2 u 1.3;

2a.3. ikun sarilhom trattament wieħed HTST ([1]) u:

(a) ma jkunux intbagħtu qabel ma jkunu għaddew mill-inqas 21 jum mill-produzzjoni u matul dan il-perjodu ma jrid ikun instab ebda każ tal-marda tal-ilsien u tad-dwiefer fil-pajjiż terz li jkun esportahom; jew

(b) iridu jkunu ġew ippreżentati fil-post tal-Ispezzjoni fuq il-Fruntiera tal-UE mill-inqas 21 jum wara l-produzzjoni u matul dan il-perjodu ma jrid ikun instab ebda każ tal-marda tal-ilsien u tad-dwiefer fil-pajjiż terz li jkun esportahom.

([1]) HTST = (High Temperature Short Time Pasteurisation) Pastorizzazzjoni f'temperatura għolja 72 °C għal ħin qasir għal minimu ta' 15-il sekonda jew effett ekwivalenti ta' pastorizzazzjoni li jikseb reazzjoni negattiva fit-test tal-phosphatase fil-ħalib tal-baqar.

([2]) ĠU L 154, 30.4.2004, p. 72.

▼M17

2a.4. ikunu ttieħdu minn annimali bovini li kienu suġġetti għal spezzjonijiet veterinarji regolari biex ikun żgurat li l-annimali jkunu ġejjin minn stabbilimenti fejn l-imrieħel bovini kollha huma:

(a) jew uffiċjalment identifikati li huma ħielsa mit-tuberkuloži u uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloži skont id-definizzjoni tal-Artikolu 2(2)(d) u (f) tad-Direttiva 64/432/KEE jew mhux ristretti, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiż terz li minnu jkun oriġina l-kolostru, rigward l-eradikazzjoni tat-tuberkuloži u l-bruċelloži; u

(b) jew identifikati li huma uffiċjalment ħielsa mil-lewkoži enzootika bovina skont id-definizzjoni tal-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva 64/432/KEE, jew inklużi f'sistema uffiċjali għall-kontroll tal-lewkoži enzootika bovina u li wara l-eżamijiet kliniċi u fil-laboratorju li jkunu saru matul l-aħħar sentejn ma jkun hemm ebda sinjal ta' lewkoži enzootika bovina;

2a.5. wara t-tlestija tal-ipproċessar, tkun ittieħdet kull prekawzjoni biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-kolostru jew tal-prodotti tal-kolostru;

2a.6. il-prodott finali jrid ikun tikkettat b'tali mod li jindika li fih materjal tal-Kategorija 3 u li mhux maħsub għal konsum mill-bniedem, u li:

(a) huwa ppakkjat f'kontenituri ġodda, jew

(b) ġie ttrasportat bl-ingrossa f'kontejners jew mezzi oħrajn tat-trasport li qabel l-użu kienu mnaddfa u ddiżinfettati bl-akbar reqqa b'diżinfettant approvat għal dan l-użu mill-awtorità kompetenti.

▼M15

3. Fejn ikun identifikat riskju tad-dħul ta' marda eżotika jew kull riskju ieħor għas-saħħa tal-annimali, kundizzjonijiet addizzjonali għall-protezzjoni tas-saħħa tal-annimali jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼B

KAPITOLU VI

Ħtiġijiet speċifiċi għall-ġelatina u proteina idrolizzata

Il-kondizzjonijiet li ġejjin japplikaw b'żieda mal-ħtiġijiet ġenerali preskritti fil-Kapitolu I.

A. *Livelli stabbiliti ta' l-ipproċessar għall-ġelatina*

1.

(a) Il-ġelatina trid tiġi prodotta permezz ta' proċess li jiżgura li materjal ta'

(b) Kategorija 3 mhux ipproċessat huwa soġġett għal trattament b'aċidu jew alkali,segwit minn tlaħliħa waħda jew aktar. Il-pH irid jiġi aġġustat sussegwentement.Il-ġelatina trid tiġi estratta permezz li tissaħħan darba jew ħafna drabi waraxulxin, dan segwit minn purifikazzjoni permezz ta' filtrazzjoni u sterilizzazzjoni.

(ċ) Wara li tkun ġiet soġġetta għall-proċessi riferiti f'(a), il-ġelatina tista' tgħaddi minn proċess ta' tnixxif u, fejn xieraq, proċess ta' pulverizzazzjoni jew laminazzjoni.

2. L-użu ta' preservattivi, għajr id-dijossidu tal-kubrit u l-perossidu (akwa ossiġenata), huwa pprojbit.

(a) 2. Il-ġelatina trid tkun misrura, ippakkeġġjata, maħżuna u trasportata taħt kondizzjonijiet ta' iġjene sodisfaċenti. B'mod partikolari:

▼B

(b) kamra trid tiġi pprovduta fejn jinħażnu materjali għas-sarr u l-ippakkeġġjar;

(b) is-sarr u l-ippakkeġġjar iridu jitwettqu f'kamra jew f'post maħsub għal dak il-għan; u

(ċ) karti tas-sarr u tal-pakkeġġji li jikkontjenu l-ġelatina jridu jġorru l-kliem "ġelatina adattata għall-konsum mill-annimali".

B. *Livelli stabbiliti ta' l-ipproċessar għall-proteina idrolizzata*

▼M1

3. Proteina idrolizzata għandha tkun prodotta bl-użu ta' proċess ta' produzzjoni li jinvolvi l-miżuri xierqa biex titnaqqas il-kontaminazzjoni ta' materja prima tal-Kategorija 3. Proteina idrolizzata għandu jkollha piż molekulari ta' inqas minn 10 000 Dalton.

Barra minn hekk, proteini idrolizzati derivati totalment jew parti minnhom minn ġlud ħoxnin u ġlud ta' annimali gerriema għandhom ikunu prodotti f'apparat ta' proċessar li jintuża biss għall-produzzjoni ta' proteina idrolizzata, bl-użu ta' proċess li jinvolvi l-preparazzjoni ta' materja prima tal-Kategorija 3 permezz ta' tqegħid fl-ilma bil-melħ, trattament bil-ġir u ħasil intensiv segwiti minn:

(a) esposizzjoni tal-materjal għal pH ta' aktar minn 11 għal aktar minn tliet siegħat f'temperatura ta' aktar minn 80 °Ċ u wara bi trattament ta' sħana f'aktar minn 140 °Ċ għal tletin minuta f'aktar minn 3,6 bar;

(b) esposizzjoni tal-materjal għal pH ta' 1 sa 2, segwit minn pH ta' aktar minn 11, segwit minn trattament ta' sħana f'140 °Ċ għal 30 minuta fi 3 bar; jew

▼M15

(ċ) proċess ta' produzzjoni ekwivalenti approvat mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼B

Ċ. *Importazzjoni*

▼M1

4. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ġelatina u proteini idrolizzati jekk huma:

(a) jiġu minn terzi pajjiżi li jidhru fil-lista f'Parti XI ta' l-Anness XI;

(b) jiġu minn apparat ta' proċessar li jidher fil-lista msemmija fl-Artikolu 29(4);

(ċ) kienu prodotti skond dan ir-Regolament: u

▼M2

(d) jekk huwa akkumpanjat b'ċertifikat tas-saħħa li jkun konformi mal-kampjun stabbilit fil-Kapitolu 12 ta' l-Anness X.

▼M1

KAPITOLU VII

Kondizzjonijiet speċifiċi għall-fosfat tad-dikalċju

Il-kondizzjonijiet li ġejjin japplikaw flimkien mal-kondizzjonijiet ġenerali stipulati fil-Kapitolu I.

A. *Livelli ta' proċessar*

▼M15

1. Il-fosfat tad-dikalċju jrid jiġi prodott permezz ta' proċess li:

(a) jiżgura li l-materjal bl-għadam ta' Kategorija 3 huwa mfarrak irqiq u x-xaħam tiegħu mneħħi permezz ta' ilma jaħraq u trattat b'aċidu idrokloriku dilwit (f'konċentrazzjoni minima ta' 4 % u pH ta' inqas minn 1,5) fuq perjodu ta' mill-inqas jumejn;

▼M15

(b) isegwi l-proċedura prevista fil-punt (a), bi trattament bil-ġir tal-likur fosforiku miksub, li jirriżulta f'preċipitat ta' fosfat tad-dikalċju f'pH ta' 4 sa 7; u

(ċ) fl-aħħar, l-arja tnixxef dan il-preċipitat għal 15-il minuta, bit-temperatura inlet ta' 65 °Ċ sa 325 °Ċ u t-temperatura tal-aħħar ta' bejn 30 °Ċ u 65 °Ċ, jew

permezz ta' proċess ekwivalenti approvat mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼M1

2. Fejn il-fosfat tad-dikalċju jkun derivat minn għadam li minnhom jitneħħa x-xaħam, dawn għandhom ikunu tajbin għall-konsum tal-bniedem, skond ispezzjoni li ssir qabel u wara l-mewt.

B. *Importazzjoni*

3. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-fosfat tad-dikalċju jekk hu:

(a) jiġi minn terzi pajjiżi li jidhru fil-lista f'Parti XI ta' l-Anness XI;

(b) jiġi minn apparat ta' proċessar li jidher fil-lista msemmija fl-Artikolu 29(4);

(ċ) kien prodott skond dan ir-Regolament: u

▼M2

(d) jekk huwa akkumpanjat b'ċertifikat tas-saħħa li jkun konformi mal-kampjun stabbilit fil-Kapitolu 12 ta' l-Anness X.

▼M1

KAPITOLU VIII

Kondizzjonijiet speċifiċi għall-fosfat tat-trikalċju

Il-kondizzjonijiet li ġejjin japplikaw flimkien mal-kondizzjonijiet ġenerali stipulati fil-Kapitolu I.

A. *Livelli ta' proċessar*

▼M15

1. Il-fosfat tat-trikalċju għandu jkun prodott minn proċess li jiżgura:

(a) li l-materjal kollu tal-għadam tal-Kategorija 3 hu miħun sew u minnu jitneħħa x-xaħam permezz ta' fluss ta' ilma jaħraq li joħroġ bil-kontra (frak tal-għadam iżgħar minn 14 mm);

(b) li jkun hemm sajran kontinwu bil-fwar f'145 °Ċ għal 30 minuta b'4 bars;

(ċ) li jkun hemm separazzjoni tat-taħlita tal-proteini mill-hydroxyapatite (fosfat tat-trikalċju) permezz ta' ċentrifugazzjoni; u

(d) li l-fosfat tat-trikalċju jiġi kristallizzat wara li jitnixxef fuq terren apposta bl-arja f'temperatura ta' 200 °Ċ; jew

permezz ta' proċess ta' produzzjoni ekwivalenti approvat mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).

▼M1

B. *Importazzjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-fosfat tat-trikalċju jekk hu:

(a) jiġi minn terzi pajjiżi li jidhru fil-lista f'Parti XI ta' l-Anness XI;

▼M1

(b) jiġi minn apparat ta' proċessar li jidher fil-lista msemmija fl-Artikolu 29(4);

(ċ) kien prodott skond dan ir-Regolament; u

▼M2

(d) jekk huwa akkumpanjat b'ċertifikat tas-saħħa li jkun konformi mal-kampjun stabbilit fil-Kapitolu 12 ta' l-Anness X.

KAPITOLU IX

Htiġiet speċifiċi għall-kollaġen

Il-kondizzjonijiet li ġejjin japplikaw b'żieda mal-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fil-Kapitolu I.

A. *Normi ta' l-ipproċessar*

1. Il-kollaġen għandu jkun prodott bi proċess li jassigura li l-materjal mhux proċessat tal-kategorija 3 ikun suġġett għal trattament li jinvolvi il-ħasil, aġġustament tal-pH bl-użu ta' aċidi jew alkali, segwit b'waħda jew aktar tlaħlitiet, filtrazzjoni jew estrussjoni. Wara t-trattament il-kollaġen jistgħa jgħaddi minn proċess tat-tnixxif.

2. L-użu ta' preservattivi, apparti minn dawk permessi permess tal-leġislazzjoni tal-Komunità għandhom ikunu ipprojbiti.

3. Il-kollaġen għandu jkun imgeżwer, ippakkjat, maħżun u trasportat skond kondizzjonijiet sodisfaċenti ta' l-iġjene. Partikolarment:

(a) għandha tkun ipprovduta kamra għall-ħażna ta' materjali tat-tgeżwir u l-ippakkjar;

(b) it-tgeżwir u l-ippakkjar għandu jseħħ f'kamra jew fl-post intiż għal dak l-iskop, u

(ċ) it-tgeżwir u l-ippakkjar li jkun fihil-kollaġen għandu jkollu tikketti bil-kliem "kollaġen tajjeb għall-konsum mill-annimali".

B. *Importazzjoni*

4. L-Istati Membru għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-kollaġen jekk dan:

(a) ikun ġej minn pajjiż terz li jidher fil-lista tal-Komunità elenkata fil-Parti XI ta' l-Anness XI;

(b) ikun ġej minn impjant li jidher fil-lista referuta fl-Artikolu 29(4);

(ċ) ikun ġie prodott b'konformità ma dan ir-Regolament; u

(d) ikun akkumpanjat b'ċertifikat tas-saħħa li jkun konformi mal-kampjun stabbilit fil-Kapitolu 11 ta' l-Anness X.

KAPITOLU X

Htiġiet speċifiċi għall-prodotti mill-bajd

Il-kondizzjonijiet li ġejjin japplikaw b'żieda mal-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fil-Kapitolu I.

A. *Normi ta' l-ipproċessar*

1. Il-prodotti mill-bajd għandhom ikunu:

(a) li ġew ippreżentati għal xi proċess tal-Metodi 1 sa 5 jew 7; jew

(b) ġew ippreżentati għal metodu li l-parametri tiegħu ikunu jassiguraw li l-prodotti jkunu konformi man-normi mikrobioloġiċi stabbiliti fil-Kapitolu I, il-paragrafu 10; jew

▼**M2**

(ċ) ġew ittrattati b'konformità mal-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 89/437/KE ([1]) li tistabbilixxi il-problemi ta' l-iġjene u tas-saħħa li jaffettwaw il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti mill-bajd.

B. *Importazzjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti mill-bajd jekk dawn:

(a) ikunu ġejjin minn pajjiż terz li jidher fil-lista tal-Komunità elenkata fil-Parti XVI ta' l-Anness XI;

(b) ikunu ġejjin minn impjant li jidher fil-lista referuta fl-Artikolu 29(4);

(ċ) ikunu ġew prodotti b'konformità ma dan ir-Regolament; u

(d) ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa li jkun konformi mal-kampjun stabbilit fil-Kapitolu 15 ta' l-Anness X.

([1]) ĠU L 212, tat-22.7.1989, pġ. 87.

▼B

L-ANNESS VIII

HTIĠIJIET GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ TA' IKEL TA' L-ANNIMALI DOMESTIĊI, *DOGCHEWS* U PRODOTTI TEKNIĊI

KAPITOLU I

Htiġijiet għall-approvazzjoni ta' ikel ta' l-annimali domestiċi u impjanti tekniċi

Impjanti li jipproduċu ikel ta' annimali domestiċi, *dogchews* u prodotti tekniċi oħra, għajr fertilizzanti organiċi, prodotti li jtejbu l-ħamrija u derivattivi tax-xaħam derivati minn materjal ta' Kategorija 2, iridu jwettqu l-ħtiġijiet li ġejjin:

1. irid ikollhom faċilitajiet adegwati biex jinħażen u jiġi trattat materjal li jkun dieħel f'sigurtà kompleta; u

2. irid ikollhom faċilitajiet adegwati għar-rimi/qerda ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux użati wara l-produzzjoni tal-prodotti bi qbil ma' dan ir-Regolament, jew dan il-materjal irid jintbagħat lill-impjant ta' l-ipproċessar jew impjant ta' l-inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni bi qbil ma' dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

Htiġijiet għall-ikel ta' annimali domestiċi u *dogchews*

A. *Materja prima*

▼M9

1. L-uniċi prodotti sekondarji ta' l-annimali li jistgħu jintużaw biex jiġu prodotti ikel għall-annimali domestiċi u *dogchews* huma dawk imsemmija fl-Artikolu 6(1)(a) sa (j). Madankollu, ikel għall-annimali domestiċi mhux ipproċessat jista' jiġi mmanifatturat biss minn prodotti sekondarji ta' l-annimali msemmija fl-Artikolu 6(1)(a) jew l-Artikolu 6 (1) (b).

▼B

B. *Livelli stabbiliti ta' l-ipproċessar*

2. Ikel ta' l-annimali domestiċi fil-laned irid jiġi soġġett għal trattament tas-sħana sa valur Fc minimu ta' 3.

▼M11

3. Ikel għall-annimali domestiċi pproċessat għajr dak fil-bottijiet irid:

(a) ikun suġġett għal trattament bis-sħana ta' għallinqas 90 °C fis-sustanza kollha tal-prodott finali;

(b) ikun suġġett għal trattament bis-sħana ta' għallinqas 90 °C ta' l-ingredjenti li ġejjin mill-annimali; jew

(ċ) jiġi prodott għal dawk li huma ingredjenti li ġejjin mill-annimali bl-użu esklużiv ta':

(i) laħam jew prodotti mill-laħam li ġew soġġetti għal trattament bis-sħana ta' għallinqas 90 °C fis-sustanza kollha tagħhom;

(ii) dawn il-prodotti sekondarji li ġejjin mill-annimali jew prodotti pproċessati li ġew ipproċessati skond ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament: ħalib u prodotti b'bażi ta' ħalib, ġelatina, proteina idrolizzata, prodotti mill-bajd, kollaġenu, prodotti mid-demm, proteina pproċessata mill-annimali inkluż dqiq tal-ħut, xaħam imdewweb, żjut tal-ħuta, fosfat dikalċiku, fosfat trikalċiku jew interjuri għat-taħwir.

▼M11

Wara t-trattament bis-sħana, għandha tittieħed kull prekwazzoni li tiżgura li dan l-ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi ma jkunx espost għal kontaminazzjoni.

L-ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi għandu jiġi ppakkjat f'konteniturigodda.

▼M9

4. *Dogchews* għandhom matul l-ipproċessar isirilhom trattament li jkun biżżejjed biex jeqred organiżmi patoġeniċi, inkluża s-salmonella.

Wara dak it-trattament, għandha tittieħed kull prekawzjoni biex jiġi żgurat li dawn id-*dogchews* ma jkunux esposti għal kontaminazzjoni. Id-*dogchews* għandhom jiġu ppakkjati f'ippakkeġġjar ġdid.

▼B

5. Ikel ta' l-annimali domestiċi mhux maħdum irid jiġi ppakkeġġjat f'ippakkeġġjar li jipprevjeni kull tqattir. Passi effettivi jridu jittieħdu biex jiġi żgurat li l-prodott mhuwiex espost għal kontaminazzjoni matul il-katina tal-produzzjoni u sal-punt tal-bejgħ. Il-kliem "ikel għall-annimali domestiċi biss" irid ikun viżibbli u muri b'mod leġibbli fuq l-ippakkeġġjar.

▼M1

6. Għandhom jittieħdu kampjuni għall-għarrieda matul il-produzzjoni u/jew il-ħażna (qabel jintbagħtu) sabiex jiġi żgurat qbil mal-livelli li ġejjin:

Salmonella: assenża f'25 g, n = 5, c = 0, m = 0, M = 0.

Enterobacteriaceae: n = 5, c = 2, m = 10, M = 300 in 1 g

Fejn:

n = numru ta' kampjuni ttestjati;

m = valur ta' limitu tan-numru tal-bakterja: r-riżultat hu meqjus bħala sodisfaċenti jekk in-numru ta' bakterja fil-kampjuni kollha ma jeċċedix m:

M = il-valur massimu tan-numru ta' bakterja; r-riżultat mhux ikkunsidrat bħala sodisfaċenti jekk f'kampjun jew aktar M hu akbar; u

ċ = numru ta' kampjuni li l-ammont ta' bakterja tagħhom jista' jkun bejn m u M, u l-kampjun jibqa' jitqies bħala aċċettabli jekk l-ammont ta' bakterja fil-kampjuni l-oħra hu m jew inqas..

Madankollu, għal ikel ta' l-annimali domestiċi fil-bottijiet li jkun għadda minn trattament tas-sħana kif imsemmi fil-paragrafu 2, it-teħid tal-kampjuni u l-ittestjar għas-Salmonella u l-*Enterobacteriaceae* jista' ma jkunx neċessarju.

▼B

Ċ *Importazzjoni*

7. L-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ikel ta' l-annimali domestiċi u *dogchews* jekk:

(a) jiġu minn pajjiżi terzi li jidhru fuq il-lista f'Parti X ta' l-Anness XI;

(b) jiġu minn impjanti ta' annimali domestiċi approvati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz li jilħqu l-kondizzjonijiet speċifiċi preskritti f'dan ir-Regolament;

(ċ) ikunu ġew prodotti bi qbil ma' dan ir-Regolament;

(d) huma akkumpanjati:

(i) fil-każ ta' ikel ta' annimali domestiċi fil-laned, minn ċertifikat li jikkonforma mal-mudell preskritt fil-Kapitolu 3(A) ta' l-Anness X,

▼B

(ii) fil-każ ta' ikel ta' annimali domestiċi pproċessat għajr ikel ta' l-annimali domestiċi fil-laned, minn ċertifikat li jikkonforma mal-mudell preskritt fil-Kapitolu 3(B) ta' l-Anness X,

(iii) fil-każ ta' *dogchews*, minn ċertifikat li jikkonforma mal-mudell preskritt fil-Kapitolu 3(Ċ) ta' l-Anness X, jew

(iv) fil-każ ta' ikel ta' annimali domestiċi mhux maħdum, minn ċertifikat li jikkonforma mal-mudell preskritt fil-Kapitolu 3(D) ta' l-Anness X.

KAPITOLU III

Htiġijiet għad-demel, demel ipproċessat u prodotti mid-demel ipproċessat

I. *Demel mhux ipproċessat*

A. K u m m e r ċ

1. (a) Kummerċ f'demel mhux ipproċessat ta' speċje oħra għajr tjur u equidae huwaprojbit, minbarra għad-demel:

(i) minn żona li mhix soġġetta għal restrizzjonijiet minħabba marda serja li tittieħed, u

(ii) maħsub għall-applikazzjoni, taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet kompetenti, għall-art li tifforma parti minn impriża waħda lokata fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera ta' żewġ Stati Membri.

(b) Madankollu, l-awtorità kompetenti tista' tikkonċedi approvazzjoni speċifika għad-dħul fit-territorju tagħha ta':

(i) demel maħsub għall-ipproċessar f'impjant tekniku jew impjant biogas jew f'impjant fejn isir il-kompost approvat mill-awtorità kompetenti bi qbil ma' dan ir-Regolament, bil-ħsieb tal-fabbrikazzjoni tal-prodotti riferiti taħt it-Taqsima II hawn taħt. L-awtorità kompetenti trid tqis l-oriġini tad-demel meta tapprova impjanti bħal dawn; jew

(ii) demel maħsub biex jiġi applikat għall-art ta' fuq impriża. Kummerċ bħal dan jista' jseħħ biss bil-kunsens ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' kemm l-Istat Membru ta' l-oriġini kif ukoll tad-destinazzjoni. Meta jikkunsidraw li jagħtu l-konsensus, l-awtoritajiet kompetenti jrid ikollhom attenzjoni partikolari għall-oriġini tad-demel, id-destinazzjoni tiegħu u konsiderazzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali u ta' sigurtà.

Ċertifikat tas-saħħa li jikkonforma ma' mudell preskritt taħt il-proċedura riferita fl-Artikolu 33(2) irid jakkompanja d-demel f'każijiet bħal dawn.

2. Kummerċ f'demel tat-tjur mhux ipproċessat huwa soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-demel irid joriġina minn żona li mhijiex soġġetta għal restrizzjonijiet bis-saħħa tal-marda Newcastle jew l-influwenza ta' l-għasafar;

▼B

(b) b'żieda ma' dan, demel mhux ipproċessat minn tjur imlaqqam kontra l-marda Newcastle ma jridx jintbagħat f'reġjun li kiseb l-istat li ma jitlaqqamx kontra l-marda Newcastle skond l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 90/539/KEE ([1]); u

(ċ) ċertifikat tas-saħħa li jikkonforma ma' mudell preskritt taħt il-proċedura riferita fl-Artikolu 33(2) irid jakkompanja d-demel.

▼M9

3. Demel ta' l-ekwidi mhux ipproċessat ikkummerċjalizzat m'għandux joriġina minn stabbiliment soġġett għal restrizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali fir-rigward tal-glanders, l-istomatite veżikulari, l-antraċe jew ir-rabja skond l-Artikolu 4 (5) tad-Direttiva 90/426/KEE.

▼B

B. I m p o r t a z z j o n i

▼M9

4. L-importazzjoni ta' demel mhux ipproċessat hija pprojbita.

▼B

II. *Demel ipproċessat u prodotti mid-demel ipproċessat*

A. T q e g ħ i d f i s - s u q

▼M7
▼C2

5. It-tqegħid fis-suq ta' demel ipproċessat u prodotti mid-demel ipproċessat huwa soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (e):

(a) Iridu jiġu minn impjant tekniku, impjant tal-bijogass jew impjant fejn isir il-kompost approvat mill-awtorità kompetenti bi qbil ma' dan ir-Regolament;

(b) Iridu jkunu ġew soġġetti għal proċess tat-trattament tas-sħana ta' mill-inqas 70°Ċ għal mill-inqas 60 minuta u għandhom ikunu ġew soġġetti għal tnaqqis f'batterji li jiffurmaw l-ispori u l-formazzjoni tossika.

(c) Madankollu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-użu ta' parametri standardizzati oħra għall-proċessi differenti minn dawk deskritti f' (b) sakemm applikant juri li dawn il-parametri jiżguraw il-minimizzazzjoni tar-riskji bijoloġiċi. Dan għandu jinkludi validazzjoni, li għandha titwettaq kif ġej:

(i) Identifikazzjoni u analiżi tal-perikli possibbli, inkluż l-impatt fuq il-materjal użat, ibbażati fuq definizzjoni sħiħa tal-kundizzjonijiet ta' l-ipproċessar u valutazzjoni tar-riskju, li jevalwaw kif jintlaqħu fil-prattika l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' l-ipproċessar f'sitwazzjonijiet normali u atipiċi.

(ii) Il-validazzjoni tal-proċess previst

(ii-1) billi jitkejjel it-tnaqqis tal-vijabbiltà/l-infettività ta' organiżmi indikaturi endoġeni waqt il-proċess, fejn l-indikatur huwa:

— konsistentement preżenti fil-materja prima f'għadd kbir,

— mhux inqas reżistenti għall-aspetti letali tal-proċess ta' trattament, iżda wkoll mhux sinifikatament aktar reżistenti mill-patoġeni li għalihom qed jintuża sabiex jiġu mmonitorjati,

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' tjur u bajd għat-tifqis (ĠU L 303, tal-31.10.1990, p. 6). Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/505/KE (ĠU L 201, tad-9.8.2000, p. 8).

▼C2

— relattivament faċli biex tikkwantifikah u relattivament faċli biex tidentifikah u tikkonfermah;

jew

(ii-2) bil-kejl tat-tnaqqis tal-vijabilità/infettività, waqt l-esponiment, ta' organiżmu jew vajrus għat-testijiet li jkun karatterizzat sew, introdott f'*test body* xieraq fil-materjal tal-bidu

(iii) Il-validazzjoni msemmija fil-punt (ii) trid turi li l-proċess jilħaq it-tnaqqis tar-riskju kumplessiv li ġej:

— għal proċessi kimiċi u termali permezz tat-tnaqqis ta' *Enterococcus faecalis* b'mill-inqas 5 log10 u bi tnaqqis ta' l-*infectivity titre* ta' vajrusis termoreżistenti bħall-*parvovirus*, meta jiġu indentifikati bħala periklu rilevanti, b'mill-inqas 3 log10,

— għal proċessi kimiċi wkoll bit-tnaqqis ta' parassiti reżistenti bħall-bajd ta' l-*ascaris sp*. b'mill-inqas 99,9 % (3 log10) ta' l-istadji vijabbli.

(iv) It-tfassil ta' programm ta' kontroll komplut li jinkludi l-proċeduri għall-monitoraġġ tal-proċess.

(v) Miżuri li jiżguraw il-monitoraġġ u s-superviżjoni kontinwi tal-parametri relevanti tal-proċess stabbiliti fil-programm ta' kontroll meta l-impjant ikun qed jitħaddem.

Dettalji dwar il-parametri relevanti tal-proċess użati f'impjant kif ukoll punti kritiċi ta' kontroll oħra għandhom jiġu rrekordjati u miżmuma sabiex is-sid, l-operatur jew ir-rappreżentant tagħhom u l-awtorità kompetenti jkunu jistgħu jimmonitorjaw it-tħaddim ta' l-impjant. Ir-rekords jridu jkunu disponibbli għall-awtorità kompetenti jekk din titlobhom.

L-informazzjoni marbuta ma' proċess awtorizzat taħt dan il-punt trid tkunu disponibbli għall-Kummissjoni jekk din titlobha.

(d) Kampjuni rappreżentattivi tad-demel meħuda matul jew eżatt wara l-ipproċessar fl-impjant sabiex jiġi mmonitorjat il-proċess iridu jikkonformaw mal-livelli stabbiliti li ġejjin:

Escherichia coli: n = 5, c = 5, m = 0, M = 1 000 f' 1 g;

jew

Enterococaceae: n = 5, c = 5, m = 0, M = 1 000 f' 1 g;

u

Kampjuni rappreżentattivi tad-demel meħuda matul jew ma' l-irtirar mill-ħażna fl-impjant tekniku, tal-bijogass jew fejn isir il-kompost iridu jikkonformaw mal-livelli stabbiliti li ġejjin:

Salmonella: assenza f'25 g: n = 5; c = 0; m = 0; M = 0

fejn:

n = in-numru ta' kampjuni li jridu jiġu ttestjati;

m = il-valur *threshold* għan-numru ta' batterji; ir-riżultat huwa kkunsidrat sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji fil-kampjuni kollha ma jaqbiżx m;

M = il-valur massimu għan-numru ta' batterji; ir-riżultat huwa kkunsidrat mhux sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji f'kampjun wieħed jew iktar ikun M jew iktar; u

▼C2

c = numru ta' kampjuni li n-numru ta' batterji tagħhom jista' jkun ta' bejn m u M, il-kampjun jibqa' jiġi kkunsidrat aċċettabbli jekk in-numru ta' batterji tal- kampjuni l-oħra huwa m jew inqas.

Demel ipproċessat jew prodotti tad-demel ipproċessat li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti msemmija fuq għandhom jitiqesu bħala mhux ipproċessati;

(e) Iridu jinħażnu bmod li darba li jkunu ppproċessati, il-kontaminazzjoni jew l-infezzjoni sekondarja u l-indewwa jkunu minimizzati. Għalhekk iridu jinħażnu fi:

(i) sajlows issiġillati sewwa u iżolati, jew

(ii) pakketti ssiġillati tajjeb (borož tal-plastik jew "*big bags*").

▼B

B. I m p o r t a z z j o n i

6. L-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' demel ipproċessat u prodotti mid-demel ipproċessat jekk:

(a) jiġu minn pajjiżi terzi li jidhru fuq il-lista f'Parti IX ta' l-Anness XI;

(b) jiġu minn impjant approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz li jilħaq il-kondizzjonijiet speċifiċi preskritti f'dan ir-Regolament;

(ċ) jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' paragrafu 5 hawn fuq; u

▼M9

(d) huma akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa li jikkonforma mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 17 ta' l-Anness X.

▼B

III. *Guano*

7. It-tqegħid fis-suq ta' "guano" mhux soġġett għal kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimal.

▼M13

KAPITOLU IV

Rekwiżiti għal demm u prodotti ta' demm, minbarra dak ta' l-*equidae*, għall-manifattura ta' prodotti tekniċi

A. *Importazzjoni*

1. L-importazzjonijiet ta' demm huma soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu XI.

2. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw importazzjonijiet ta' prodotti ta' demm għall-manifattura ta' prodotti tekniċi, inkluż materjal li joriġina minn annimali li fihom ġew amministrati sustanzi projbiti skond id-Direttiva 96/22/KE, jekk huma:

(a) joriġinaw minn pajjiżi terzi li jidhru fil-lista fil-Parti VI (A) ta' l-Anness XI kif applikabbli;

(b) joriġinaw minn impjant tekniku li jissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament jew mill-istabbiliment ta' ġbir;

(ċ) akkumpanjati b'ċertifikat sanitarju li jikkonforma mal-mudell definit fil-Kapitolu 4(Ċ) jew il-Kapitolu 4(D) ta' l-Anness X kif meħtieġ.

3. Id-demm li minnu prodotti ta' demm għall-manifattura ta' prodotti tekniċi huma prodotti għandu jinġabar:

(a) f'biċċeriji approvati skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja;

▼**M13**

(b) f'biċċeriji approvati u sorveljati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz; jew

(ċ) minn annimali ħajjin ġo faċilitajiet approvati u sorveljati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz.

4. Fil-każ ta' prodotti ta' demm għall-manifattura ta' prodotti tekniċi li ttieħdu minn annimali li jappartjenu għat-tassonomija *Artiodactyla, Perissodactyla* u *Proboscidea*, inklużi l-bgħula tagħhom, dawn għandhom, jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-punt (a) jew (b):

(a) il-prodotti ngħatalhom wieħed mit-trattamenti li ġejjin li jiggarantixxi li huma ħielsa minn patoġeni tal-mard imsemmi fil-punt (b):

(i) trattament bi sħana f'temperatura ta' 65 °C għal ta' l-anqas tliet siegħat, segwit b'verifika ta' effettività,

(ii) radjazzjoni ta' 25 kGy permezz ta' raġġi gamma, segwita b'verifika ta' effettività,

(iii) trattament bi sħana fil-qalba tagħhom li tkun ta' l-anqas 80 °C, segwita b'verifika ta' effettività,

(iv) unikament fil-każ ta' annimali li mhumiex *Suidae* jew *Tayassuidae*: bidla fl-pH għal pH 5 għal sagħtejn, segwita b'verifika ta' effettività;

(b) f'każ ta' prodotti ta' demm li mhumiex trattati skond il-punt (a) il-prodotti joriġinaw minn pajjiż jew reġjun:

(i) fejn ebda każ ta' pesta bovina, pesta ta' l-annimali żgħar li jixtarru u deni Rift Valley ma ġew rapportati għal 12-il xahar u li ma ngħatalhomx tilqim kontra dan il-mard għal ta' l-anqas 12-il xahar.

(ii) fejn ebda marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ma ġiet rapportata għal 12-il xahar u li ma ngħatalhomx tilqim kontra din il-marda għal ta' l-anqas 12-il xahar. jew

fejn ebda każ ta' l-ilsien u d-dwiefer ma ġie rapportat għal 12-il xahar u li fihom programmi ta' tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer qed jiġu mwettqa b'mod uffiċjali u kontrollati f'annimali domestiċi li jixtarru għal ta' l-anqas 12-il xahar; f'dan il-każ, wara l-verifika mal-fruntiera prevista fid-Direttiva 97/78/KE, u skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8(4) ta' din id-Direttiva, il-prodotti għandhom jinġarru direttament lejn l-impjant tekniku ta' destinazzjoni u l-prekawzjonijiet kollha, inklużi depożitu sikur ta' skart jew materjal żejjed, għandhom jittieħdu biex jiġu evitati riskji li jxerrdu mard fl-annimali u fil-bniedem.

Flimkien mal-punt (i) u (ii), fil-każ ta' annimali oħrajn għajr dawk *Suidae* u *Tayassuidae*, għandu jkun hemm konformità ma' waħda minn dawn il-kundizzjonijiet:

— fil-pajjiż jew reġjun ta' oriġini ma jridx ikun ġie rapportat għal 12-il xahar ebda każ ta' infjammazzjoni b'infafet u ta' bluetongue (inkluż il-preżenza ta' annimali seropożittivi) u ma jridx ikun sar tilqim kontra dan il-mard fl-ispeċi suxxettibbli għal ta' l-anqas 12-il xahar,

▼**M13**

— wara l-verifika mal-fruntiera prevista fid-Direttiva 97/78/KE, u skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8(4) ta' din id-Direttiva, il-prodotti għandhom jinġarru direttament lejn l-impjant tekniku ta' destinazzjoni u l-prekawzjonijiet kollha, inklużi depożitu sikur ta' skart jew materjal żejjed, għandhom jittieħdu biex jiġu evitati riskji li jxerrdu mard fl-annimali u fil-bniedem.

Flimkien mal-punt (i) u (ii), fil-każ ta' *Suidae* u *Tayassuidae*, fil-pajjiż jew reġjun ta' oriġini ebda każ ta' mard ta' l-infafet tal-ħnieżer, deni klassiku tal-ħnieżer u deni Afrikan tal-ħnieżer ma kien rapportat għal ta' l-anqas 12-il xahar, edba tilqim ma ngħata kontra dan il-mard għal ta' l-anqas 12-il xahar u jkun hemm konformità ma' waħda minn dawn il-kundizzjonijiet:

— fil-pajjiż jew reġjun ta' oriġini ma jridx ikun ġie rapportat għal 12-il xahar ebda każ ta' infjammazzjoni b'infafet (inkluż il-preżenza ta' annimali seropożittivi) u ma jridx ikun sar tilqim kontra din il-marda fl-ispeċi suxxettibbli għal ta' l-anqas 12-il xahar,

— wara l-verifika mal-fruntiera prevista fid-Direttiva 97/78/KE, u skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8(4) ta' din id-Direttiva, il-prodotti għandhom jinġarru direttament lejn l-impjant tekniku ta' destinazzjoni u l-prekawzjonijiet kollha, inklużi depożitu sikur ta' skart jew materjal żejjed, għandhom jittieħdu biex jiġu evitati riskji li jxerrdu mard fl-annimali u fil-bniedem.

5. Fil-każ ta' prodotti ta' demm għall-manifattura ta' prodotti tekniċi li ttieħdu minn tjur ta' l-irziezet u minn speċijiet ta' għasafar oħrajn, dawn għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-punt (a) jew (b):

(a) il-prodotti ngħatalhom wieħed mit-trattamenti li ġejjin li jiggarantixxi li huma ħielsa minn patoġeni tal-mard imsemmi fil-punt (b):

(i) trattament bi sħana f'temperatura ta' 65 °C għal ta' l-anqas tliet sigħat, segwit b'verifika ta' effettività,

(ii) radjazzjoni ta' 25 kGy permezz ta' raġġi gamma, segwita b'verifika ta' effettività,

(iii) trattament bi sħana fil-qalba tagħhom li tkun ta' l-anqas 70 °C, segwita b'verifika ta' effettività;

(b) f'każ ta' prodotti ta' demm li mhumiex trattati skond il-punt (a) il-prodotti joriġinaw minn pajjiż jew reġjun:

(i) li kienu ħielsa mill-marda Newcastle u mill-influwenza patoġenetika li tinfirex malajr kif definita mill-Kodiċi Sanitarja għall-Annimali Terrestri ta' l-OIE,

(ii) li matul l-aħħar 12-il xahar ma ngħatawx fihom tilqim kontra l-influwenza tat-tjur,

(iii) fejn it-tjur ta' l-irziezet jew speċijiet oħrajn ta' għasafar li minnhom il-prodotti jittieħdu ma tlaqqmux kontra l-marda Newcastle b'vaċċini preparati minn tip inizjali tal-marda Newcastle li juri patoġeneċità ogħla mit-tipi lentoġeniċi tal-virus.

▼M16

KAPITOLU V

Rekwiżiti għal demm u prodotti tad-demm taż-żwiemel għal għanijiet tekniċi

A. *Tqegħid fis-suq*

It-tqegħid fis-suq għal għanijiet tekniċi ta' demm u prodotti tad-demm minn żwiemel għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Id-demm jista' jitqiegħed fis-suq bil-kundizzjoni li:

(a) ikun inġabar minn żwiemel li:

(i) waqt l-ispezzjoni fid-data tal-ġbir tad-demm ma jurux sinjali kliniċi ta' xi marda li bilfors trid tiġi nnotifikata elenkata fl-Anness A għad-Direttiva 90/426/KEE, u tal-influwenza tal-ekwini, il-piroplażmoži tal-ekwini, ir-rinopnewmonite tal-ekwini u l-artrite virali tal-ekwini, elenkati fil-punt 4 tal-Artikolu 1.2.3. tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), Edizzjoni tal-2009;

(ii) jkunu nżammu għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tad-demm u matul dan il-ġbir, f'azjendi taħt superviżjoni veterinarja, li ma kinux soġġetti għal ordni ta' projbizzjoni skont l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 90/426/KEE jew għal restrizzjonijiet skont l-Artikolu 5 tagħha;

(iii) għall-perjodi stabbiliti fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 90/426/KEE ma kellhomx kuntatt ma' żwiemel ta' azjendi li ma kinux soġġetti għal ordni ta' projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali skont dak l-Artikolu, u li għal mill-inqas 40 jum qabel id-data tal-ġbir tad-demm u matul dan il-ġbir ma kellhomx kuntatt ma' żwiemel minn Stat Membru jew pajjiż terz li ma kinux jitqiesu ħielsa minn marda Afrikana taż-żwiemel skont l-Artikolu 5(2)(a) ta' dik id-Direttiva;

(b) ikun inġabar taħt superviżjoni veterinarja:

(i) f'biċċeriji approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004; jew

(ii) f'faċilitajiet approvati u li jkollhom numru ta' approvazzjoni veterinarja u taħt superviżjoni mill-awtorità kompetenti bil-għan li jinġabar demm taż-żwiemel għall-produzzjoni ta' prodotti tad-demm għal għanijiet tekniċi.

2. Prodotti tad-demm jistgħu jitqiegħdu fis-suq bil-kundizzjoni li:

(a) ikunu ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex tkun evitata l-kontaminazzjoni tal-prodotti tad-demm ma' aġenti patoġeniċi matul il-produzzjoni, l-immaniġġar u l-ippakkjar;

(b) il-prodotti tad-demm ikunu ġew prodotti minn demm li:

(i) jew jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(a); jew

(ii) kienu soġġetti għal mill-inqas wieħed mit-trattamenti li ġejjin, segwiti minn kontroll tal-effikaċja, għall-inattivar ta' patoġeni kawżattivi għall-marda Afrikana taż-żwiemel, l-enċefalomajlite tal-ekwini ta' kull xorta, inkluża l-enċefalomajlite tal-ekwini tal-Venezwela, l-anemija infettiva ekwina, l-istomatite vesikulari u glanders (*Burkholderia mallei*) li seta' kien hemm:

— trattament bis-sħana f'temperatura ta' 65 °C għal mill-inqas tliet sigħat;

— irradjazzjoni f'25 kGy b'raġġi gamma;

▼**M16**

— bidla fil-pH għal pH 5 għal sagħtejn;

— trattament bis-sħana ta' mill-inqas 80 °C fis-sustanza kollha tagħhom.

3. Demm u prodotti tad-demm minn żwiemel għandhom ikunu ppakkjati f'reċipjenti impermeabbli u ssiġillati li:

(a) jkollhom tikketta li tinqara faċilment bil-kliem "DEMM U PRODOTTI TAD-DEMM MINN ŻWIEMEL, MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM JEW MILL-ANNIMALI";

(b) ikollhom in-numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment tal-ġbir li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1(b).

B. *Importazzjoni*

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' demm u ta' prodotti tad-demm taż-żwiemel għal għanijiet tekniċi, soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Id-demm għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(a) tas-Sezzjoni A u għandu jinġabar taħt superviżjoni veterinarja jew:

(a) f'biċċeriji

(i) approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004; jew

(ii) approvati u taħt superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz; jew

(b) f'faċilitajiet approvati u li jkollhom numru ta' approvazzjoni veterinarja u taħt superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz bil-għan li jinġabar demm taż-żwiemel għall-produzzjoni ta' prodotti tad-demm għal għanijiet tekniċi.

2. Il-prodotti tad-demm għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 tas-Sezzjoni A.

Barra minn hekk, il-prodotti tad-demm imsemmijin fil-paragrafu 2(b)(i) tas-Sezzjoni A għandhom ikunu ġew prodotti minn demm miġbur minn żwiemel li jkunu nżammu għal perjodu ta' mill-inqas tliet xhur, jew mit-twelid tagħhom jekk kellhom inqas minn tliet xhur qabel id-data tal-ġbir f'azjendi taħt superviżjoni veterinarja fil-pajjiż terz tal-ġbir, li matul dak il-perjodu u matul il-perjodu tal-ġbir tad-demm kienu ħielsa minn:

(a) marda Afrikana taż-żwiemel skont l-Artikolu 5(2)(a) tad-Direttiva 90/426/KEE;

(b) l-enċefalomajlite tal-ekwini tal-Venezwela għal perjodu ta' mill-inqas sentejn;

(c) glanders:

(i) għal perjodu ta' tliet snin; jew

(ii) għal perjodu ta' sitt xhur li matulu l-annimali ma jkunu wrew ebda sinjali kliniċi ta' glanders (*Burkholderia mallei*) matul l-ispezzjoni *post-mortem* fil-biċċerija li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1(a), inkluż eżami bir-reqqa tal-membrani mukuża mit-trakea, il-larinġi, il-kavitajiet nażali u s-sinus u r-ramifikazzjonijiet tagħhom, wara l-qsim tar-ras fil-pjan medjan u l-qtugħ barra tas-septum nażali;

(d) l-istomatite vesikulari, għal sitt xhur.

3. Il-prodotti tad-demm għandhom jiġu minn impjant tekniku approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz li jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

▼M16

4. Id-demm u l-prodotti tad-demm għandhom jiġu minn pajjiż terz li jidher fil-lista li hemm referenza għaliha fil-Partijiet li ġejjin tal-Anness XI:

(a) Parti XIII(A) fejn id-demm ikun inġabar skont il-paragrafu 1 tas-Sezzjoni A jew fejn prodotti tad-demm ikunu ġew prodotti skont il-paragrafu 2(b)(i) tas-Sezzjoni A; jew

(b) Parti XIII(B) fejn huma jkunu ġew ittrattati skont il-paragrafu 2(b)(ii) tas-Sezzjoni A.

5. Id-demm u prodotti tad-demm għandhom ikunu ppakkjati u ttikkettjati skont il-paragrafu 3(a) tas-Sezzjoni A u għandu jkollhom magħhom ċertifikat tas- saħħa li jkun konformi mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 4(A) tal-Anness X, mimli u ffirmat kif dovut mill-veterinarju uffiċjali.

▼B

KAPITOLU VI

Htiġijiet għall-ġlud ta' barra u ġlud ta' annimali bid-dwiefer imgħawwġa (ungulati)

A. *L-iskop*

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu ma japplikawx:

▼M9

(a) għal ġlud ta' ungulati li jħarsu r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jippreskrivi regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali [1]

▼B

(b) għall-ġlud ta' barra u l-ġlud ta' ungulati li għaddew mill-proċess komplet ta' l-ikkunzar;

(ċ) għal "wet blue";

(d) għal "pickled pelts"; u

(e) għall-ġlud ta' barra ttrattati bil-ġir (ittrattati bil-ġir u fis-salmura f'pH ta' 12 sa 13 għal millinqas tmien sigħat).

2. Inklużi fl-iskop definit fil-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu japplikaw għall-ġlud ta' barra u ġlud friski, imkessħin u ttrattati. Għall-għan ta' dan il-Kapitolu, "ġlud ta' barra u ġlud ittrattati" ifissru ġlud ta' barra u ġlud li ġew:

(a) imnixxfa;

(b) immellħa fin-niexef u mmellħa fl-umdità millinqas 14-il ġurnata qabel ma jintbagħatu;

(ċ) immellħa għal sebat ijiem f'melħ tal-baħar b'żieda ta' 2 % ta' karbonat tas-sodju;

(d) imnixxfa għal 42 ġurnata f'temperatura ta' millinqas 20°Ċ; jew

▼M15

(e) ippreservati permezz ta' proċess ieħor għajr l-ikkunzar speċifikat mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 33(3).

[1] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55; verżjoni kkoreġuta (ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22)

▼B

B. *Kummerċ*

▼M9

3. Il-kummerċ fi ġlud friski jew imkessħin huwa soġġett għall-istess kondizzjonijiet ta' saħħa bħal dawk applikabbli għal-laħam frisk skond id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum mill-bniedem ([1])

▼B

4. Kummerċ fi ġlud ta' barra u ġlud huwa awtorizzat fuq kondizzjoni li d-dokument kummerċjali pprovdut fl-Anness II jakkompanja kull kunsinna u jiċċertifika li:

(a) il-ġlud ta' barra u l-ġlud ġew ittrattati bi qbil mal-paragrafu 2; u

(b) il-kunsinna ma tkunx ġiet f'kuntatt ma' xi prodott ieħor mill-annimali jew ma' annimali ħajjin li jippreżentaw riskju ta' mxija ta' marda serja li tittieħed.

Ċ *Importazzjoni*

5. L-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ġlud ta' barra u ġlud friski jew imkessħa jekk:

(a) ikunu nkisbu minn annimali riferiti fl-Artikolu 6(1)(b) jew (ċ);

▼M9

(b) jiġu minn pajjiż terz jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni skond il-leġislazzjoni tal-Komunità, minn parti ta' pajjiż terz, li jidher fil-lista mogħtija fil-Parti XIV(A) ta' l-Anness XI u liema, kif ikun xieraq għall-ispeċi kkonċernata:

▼M2

(i) għallanqas 12-il xahar qabel il-konsenja, kien ħieles minn dawn il-mard li ġejjin:

— id-deni klassiku tal-majjali,

— id-deni Afrikan tal-majjali, u

— ir-rinderpest, u

(ii) kien ħieles għal mill-anqas 12-il xahar qabel il-konsenja mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u li, għal 12-il xahar qabel il-kunsinna, l-ebda vaċċinazzjoni ma kienet twettqet kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer;

▼B

(ċ) inkisbu minn:

(i) annimali li baqgħu fit-territorju tal-pajjiż ta' l-oriġini għal millinqas tliet xhur qabel ma nqatlu jew mit-twelid fil-każ ta' annimali li għandhom inqas minn tliet xhur,

(ii) fil-każ ta' ġlud ta' barra u ġlud minn bi-ungulati, annimali li jiġu minn impriżi li fihom ma kien hemm l-ebda mxija tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fit-30 ġurnata ta' qabel, u madwar liema f'raġġ ta' 10 km ma kien hemm l-ebda każ tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għal 30 ġurnata,

(iii) fil-każ ta' ġlud ta' barra u ġlud minn ħnieżer, annimali li jiġu minn impriżi li fihom ma kien hemm l-ebda mxija tal-marda ta' l-infafet (veżikulari) tal-ħnieżer fit-30 ġurnata ta' qabel, jew ta' deni klassiku jew Afrikan tal-ħnieżer fl-40 ġurnata ta' qabel, u madwar liema f'raġġ ta' 10 km ma kien hemm l-ebda każ ta' dan il-mard għal 30 ġurnata, jew

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

▼B

(iv) annimali li għaddew mill-ispezzjoni ta' saħħa ta' qabel il-mewt fil-biċċerija matul l-24 siegħa qabel ma nqatlu u li ma wrew l-ebda prova tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, rinderpest, id-deni klassiku tal-ħnieżer, id-deni tal-ħnieżer Afrikan jew il-marda ta' l-infafet (veżikulari) tal-ħnieżer;

(d) għaddew mill-prekawzjonijiet kollha biex tiġi evitata kontaminazzjoni mill-ġdid minn aġenti patoġeniċi; u

(e) jakkompanjahom ċertifikat li jikkonforma mal-mudell preskritt fil-Kapitolu 5(A) ta' l-Anness X.

6. L-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ġlud ta' barra u ġlud ittrattati jekk:

(a) ikunu nkisbu minn annimali riferiti fl-Artikolu 6(1)(b), (ċ) jew (k);

▼M9

(b) jiġu jew minn:

(i) pajjiż terz jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni skond il-leġislazzjoni tal-Komunità, minn parti ta' pajjiż terz, li jidher fil-lista mogħtija fil-Parti XIV(B) ta' l-Anness XI li permezz tiegħu l-importazzjoni ta' laħam frisk ta' l-ispeċi korrispondenti hija awtorizzata u huma jkunu ġew ittrattati skond il-paragrafu 2(a), (b) u (c) ta' l-A; jew

(ii) pajjiż terz li jidher fil-lista mogħtija fil-Parti XIV(B) ta' l-Anness XI u huma jkunu ġew ittrattati skond il-paragrafu 2 (c) jew (d) ta' l-A; jew

(iii) ekwidi jew annimali ruminanti minn pajjiż terz li jidher fil-lista mogħtija fil-Parti XIV (C) ta' l-Anness XI, li jkunu ġew ittrattati skond il-paragrafu 2(a), (b) u (c) ta' l-A u li wara t-trattament ikunu nżammu separati għal ta' l-anqas 21 jum;

(ċ) fil-każ ta' ġlud immellħa ttrasportati permezz ta' bastiment, huma jkunu ġew ittrattati skond il-paragrafi 2 (b) jew (c) ta' l-A u nżammu separati wara t-trattament matul it-trasport għal ta' l-anqas 14-il jum fil-każ tal-paragrafu (b) jew sebat ijiem fil-każ tal-paragrafu (c) qabel l-importazzjoni u c-ċertifikat tas-saħħa li jakkumpanja l-kunsinna jiċċertifika dan it-trattament u t-tul ta' żmien tat-trasport; u

(d) ċertifikat tas-saħħa li jikkonforma mal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Kapitolu 5 (B) ta' l-Anness X, jew, fil-każ ta' ġlud imsemmija fil-paragrafi 6(b) (iii) tas-C ta' dan l-Anness, għandha takkumpanjahom dikjarazzjoni uffiċjali li tikkonforma mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 5 (C) ta' l-Anness X.

▼B

7. Ġlud ta' barra u ġlud ta' annimali bid-dwiefer imgħawwġa (ungulati) friski, imkessħa jew ittrattati jridu jiġu importati f'kontenituri, vetturi tat-triq, vaguni tal-ferrovija jew balal issiġillati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz tad-dispaċċ.

▼B

KAPITOLU VII

Htiġijiet għal trofej tal-kaċċa

A. *Materja prima*

1. Mingħajr preġudizzju għall-miżuri adottati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi tal-fawna u l-flora selvaġġi billi jiġi rregolat il-kummerċ fihom [1], trofej tal-kaċċa:

   (a) ta' annimali bid-dwiefer imgħawwġa (ungulati) u għasafar li jkunu għaddew minn trattament komplet ta' taxidermy li jiżgura l-preservazzjoni tagħhom f'temperatura ambjentali; u

   (b) ta' speċi oħra għajr annimali bid-dwiefer imgħawwġa (ungulati) u għasafar,

   mhumiex soġġetti għal kull projbizzjoni jew restrizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali.

2. Mingħajr preġudizzju għall-miżuri adottati skond ir-Regolament (KE) Nru 338/97, trofej tal-kaċċa ta' annimali bid-dwiefer imgħawwġa (ungulati) u għasafar li ma jkunux għaddew mit-trattament imsemmi fil-paragrafu 1(a) huma soġġetti għall-kondizzjonijiet li ġejjin. Iridu:

   (a) jiġu minn annimali li joriġinaw minn żona li mhijiex soġġetta għal restrizzjonijiet bħala riżultat tal-preżenza ta' mard serju li jittieħed għal-liema annimali ta' l-ispeċi kkonċernati huma suxxettibbli; jew

   (b) iħarsu l-kondizzjonijiet preskritti mill-paragrafi 3 u 4 jekk jiġu minn annimali li joriġinaw minn żona soġġetta għal restrizzjonijiet bħala riżultat tal-preżenza ta' mard serju li jittieħed għal-liema annimali ta' l-ispeċi kkonċernati huma suxxettibbli.

3. Rigward trofej tal-kaċċa li jikkonsistu biss minn għadam, il-qrun, in-nagħal, id-dwiefer, l-*antlers* jew is-snien, it-trofej iridu:

   (a) ikunu ġew mgħaddsa f'ilma jagħli għal ħin xieraq sabiex jiġi żgurat li titneħħa kull materja oħra għajr l-għadam, il-qrun, in-nagħal, id-dwiefer, l-*antlers* jew is-snien;

   (b) ikunu ġew diżinfettati bi prodott awtorizzat mill-awtorità kompetenti, b'mod partikolari permezz ta' perossidu (akwa ossiġenata) fejn huma kkonċernati partijiet li jikkonsistu mill-għadam;

   (ċ) jiġu ppakkeġġjati, immedjatament wara t-trattament, mingħajr ma jkunu f'kuntatt ma' prodotti oħra li joriġinaw mill-annimali li x'aktarx jistgħu jikkontaminawhom, f'ippakkeġġjar individwali, trasparenti u magħluqa sabiex tiġi evitata kull kontaminazzjoni sussegwenti; u

   (d) jiġu akkumpanjati minn dokument jew ċertifikat li jiċċertifika li jkunu ntlaħqu l-kondizzjonijiet imsemmija fuq.

4. Rigward trofej tal-kaċċa li jikkonsistu biss minn ġlud ta' barra jew ġlud, it-trofej iridu:

   (a) ikunu jew:

      (i) imnixxfa, jew

      (ii) immellħa fin-niexef jew immellħa fl-umdità għal minimu ta' 14-il ġurnata qabel ma jintbagħatu;

▼M15

      (iii) ippreservat permezz ta' trattament ieħor għajr l-ikkunzar approvat mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3);

[1] ĠU L 61, tat-3.3.1997, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1579/2001 (ĠU L 209, tat-2.8.2001, p. 14).

▼B

(b) jiġu ppakkeġġjati, immedjatament wara t-trattament, mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' prodotti oħra li joriġinaw mill-annimali li x'aktarx jikkontaminawhom, f'pakketti individwali, trasparenti u magħluqa sabiex tiġi evitata kull kontaminazzjoni sussegwenti; u

(ċ) jiġu akkumpanjati minn dokument jew ċertifikat li jiċċertifika li jkunu ntlaħqu l-kondizzjonijiet imsemmija fuq.

B. *Importazzjoni*

5. L-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' trofej tal-kaċċa ttrattati minn għasafar u annimali bid-dwiefer imgħawwġa (ungulati), li huma biss l-għadam, il-qrun, in-nagħal, id-dwiefer, l-*antlers*, is-snien, il-ġlud ta' barra jew il-ġlud, minn pajjiżi terzi jekk:

(a) jakkompanjahom ċertifikat li jikkonforma mal-mudell preskritt fil-Kapitolu 6(A) ta' l-Anness X;

(b) iħarsu l-ħtiġijiet tal-paragrafi 3 u 4. Madankollu, fil-każ ta' ġlud immellħa fin-niexef jew immellħa fl-umdità li huma trasportati permezz ta' bastiment, il-ġlud m'għandhomx għalfejn jiġu mmellħa 14-il ġurnata qabel id-dispaċċ, basta iżda li huma mmellħa għal 14-il ġurnata qabel l-importazzjoni; u

▼M2

(ċ) ikunu ġejjin minn pajjiż terz li jidher fil-lista elenkata fil-Parti XV (A) ta' l-Anness XI.

▼B

6. L-Istati Membri jridu, bi qbil mal-ħtiġijiet tal-paragrafu 7, jawtorizzaw l-importazzjoni ta' trofej tal-kaċċa minn għasafar u annimali bid-dwiefer imgħawwġa (ungulati) li jikkonsistu minn partijiet anatomiċi sħaħ, li ma ġew ittrattati bl-ebda mod, minn pajjiżi terzi:

▼M2

(a) li jidher fil-lista elenkati fil-parti XV(B) u (C) ta' l-Anness XI kif xieraq; u

▼B

(b) minn liema l-importazzjoni tal-kategoriji kollha ta' laħam frisk ta' l-ispeċi korrispondenti hija awtorizzata.

7. L-Istati Membri jridu jawtorizzaw importazzjoni tat-trofej tal-kaċċa riferiti fil-paragrafu 6 jekk:

(a) jiġu minn annimali li joriġinaw minn żona li mhijiex soġġetta għal restrizzjonijiet bħala riżultat tal-preżenza ta' mard serju li jittieħed għal-liema annimali ta' l-ispeċi kkonċernati huma suxxettibbli;

(b) ikunu ġew ippakkeġġjati, immedjatament wara t-trattament, mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' prodotti oħra li joriġinaw mill-annimali li x'aktarx jikkontaminawhom, f'pakketti individwali, trasparenti u magħluqa sabiex tiġi evitata kull kontaminazzjoni sussegwenti; u

(ċ) jakkompanjahom ċertifikat li jikkonforma mal-mudell preskritt fil-Kapitolu 6(B) ta' l-Anness X.

▼B

KAPITOLU VIII

Htiġijiet għas-suf, ix-xagħar, il-lanżit tal-ħnieżer, ir-rix u partijiet mir-rix

A. *Materja prima*

▼M1

1. (a) Suf mhux proċessat, xagħar mhux proċessat, lanżit tal-majjal mhux proċessat u rix u partijiet tar-rix mhux proċessati għandhom ikunu nkisbu mill-annimali msemmija fl-Artikolu 6(1)(ċ) jew (k). Għandhom jingħalqu sew fil-pakketti u jkunu nexfin. Madankollu, fil-każ ta' rix jew partijiet tar-rix mhux proċessati mibgħuta direttament minn biċċeriji għal apparat ta' l-iproċessar, l-awtorita' kompetenti tista' tippermetti deroga mill-kondizzjoni li għandhom ikunu niexfa, dejjem jekk:

(i) il-miżuri kollha neċessarji huma meħuda biex jiġi evitat it-tixrid possibli tal-mard;

(ii) il-vjaġġ isir f'kontenituri li minnhom ma jintilef xejn u/jew vetturi li għandhom jitnaddfu u jkunu disinfettati immedjatament wara kull użu; u

(iii) l-Istat Membru jgħarraf lill-Kummissjoni meta tingħata tali deroga.

(b) Ċaqliq ta' lanżit tal-majjali minn reġjuni fejn id-deni Afrikan tal-ħnieżer hu endemiku mhumiex permessi ħlief għal lanżit tal-majjali li:

(i) jkunu tgħallew, inżebgħu jew ġew ibbliċjati; jew

(ii) ikunu għaddew minn taħt xi forma oħra ta' trattament li joqtol fiż-żgur aġenti patoġeniċi, dejjem jekk l-evidenza ta' dan tkun mogħtija taħt forma ta' ċertifikat minn veterinarju responsabbli għall-post ta' oriġini. Ħasil fil-fabbrika ma jistax jitqies bħala forma ta' trattament għall-għanijiet ta' din id-dispożizzjoni.

▼B

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma jgħoddux għal rix dekorattiv jew rix li:

(a) jinġarr mill-vjaġġaturi għall-użu privat tagħhom; jew

(b) fl-għamla ta' kunsinni mibgħuta lill-individwi privati għal għanijiet mhux industrijali.

B. *Importazzjoni*

3. L-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjoni tal-lanżit tal-ħnieżer minn pajjiżi terzi jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni bi qbil mal-leġislazzjoni tal-Komunità, reġjuni tagħhom, jekk:

(a) il-lanżit tal-ħnieżer inkiseb minn annimali li joriġinaw, u ġew maqtula f'biċċerija, fil-pajjiż ta' l-oriġini;

(b) jew:

(i) fejn ma jkun seħħ l-ebda każ tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-aħħar 12-il xahar, ċertifikat li jikkonforma mal-mudell preskritt fil-Kapitolu 7(A) ta' l-Anness X jakkumapanja l-kunsinna; jew

(ii) fejn ikun seħħ każ wieħed jew aktar tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-aħħar 12-il xahar, ċertifikat li jikkonforma mal-mudell preskritt fil-Kapitolu 7(B) ta' l-Anness X jakkompanja l-kunsinna;

▼M2

(ċ) ikun ġej minn pajjiż terz li jidher fil-lista tal-parti VIII ta' l-Anness XI skond kif xieraq.

▼B

4. ►M9 L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' suf u xagħar mhux ipproċessati, jekk ikunu: ◄

(a) magħluqa b'mod sikur f'ippakkeġġjar u jkunu nexfin; u

(b) mibgħuta direttament lill-impjant tekniku jew lill-impjant intermedju f'tali kondizzjonijiet illi jevitaw kull imxija ta' aġenti patoġeniċi.

▼M9

5. L-importazzjoni ta' rix u partijiet minn rix mhux ipproċessati hija pprojbita.

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' rix u partijiet minn rix ipproċessati jekk:

(a) ikunu rix dekorattiv ittrattat, rix ittrattat li jġorru l-vjaġġaturi għall-użu privat tagħhom jew kunsinni ta' rix ittrattat mibgħuta lil individwi privati għal għanijiet mhux industrijali; jew

(b) ikunu akkumpanjati minn dokument kummerċjali li jiddikjara li r-rix jew il-partijiet mir-rix ġew ittrattati b'kurrent ta' fwar jew b'xi metodu ieħor li jiżgura d-diżattivazzjoni ta' patoġeni u jkunu magħluqa b'mod sikur f'ippakkeġġjar u xotti.

▼M2

KAPITOLU IX

Htiġiet għal prodotti ta' l-apikultura

A. *Materja prima*

▼M9

1. Prodotti sekondarji ta' l-apikultura maħsuba esklussivament għall-użu fl-apikultura għandhom:

▼M2

(a) ma jkunux ġejjin minn żona li hija suġġetta għal ordni tal- projbizzjoni assoċjata ma l-okkorrenza ta':

(i) Il-*foulbrood* Amerikana (*Paenibacillus larvae larvae*), apparti minn meta l-awtorità kompetenti tkun ikkalkolat ir-riskju bħala negliġibbli, ħarġet l-awtorizzazzjoni speċifika għall-użu biss f'dak l-Istat Membru, u tkun ħadet il-miżuri l-oħrajn kollha meħtieġa sabiex tassigura li ma jkunx hemm tixrid ta' dak il-mard;

(ii) *acariosis* (Acarapis woodi (Rennie), apparti meta ż-żona tad-destinazzjoni tkun akkwistat garanziji addizzjonali b'konformità ma l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 92/65/KEE ([1]);

(iii) il-ħanfusa ż-żgħira tad-doqqajs (Aethina tumida); jew

(iv) Tropilaelaps spp. (Tropilaelaps spp); u

(b) iridu jilħqu l-ħtiġiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 8(a) tad-Direttiva 92/65/KEE.

B. *Importazzjoni*

2. Minħabba li l-ħanfusa ż-żgħira tad-doqqajs u Tropilaelaps spp. ma humiex preżenti fil-Komunità, il-salvagwardji addizzjonali li ġejjin li jikkonċernaw l-importazzjoni tal-prodotti ta' l-apikultura jkunu ġew stabbiliti.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, *semen*, *ova* u embrijoni bla ħsara għall-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fir-regoli speċifiċi tal-Komunità referuti fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE (ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, pġ. 54).

▼M9

3. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti sekondarji ta' l-apikultura, għajr xama' tan-naħal f'forma ta' xehda ta' l-għasel maħsuba għall-użu fl-apikultura jekk ikunu:

(a) ġejjin minn pajjiżi terzi li jidhru fil-lista mogħtija fil-Parti XII ta' l-Anness XI;

(b) jew:

(i) ġew soġġetti għal temperatura ta' –12 °C jew anqas għal ta' l-anqas 24 siegħa; jew

(ii) fil-każ tax-xama', il-materjal ikun ġie rfinut jew imdewweb qabel l-importazzjoni; u

(ċ) jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa li jikkonforma mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 13 ta' l-Anness X.

4. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' xama' tan-naħal għal għanijiet tekniċi, għajr xama' tan-naħal f'forma ta' xehda ta' l-għasel, jekk hija tkun:

(a) ġiet irfinuta jew imdewba qabel l-importazzjoni; u

(b) tkun akkumpanjata minn dokument kummerċjali li jiċċertifika dak l-irfinar jew radd.

5. L-importazzjoni ta' xama' tan-naħal f'forma ta' xehda ta' l-għasel għandha tkun ipprojbita.

▼B

KAPITOLU X

Htiġijiet għall-għadam u l-prodotti mill-għadam (għajr ikel mill-għadam), il-qrun u l-prodotti mill-qrun (għajr ikel mill-qrun) u n-nagħal u l-prodotti min-nagħal (għajr ikel min-nagħal) maħsuba għal użu ieħor għajr bħala materjal ta' l-għalf, fertilizzanti organiċi jew prodotti li jtejbu l-ħamrija

1. L-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-għadam u tal-prodotti mill-għadam (għajr ikel mill-għadam), il-qrun u l-prodotti mill-qrun (għajr ikel mill-qrun) u n-nagħal u l-prodotti min-nagħal (għajr ikel min-nagħal) biex jipproduċu prodotti tekniċi jekk:

(a) il-prodotti jkunu ġew imnixxfa qabel l-esportazzjoni u mhux imkessħa jew iffriżati;

(b) il-prodotti jinġarru biss bl-art u bil-baħar mill-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom direttament lejn il-post ta' l-ispezzjoni fuq il-fruntiera ġewwa l-Komunità u ma jerġgħux jiġu ttrasportati bil-baħar lejn xi port jew post barra mill-Komunità;

(ċ) wara l-eżami tad-dokument kif ipprovdut fid-Direttiva 97/78/KEE, il-prodotti jiġu mwassla direttament lejn l-impjant tekniku;

▼M2

(d) ikunu ġejjin minn pajjiż terz li jidher fil-lista elenkata fil-Parti XVII ta' l-Anness XI.

▼B

2. Kull kunsinna trid tkun akkumpanjata minn:

(a) dokument kummerċjali ttimbrat mill-awtorità kompetenti li tissorvelja l-impriża ta' l-oriġini, li jinkludi t-tagħrif li ġej:

(i) il-pajjiż ta' l-oriġini,

(ii) l-isem ta' l-impriża tal-produzzjoni,

(iii) in-natura tal-prodott (għadam niexef/prodott mill-għadam niexef/-qrun niexef/prodotti niexfa mill-qrun/nagħal niexef/prodotti niexfa min-nagħal) u

▼B

(iv) il-fatt li l-prodott ġie:

— idderivat minn annimali b'saħħithom maqtula f'biċċerija, jew

— imnixxef għal 42 ġurnata f'temperatura medja ta' millinqas 20° Ċ, jew

— imsaħħan għal siegħa sa millinqas 80°Ċ fil-ġewwieni tiegħu qabel ma jitnixxef, jew

▼M2

— magħmula rmied għal siegħa fi mill-anqas 800 °C sal-qalba qabel it-tnixxif, jew

▼B

— ikun għadda minn proċess ta' aċidifikazzjoni tant li l-pH ġie miżmum inqas minn 6 fil-ġewwieni tiegħu għal millinqas siegħa qabel ma jitnixxef, u

ma kienx maħsub fl-ebda stadju li jiġi dirett għal xi użu fl-ikel, materjal ta' l-għalf, fertilizzanti organiċi jew prodotti li jtejbu l-ħamrija; u

▼M2

(b) dikjarazzjoni ta' l-importatur li tkun konformi mal-kampjun stabbilit fil-Kapitolu 16 ta' l-Anness X u għandu jkun mill-nqas f'waħda mill-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru li fih il-konsenja tidħol għall-ewwel darba fil-Komunità u fi mill-anqas waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni.

▼B

3. Mal-kunsinna lejn it-territorju tal-Komunità, il-materjal irid jiġi magħluq f'kontenitur jew vetturi ssiġillati jew jinġarr bil-massa f'bastiment. Jekk ikunu trasportati f'kontenituri, il-kontenituri, u fil-każijiet kollha d-dokumenti li jakkompanjawhom, iridu jġorru l-isem u l-indirizz ta' l-impjant tekniku.

▼M2

4. Wara l-verifika fil-fruntiera li hemm provvediment dwarha fid-Direttiva 97/78/KE, u skond il-kondizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(4) ta' dik id-Direttiva, il-materjal għandu jkun trasportat direttament lejn l-impjant tekniku.

▼B

5. Rekords iridu jinżammu tal-kwantità u n-natura tal-materjal, matul il-fabbrikazzjoni, b'tali mod li jiġi żgurat li l-materjal fil-fatt ġie użat għall-għanijiet maħsuba.

▼M2

KAPITOLU XI

▼M8

Ir-rekwiżiti għall-prodotti sekondarji ta' l-annimali għall-produzzjoni ta' l-għalf inkluż l-ikel għall-annimali domestiċi, u ta' prodotti tekniċi, eskluži prodotti intermedjarji li jissemmew fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2007/2006

▼M2

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti sekondarji mill-annimali intiżi għall-manifattura ta' għalf, inkluż l-ikel għall-annimali domestiċi, u għall-farmaċewtikali u prodotti tekniċi oħrajn jekk dawn:

1. ikunu ġejjin minn pajjiżi terzi li jidhru fil-listi elenkati fil-parti VI u VII(A) u (B) ta' l-Anness XI kif xieraq;

2. jikkonsistu biss minn prodotti sekondarji ta' l-annimali kif referuti fl-Artikolu 6(1)(a) sa (j) u/jew, meta intiżi li jkunu użati bħala ikel għall-annimali domestiċi, materjal derivat minn annimali ittrattati kif referut fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 28;

▼M9

madankollu, prodotti sekondarji ta' l-annimali għall-użu fl-għalf għall-annimali mrobbija għall-pil jew għall-użu f'ikel mhux ipproċessat għall-annimali domestiċi għandu jikkonsisti biss fi prodotti sekondarji ta' l-annimali msemmija fl-Artikolu 6(1)(a) u (b);

▼M2

3. ikun ġie iffriżat b'kesħa qawwija fl-impjant ta' l-oriġini jew ikun ġie ippreservat skond il-leġislazzjoni tal-Komunità b'tali mod hekk li jipprevjeni t-tħassir bejn il-kunsinja u l-wasla fl-impjant tad-destinazzjoni;

4. ikun għadda mill-prekwazjonijiet kollha sabiex jevita l-kontaminazzjoni b'aġenti patoġeniċi;

5. kienu ppakjati f'ippakkjar ġdid li ma jippermettix it-tqattir;

▼M9

6. ikunu akkumpanjati minn ċertifikat li jikkonforma ma' wieħed mill-mudelli msemmija fil-Kapitolu 3(D), 3(F) jew 8 ta' l-Anness X;

▼M2

7. wara l-verifika fil-fruntiera li hemm provvediment dwarha fid-Direttiva 97/78/KE, u skond il-kondizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(4) ta' dik id-Direttiva, ikunu trasportati direttament jew:

(a) l-impjant ta' l-ikel ta' l-annimali domestiċi jew impjant tekniku, li jkun ta il-garanzija li l-prodotti sekondarji ta' l-annimali għandhom ikunu użati biss għall-iskop tal-produzzjoni ta' l-kel ta' l-annimali domestiċi jew ta' prodotti tekniċi skond kif xieraq, kif speċifikat mill-awtorità kompeneti jekk dan ikun meħtieġ, u m'għandux iħalli l-impjant mingħajt trattament apparti milli għal disponiment dirett; jew

(b) lejn impjant intermedju; jew

(ċ) lejn utenti jew ċentru ta' ġbir awtorizzati u rreġistrati, li għandhom jagħtu il-garanzija li l-prodotti sekondarji mill-annimali jkunu użati biss għall-iskopijiet permissibbli, kif speċifikat mill-Awtorità Kompeneti, jekk hekk meħtieġ;

u

8.1. fil-każ ta' materja prima għall-produzzjoni ta' ikel ta' l-annimali domestiċi akkwistat minn annimali li jkun ġie ittrattat b'ċerti sustanzi ipprojbiti skond id-Direttiva 96/22/KE, kif referut fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolment, għandu:

(a) ikun immarkat fil-pajjiż terz qabel ma jidħol fit-territorju tal-Komunità b'salib jew faħam likwifikat jew karbonju attivat, fuq kull naħa ta' barra ta' kull blokka ffriżata, b'tali mod li il-marki ikopri mill-anqas 70 % tat-tul diagonali tal-ġenb tal-blokka ffriżata u li jkunu minn anqas 10 ċm fil-wisa';

(b) fil-każ ta' materjal li mhux iffriżat, ikun immarkat fil-pajjiż terz qabel ma jidħol fit-territorju tal-Komunità billi jkun sprejjat b'faħam likwifikat jew bl-applikazzjoni ta' trab tal-faħam b'tali mod li l-faħam ikun kjarament jidher fuq il-materjal.

(ċ) ikun trasportat direttament lejn:

(i) l-impjant tad-destinazzjoni tal-manifattura ta' l-ikel ta' l-annimali domestiċi bi qbil mal-punt 7(a) ta' hawn fuq;

jew

(ii) lejn pjant intermedju bi qbil mal-punt 7(b) ta' hawn fuq u minn hemm direttament lejn l-impjant tal-manifattura ta' l-ikel ta' l-annimali domestiċi referut fi (i), basta li dak l-impjant intermdju:

— jittratta biss il-materjal kopert b'dan il-punt 8.1, jew

▼M2

— jittratta biss materjal destinat lejn impjant tal-manifattura ta' l-ikel ta' l-annimali domestiċi skond (i);

u

(d) ikun manipulat sabiex jitneħħew il-marki li hemm provvediment dwarhom fi (a) u (b) biss fl-impjant tad-destinazzjoni tal-manifattura ta' l-ikel ta' l-annimali domestiċi u biss immedjatament qabel l-użu tal-materjal għall-manifatturi ta' l-ikel ta' l-annimali domestiċi;

8.2. meta konsenja tkun magħmula minn materja prima, li tkun ġiet ittrattata kif referut fi 8.1 ta'hawn fuq u materja prima oħra li ma tkun trattata, il-materjali primi kollha fil-konsenja għandhom ikunu immarkati kif stabbilit fil-punt 8.1 (a) u (b) ta' hawn fuq.

8.3. L-immarkar li hemm provvediment dwaru fil-punt 8.1(a) u (b) u 8.2 għandu jibqa viżibbli minn żmien il-konsenja u sakemm ikun imwassal fid-destinazzjoni tal-impjant tal-manifattura ta' l-ikel ta' l-annimali domestiċi.

KAPITOLU XII

Xaħmijiet laċerati mill-materjali tal-kategorija 2 għal skopijiet oleokemikali

A. *Normi ta' l-ipproċessar*

1. Xaħmijiet laċerati akkwistati mill-materjali tal-kategorija 2 għal skopijiet eleokemikali għandhom ikunu prodotti bl-użu tal-medodi 1 sa 5 kif referuti fl-Anness V, il-Kapitolu III.

2. Xaħmijiet laċerti akkwistati minn annimali ruminanti għandhom ikunu purifikati b'tali mod hekk li l-livell massimu ta' l-impuritajiet totali li ma jinħallux li jkun baqa' ma jkunux jeċċedu 0,15 % fil-piż;

B. *Importazzjoni ta' xaħmijiet laċerati*

3. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' xaħmijiet laċerati akkwistati mill-materjali tal-kategorija 2, intiżi għal proċessar bl-użu ta' metodu li mill-anqas ikun jilħaq in-normi ta' wieħed mill-proċessi deskritti fl-Anness VI, il-Kapitolu III, jekk dawn:

(a) ikunu ġejjin minn pajjiż terz li jidher fil-lista tal-Komunità elenkata fil-Parti IV ta' l-Anness XI;

(b) ikunu ġew prodotti b'konformità ma dan ir-Regolament; u

(ċ) ikunu akkumpanjat b'ċertifikat tas-saħħa li jkun konformi mal-kampjun stabbilit fil-Kapitolu 10(B) ta' l-Anness X.

4. Ix-xaħmijiet laċerati għandhom jinġarru bl-art u/jew bil-baħar mill-pajjiż ta' l-oroġini direttament lejn il-post ta' l-ispezzjoni tal-fruntira fil-Komunità.

5. Wara l-verifiki li hemm provvediment dwarhom fid-Direttiva 97/78/KE, u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(4) ta' dik id-Direttiva, ix-xaħmijiet laċerati għandhom ikunu trasportati lejn l-impjant oleokemikali tal-kategorija 2 fejn għandhom ikunu proċessati f'derivattivi tax-xaħam.

6. Iċ-ċertifikat tas-saħħa referut fil-paragrafu 3 għandu jistqarr li:

(i) ix-xaħmijiet laċerati ma jkunux imdawwra lejn xi użu apparti milli għal aktar proċessar b'metodu li mill-anqas jilħaq in-normi ta' wieħed mill-proċessi referuti fil-Kapitolu III ta' l-Anness VI; u

(ii) id-derivattivi riżultanti tax-xaħam għandhom ikunu użati biss f'fertilizzant organiku jew tat-titjieb tal-ħamrija jew xi użu tekniku ieħor, apparti milli fil-kosmetiċi, il-farmaċewtikali u apparati mediċi.

▼M2

7. Iċ-ċertifikat tas-saħħa li hemm provvediment dwaru fil-paragrafu 3 għandu jkun ippreżentat lejn l-awtorità kompetenti fil-post ta' l-ispezzjoni fil-fruntiera fl-ewwel post tad-dħul ta' l-oġġetti ġewwa il-Komunità, u minn hemm il-quddiem, kopja għandha takkompanja il-konsenja sakemm din tasal fl-impjant tad-destinazzjoni.

8. Wara l-verifika li hemm provvediment dwarha fid-Direttiva 97/78/KE, u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(4) ta' dik id-Direttiva, ix-xaħmijiet laċerati għandhom ikunu trasportati direttament lejn l-impjant tad-destinazzjoni.

KAPITOLU XIII

Derivattivi tax-xaħmijiet

A. *Normi ta' l-ipproċessar*

1. Jekk ix-xaħmijiet laċerati prodotti mill-materjal tal-kategorija 2 ma jkunux użati fil-produzzjoni ta' derivattivi tax-xaħmijiet, metodu li mill-anqas jilħaq in-normi ta' wieħed mill-proċessi referuti fil-Kapitolu III ta' l-Anness VI għandu jkun użat.

B. *Importazzjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tad-derivattivi tax-xaħam biss jekk ċertifikat tas-saħħa li jkun konformi mal-kampjun stabilit fil-Kapitoli 14(A) jew 14(B) ta' l-Anness X jakkompanja kull konsenja.

3. Iċ-ċertifikat tas-saħħa referut fil-paragrafu 2 għandu jistqarr li:

(a) jekk jew le id-derivattivi tax-xaħam ikunux minn materjali tal-kategorija 2 jew 3;

(b) fil-każ ta' derivattivi tax-xaħam prodotti minn materjali tal-kategorija 2, li il-prodotti:

(i) ikunu ġew prodotti bl-użu ta' metodu li mill-anqas jilħaq in-normi ta' wieħed mill-proċessi referuti fil-Kapitolu III ta' l-Anness VI; u

(ii) għandhom ikunu użati biss f'fertilizzant organiku jew tat-titjieb tal-ħamrija jew xi użu tekniku ieħor, apparti milli fil-kosmetiċi, il-farmaċewtikali u apparati mediċi.

4. Iċ-ċertifikat tas-saħħa li hemm provvediment dwaru fil-paragrafu 2 għandu jkun ippreżentat lejn l-awtorità kompetenti fil-post ta' l-ispezzjoni fil-fruntiera fl-ewwel post tad-dħul ta' l-oġġetti ġewwa il-Komunità, u minn hemm il-quddiem, kopja għandha takkompanja il-konsenja sakemm din tasal fl-impjant tad-destinazzjoni.

5. Wara l-verifika li hemm provvediment dwarha fid-Direttiva 97/78/KE, u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(4) ta' dik id-Direttiva, id-derivattivi tax-xaħmijiet għandhom ikunu trasportati direttament lejn l-impjant tad-destinazzjoni.

KAPITOLU XIV

Htiġiet speċifiċi għall-interjuri tat-togħma għall-manifattura ta' l-ikel ta' l-annimali domestiċi

Il-kondizzjonijiet li ġejjin japplikaw b'żieda mal-ħtiġiet għall-approvazzjoni stabbiliti fil-Kapitolu I.

A. *Materja Prima*

1. Il-prodotti sekondarji mill-annimali biss li huma referuti fl-Artikolu 6(1)(a) sa (j) jistgħu ikunu użati għall-produzzjoni ta' prodotti pproċessati likwidi/-deidrati ta' oriġini mill-annimali użati sabiex iwaqqu il-valuri tal-palat ta' l-ikel ta' l-annimali domestiċi.

▼M2

B. *Normi ta' l-ipproċessar*

2. L-interjuri tat-togħma għandhom ikunu mgħoddija minn metodu u parametri ta' trattament. Li jassigura li l-prodott ikun konformi man-normi mikro-bioloġiċi stabbiliti fl-Anness VIII, il-paragrafu 6 tal-Kapitolu II. Wara t-trattament, kull prekwazzoni għandha tittieħed sabiex tassigura li l-prodott ma jkunx espost għal kontaminazzjoni.

3. Il-prodott finali għandu:

(a) ikun ippakkjat f'pakketti ġodda jew sterilizzati; jew

(b) ikun ittrasportat fil-massa f'konteni turi jew Mezzi oħrajn tat-trasport li kienu mnaddfa u ddiżinfettati bl-akbar reqqa b'disinfettant approvat mill-awtorità kompetenti qabel ma jsir użu minnu.

Ċ. *Importazzjoni*

4. L-Istati Membru għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-interjuri tat-togħma jekk dawn:

(a) ikunu ġejjin minn pajjiżi terzi li jidhru fil-lista stabbilita tal-parti VII(C) ta' l-Anness XI;

(b) ikunu ġejjin minn impjant tal-produzzjoni ta' l-ikel ta' l-annimali domestiċi approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz li jkun jilħaq il-kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 18;

(ċ) ikunu ġew prodotti b'konformità ma dan ir-Regolament; u

(d) ikunu akkumpanjat b'ċertifikat tas-saħħa li jkun konformi mal-kampjun stabbilit fil-Kapitolu 3(E) ta' l-Anness X.

▼M16

KAPITOLU XV

Rekwiżiti għal qrejjen u prodotti ta' qrejjen, esklużbiċċiet ta' qrejjen, u dwiefer u prodotti ta' dwiefer, esklużbiċċiet ta' dwiefer, maħsubin għall-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew materjali li jtejbu l-ħamrija

A. *Tqegħid fis-suq*

It-tqegħid fis-suq ta' qrejjen u prodotti ta' qrejjen, esklużbiċċiet ta' qrejjen, u dwiefer u prodotti ta' dwiefer, esklużbiċċiet ta' dwiefer, maħsubin għall-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew materjali li jtejbu l-ħamrija, għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. huma għandhom joriġinaw minn annimali li:

(a) jew ikunu nqatlu f'biċċerija, wara li jkunu għaddew minn spezzjoni *ante-mortem*, u nstabu li kienu, b'riżultat ta' din l-ispezzjoni, tajbin għall-qatla għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

(b) jew ma wrewx sinjali kliniċi ta' xi marda ta' dak il-prodott li tittieħed mill-bniedem jew mill-annimali.

2. ikunu għaddew minn trattament bis-sħana għal siegħa f'temperatura ta' mill-inqas 80°C fil-qalba tagħha;

3. il-qrejjen ikunu tneħħew mingħajr il-ftuħ tal-kavità kranjali;

4. f'kull stadju tal-proċessar, ħżin jew trasport, tkun ittieħdet kull prekawzjoni biex tkun evitata l-kontaminazzjoni reċiproka;

5. għandhom jiġu ppakkjati f'pakki jew f'reċipjenti ġodda; jew għandhom jiġu ttrasportati f'vetturi jew f'kontejners li jġorru bil-kwantità li kienu ġew diżinfettati qabel it-tagħbija bl-użu ta' prodott approvat mill-awtorità kompetenti;

▼**M16**

6. Il-pakki jew ir-reċipjenti għandhom:

   (a) jindikaw it-tip ta' prodott (qrejjen, prodotti ta' qrejjen, dwiefer jew prodotti ta' dwiefer);

   (b) ikunu ttikkettjati b'mod ċar "MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM JEW MILL-ANNIMALI";

   (c) ikunu mmarkati bl-isem u bl-indirizz tal-impjant tekniku jew ta' ħażna approvat ta' destinazzjoni.

B. *Importazzjoni*

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' qrejjen u prodotti ta' qrejjen, eskluż biċċiet ta' qrejjen, u dwiefer u prodotti ta' dwiefer, eskluż biċċiet ta' dwiefer, maħsubin għall-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew materjali li jtejbu l-ħamrija bil-kundizzjoni li dawn:

1. jiġu minn pajjiż terz li jidher fil-lista li hemm referenza għaliha fil-Parti XVIII tal-Anness XI;

2. ikunu ġew prodotti skont il-punt A ta' dan il-Kapitolu;

3. ikollhom magħhom ċertifikat tas-saħħa li jikkonforma mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 18 tal-Anness X, mimli u ffirmat kif dovut mill-veterinarju uffiċjali;

4. jitwasslu, wara li jkunu saru l-eżamijiet veterinarji fil-post ta' spezzjoni tal-fruntiera *fil-punt ta' dħul fl-Unjoni* kif hemm provdut fid-Direttiva 97/78/KE, u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(4) ta' dik id-Direttiva, direttament għal impjant tekniku approvat jew impjant ta' ħażna approvat.

▼B

L-ANNESS IX

REGOLI APPLIKABBLI GĦALL-UŻU TA' ĊERTU MATERJAL TA' KATEGORIJA 2 U KATEGORIJA 3 GĦALL-GĦALF TA' ĊERTI ANNIMALI BI QBIL MA' L-ARTIKOLU 23(2)

1. Dan l-Anness japplika biss għall-utenti u ċ-ċentri tal-ġbir awtorizzati u rreġistrati skond l-Artikolu 23(2)(ċ)(iv), (vi) u (vii). Għall-għanijiet ta' dan l-Anness, materjal rilevanti ifisser il-prodotti sekondarji ta' l-annimali speċifikati fl-Artikolu 23(2)(b) u prodotti derivati minnhom.

2. Materjal rilevanti jrid jiġi ttrasportat lejn l-utenti jew lejn ċ-ċentri tal-ġbir bi qbil ma' l-Anness II.

▼M1

2a. Iġsma sħaħ ta' annimali mejta għandhom ikunu mmaniġġjati bħala materjal tal-Kategorija 2 matul il-ġbir u t-trasport, mingħajr ma tiġi affettwata l-kondizzjoni li jitneħħa l-materjal ta' riskju speċifiku għal rimi li jsir wara, qabel ma l-bqija tal-ġisem ikun jista' jintuża għall-għalf hekk kif previst fl-Artikolu 23.

▼B

3. Iċ-ċentri tal-ġbir iridu:

(a) jikkonformaw għall-inqas mal-ħtiġijiet li ġejjin ta' l-Anness V:

(i) Il-Kapitolu I, paragrafi 1(a), (b), (ċ), (d) u (f), 2, 3 u 4, u

(ii) Il-Kapitolu II, paragrafi 1, 2, 4, 5 u 9; u

(b) ikollhom faċilitajiet adegwati biex jinqered materjal rilevanti mhux użat u mhux ipproċessat jew jinħatt f'impjant ta' l-ipproċessar jew impjant ta' inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni bi qbil ma' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-użu ta' impjant ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 2 bħala ċentru tal-ġbir.

4. B'żieda mar-rekords meħtieġa bi qbil ma' l-Anness II, ir-rekords li ġejjin iridu jinżammu f'relazzjoni ma' materjal rilevanti:

(a) fil-każ ta' utenti finali, il-kwantità użata u d-data ta' l-użu; u

(b) fil-każ ta' ċentri tal-ġbir:

(i) il-kwantità ttrattata bi qbil mal-paragrafu 5;

(ii) l-isem u l-indirizz ta' kull utent finali li qed jixtri l-materjal;

(iii) il-fondijiet fejn jittieħed il-materjal għall-użu;

(iv) il-kwantità mibgħuta; u

(v) id-data li fiha ntbagħat il-materjal.

▼B

5. Operaturi ta' ċentri tal-ġbir li jipprovdu materjal rilevanti ieħor għajr il-ġewwieni tal-ħut lill-utenti finali, iridu jiżguraw li:

(a) jgħaddi minn wieħed mit-trattamenti li ġejjin (jew fiċ-ċentru tal-ġbir jew f'biċċerija approvata mill-awtorità kompetenti bi qbil mal-leġislazzjoni tal-Komunità):

(i) żnaturazzjoni permezz ta' soluzzjoni ta' aġent li jagħti l-kulur approvat mill-awtorità kompetenti. Is-soluzzjoni trid tkun ta' qawwa tant li l-kulur fuq il-materjal imtebba' jidher ċar, u l-wiċċ sħiħ tal-biċċiet kollha tal-materjal ikunu ġew koperti minn soluzzjoni kif imsemmi qabel jew billi l-materjal jiġi mgħaddas, jew permezz ta' l-isprej jew billi s-soluzzjoni tiġi applikata mod ieħor;

(ii) sterilizzazzjoni, jiġifieri jiġi mgħolli jew mogħti l-fwar taħt pressjoni sakemm kull biċċa materjal jissajjar kollu; jew

(iii) kull trattament ieħor approvat mill-awtorità kompetenti; u

(b) ikun ippakkeġġjat wara t-trattament u qabel id-distribuzzjoni f'ippakkeġġjar li huwa mmarkat b'mod ċar u li jinqara bl-isem u l-indirizz taċ-ċentru tal-ġbir u l-indikazzjoni mhux għall-konsum uman.

▼M9

L-ANNESS X

MUDELLI TA' ĊERTIFIKATI TAS-SAĦĦA GĦALL-IMPORTAZZJONI MINN PAJJIŻI TERZI U GĦAT-TRANŻITU MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TA' ĊERTI PRODOTTI SEKONDARJI TA' L-ANNIMALI U PRODOTTI DERIVATI MINNHOM

Noti

(a) Iċ-ċertifikati veterinarji għandhom isiru mill-pajjiż li qiegħed jesporta, ibbażati fuq il-mudelli li jidhru f'dan l-Anness X, skond it-tifsila tal-mudell li jikkorrispondi għall-prodotti sekondarji ta' l-annimali kkonċernati. Huma għandu jkun fihom, fl-ordni nnumerata li tidher fil-mudell, id-dikjarazzjonijiet li huma meħtieġa għal kull pajjiż terz u, kif ikun il-każ, dawk il-garanzji supplimentari li huma meħtieġa rilevanti għall-pajjiż terz li qiegħed jesporta jew parti minnu.

(b) L-oriġinal ta' kull ċertifikat għandu jikkonsisti f'paġna waħda, miż-żewġ naħat, jew, fejn huwa meħtieġ aktar test, għandu jkun f'tali forma li l-paġni kollha meħtieġa jkunu parti minn wieħed sħiħ integrat u indiviżibbli.

(ċ) Huwa għandu jitfassal f'minn ta' lanqas lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istat Membru ta' l-UE li fih tkun se ssir l-ispezzjoni fil-post fuq il-fruntiera u f'minn ta' lanqas waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' l-UE tad-destinazzjoni. Madankollu, dawn l-Istati Membri jistgħu jippermettu lingwi oħra, akkumpanjati, jekk ikun meħtieġ, minn traduzzjoni uffiċjali.

(d) Jekk għal raġunijiet ta' identifikazzjoni ta' l-oġġetti tal-kunsinna, jinhemżu paġni addizzjonali maċ-ċertifikat, dawn il-paġni għandhom jiġu kkunsidrati wkoll bħala parti mill-oriġinal taċ-ċertifikat billi kull paġna tingħata l-firma u t-timbru tal-veterinarju uffiċjali ċertifikanti.

(e) Meta c-ċertifikat, inklużi l-iskedi addizzjonali msemmija f'd), ikun fih aktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tiġi nnumerata -(*numru tal-paġna*) minn (*numru totali ta' paġni*)– fuq in-naħa ta' isfel tagħha u għandha ġġib in-numru tal-kodiċi taċ-ċertifikat li jkun ingħata mill-awtorità kompetenti fuq in-naħa ta' fuq tiegħu.

(f) L-oriġinal taċ-ċertifikat għandu jimtela u jiġi ffirmat minn veterinarju uffiċjali. Waqt li jagħmlu dan, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li qiegħed jesporta għandhom jiżguraw li jsegwu l-prinċipji taċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE.

(g) Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar. L-istess regola tapplika għat-timbri għajr dawk imqabbżin (*embossed*) jew watermark.

(h) L-oriġinal taċ-ċertifikat għandu jakkumpanja l-kunsinna fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera ta' l-UE.

(i) Jekk ċertifikati tas-saħħa jintużaw għal kunsinni fi tranżitu, il-kaxxa Nru I.5 ("Destinatarju") taċ-ċertifikat tas-saħħa rilevanti għandha timtela bl-isem u l-indirizz tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera li minnu l-kunsinna hija intenzjonata li tħalli l-Komunità Ewropea.

▼M9

KAPITOLU 1

Ċertifikat tas-saħħa

Għal proteini ta' l-annimali pproċessati mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi taħlitiet u prodotti oħra għajr ikel għall-annimali domestiċi li jkun fihom tali proteini, maħsuba biex jintbagħtu lejn il-Komunità Ewropea jew għat-tranżitu minnha (2)

PAJJIŻ **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel. Nru		I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza	I.2.a.
		I.3. Awtorita Centrali kompetenti	
		I.4. Awtorita lokali kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodici Postali Tel. Nru		I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE Isem Indirizz Kodici Postali Tel. Nru	
I.7. Pajjiż ta' origini / Kodici ISO	I.8. Reġjun ta' origini / Kodici	I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni / Kodici ISO	I.10. Reġjun ta' destinazzjoni / Kodici
I.11. Pajjiż ta' origini/Pajjiż ta' ħsad Isem Indirizz Numru approvat		I.12. Post ta' destinazzjoni Customs warehouse ☐ Isem Indirizz Kodici Postali Numru approvat	
I.13. Post ta' tgħabija		I. 14. Data ta' tluq	
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Referenzi Dokumentarji:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici CN)	I.20. Numru/Kwantita
I.21. Temperatura ta' prodotti Ambjent ☐ Mkessaħ ☐ Frizat ☐			I.22. Numru ta' pakketti
1.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' sigill			I.24. Tip ta' ippakkettar
I.25. Prodotti ċċertifikati Ikel ta' l-annimali ☐ Uzu tekniku ☐ Oħrajn ☐			
I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐ Pajjiż terz / Kodici ISO		I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐	

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (Isem xjentifiku)	Natura ta' l-oġġetti	Numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbilimenti impjant tal-manifattura	Piż nett	Numru tal-baċċ

▼M9

PAJJIŻ **Proteini ta' l-annimali pproċessati mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem inklużi taħlitiet u prodotti oħra għajr ikel għall-annimali domestiċi li jkun fihom tali proteini**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b.

II. **Ċertifikat tas-saħħa**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 6 u l-Anness VII Kapitolu II tiegħu u niċċertifika li:

II.1. il-proteini pproċessati jew il-prodotti ta' l-annimali deskritti hawn fuq fihom esklużivament proteini pproċessati ta' l-annimali li m'humiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem li:

(a) ġew ippreparati u nħażnu f'impjant approvat, ivvalidat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti skond l-Artikolu 17 u fejn hu xieraq l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ([2]), u

(b) ġew ippreparati esklużivament bil-prodotti sekondarji ta' l-annimali li ġejjin:

([2]) *jew* [— partijiet minn annimali maqtula, li kienu tajbin għall-konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja, imma li m'humiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali,]

([2]) *u/jew* [— partijiet minn annimali maqtula, li ġew skartati bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem imma li ma jurux sinjali ta' mard trażmissibbli għall-bniedem jew l-annimali u li ġejjin minn karkassi li kienu tajbin għall-konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja,]

([2]) *u/jew* [— ġlud, qwieqeb u qrun, lanżit tal-ħnieżer u rix li joriġinaw minn annimali li nqatlu f'biċċerija, għaddew minn spezzjoni qabel il-qatla, u rriżultaw, minn tali spezzjoni, tajbin għall-qatla skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja,]

([2]) *u/jew* [— demm miksub minn annimali oħra għajr ruminanti li nqatlu f'biċċerija, għaddew minn spezzjoni qabel il-qatla, u rriżultaw minn tali spezzjoni, tajbin għall-qatla skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja,]

([2]) *u/jew* [— prodotti sekondarji ta' l-annimali derivati mill-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem inklużi għadam u qasab tas-saqajn bix-xaħam imneħħi,]

([2]) *u/jew* [— oġġetti ta' l-ikel imsemmija qabel li joriġinaw mill-annimali jew oġġetti ta' l-ikel imsemmija qabel li fihom prodotti li joriġinaw mill-annimali, għajr skart tal-kċina, li m'għadhomx maħsuba għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' difetti fil-manifattura jew l-ippakkeġġjar jew difetti oħra li ma jippreżentaw l-ebda riskju għall-bniedem jew l-annimali,]

([2]) *u/jew* [— ħut jew annimali oħra tal-baħar, għajr mammiferi tal-baħar, maqbuda fil-baħar miftuħ għall-għanijiet ta' produzzjoni ta' materjal mill-ħut (*fish meal*),]

([2]) *u/jew* [— prodotti sekondarji friski minn ħut jew impjanti li jimmanifatturaw prodotti tal-ħut għall-konsum mill-bniedem,]

([2]) *u/jew* [— qxur, prodotti sekondarji tal-mafqas u prodotti sekondarji tal-bajd mifqugħ li joriġinaw minn annimali li ma jurux sinjali kliniċi ta' mard trażmissibbli minn dak il-prodott għall-bniedem jew l-annimali,]

u

(c) ġew soġġetti għall-istandard ta' l-ipproċessar li ġej:

([2]) jew [tisħin b'temperatura ġewwinija ta' aktar minn 133°C għal mill-anqas 20 minuta mingħajr interruzzjoni bi pressjoni (assoluta) ta' għallinqas 3 bars prodotta minn fwar saturat, b'daqs ta' partikola qabel l-ipproċessar ta' mhux aktar minn 50 millimetru;]

([2]) *jew* [jew fil-każ ta' proteini mhux mammiferi għajr materjal mill-ħut (*fish meal*), il-metodu ta' l-ipproċessar …… kif stipulat fl-Anness V, Kapitolu III, tar-Regolament (KE) 1774/2002;]

([2]) *jew* [fil-każ ta' materjal mill-ħut (*fishmeal*) il-metodu ta' l-ipproċessar …… kif stipulat fl-Anness V, Kapitolu III, tar-Regolament (KE) 1774/2002;]

([2]) *jew* [fil-każ ta' demm porċin, il-metodu ta' l-ipproċessar …… kif stipulat fl-Anness V, Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, fejn fil-każ tal-metodu 7 trattament tas-sħana ta' għallinqas 80 °C ikun ġie applikat fis-sustanza kollha tiegħu]

II.2. l-awtorità kompetenti eżaminat kampjun każwali immedjatament qabel il-bgħit u sabitu konformi ma' l-istandards li ġejjin ([3]):

Salmonella: Assenti f'25 g: n = 5, c = 0, m = 0, M = 0

Enterobacteriaceae: n = 5, c = 2, m = 10, M = 300 fi 1 g;

II.3. il-prodott aħħari:

([2]) *jew* [ġie ppakkjat f'borož ġodda jew sterilizzati,]

([2]) *jew* [ġie ttrasportat bil-balk f'kontejners jew mezzi ta' trasport oħra li tnaddfu u ġew iddiżinfettati sew b'diżinfettant approvat mill-awtorità kompetenti qabel l-użu,]

li għandu tikketti li jindikaw 'MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM'

II.4. il-prodott aħħari kien maħżun f'post magħluq;

II.5. il-prodott kien soġġett għall-prekawzjonijiet kollha biex tkun evitata r-rikontaminazzjoni b'aġenti patoġeniċi wara t-trattament.

▼M9

Noti

Parti I:

— Kaxxa bir-referenza I.6: Il-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett fi tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett importat.

— Kaxxa bir-referenza I.12: Il-post tad-destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett fi tranżitu. Fit-tranżitu l-prodotti jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, fi mħażen ħielsa u fi mħażen doganali.

— Kaxxa bir-referenza I.15: In-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (vapur); l-informazzjoni għandha tingħata fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

— Kaxxa bir-referenza I.19: uża l-kodiċi HS approprjat: 05.05; 05.06; 05.07 jew 23.01

— Kaxxa bir-referenza I.26 u I.27: imla skond jekk iċ-ċertifikat huwiex ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Parti II:

(1) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

(2) Ħassar kif ikun xieraq.

(3) Fejn:

n = in-numru ta' kampjuni għall-ittestjar;

m = il-valur *threshold* tan-numru ta' batterji; ir-riżultat jitqies sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji fil-kampjuni kollha ma jeċċedi m;

M = il-valur massimu għan-numru ta' batterji; ir-riżultat jitqies mhux sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji f'kampjun wieħed jew aktar ikun M jew iżjed; u

c = in-numru ta' kampjuni li n-numru ta' batterji fihom jista' jkun bejn m u M, il-kampjun jibqa' jitqies aċċettabbli jekk in-numru ta' batterji fil-kampjuni l-oħra jkun m jew anqas

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: dan iċ-ċertifikat iservi għal skopijiet veterinarji biss u għandu jakkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

— Il-firma u t-timbru għandu jkollhom kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (ittri kapitali): Kwalifiki u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼M17

KAPITOLU 2

Ċertifikat tas-saħħa

Għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, għall-kolostru u l-prodotti tal-kolostru mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem biex jintbagħtu lejn l-Unjoni Ewropea jew biex jgħaddu minnha (*)

PAJJIŻ: **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel.		I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza	I.2.a.
		I.3. Awtorità ċentrali kompetenti	
		I.4. Awtorità lokali kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Tel.		I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE Isem Indirizz Kodiċi Postali Tel.	
I.7. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi
I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun ta' destinazzjoni	Kodiċi
I.11. Pajjiż ta' oriġini Isem Indirizz	Numru ta ' approvazzjoni	I.12. Post ta' destinazzjoni Maħżen tad-dwana ☐ Isem Indirizz Kodiċi Postali	Numru ta ' approvazzjoni
I.13. Post ta' tgħabija		I.14. Data ta' tluq	
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Referenzi Dokumentarji:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17. Numru/i tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)	
		I.20. Kwantità	
I.21. Temperatura ta' prodotti Ambjent ☐ Imkessaħ ☐ Friżat ☐		I.22. Numru ta' pakketti	
I.23. Numru tas-sigill/tal-kontenitur		I.24. Tip ta' ippakkettar	
I.25. Prodotti ċċertifikati Ikel tal-annimali ☐ Aktar ipproċessar ☐ Użu tekniku ☐ Oħrajn ☐			
I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐ 3rd country ISO code		I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐	
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti Speċi Numru ta ' approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura Piż nett Numru tal-baċċ			

(*) Ħassar skont il-każ.

▼**M17**

PAJJIŻ **Il-ħalib, il-prodotti tal-ħalib, il-kolostru u l- prodotti tal-kolostru mhux maħsuba għall- konsum mill-bniedem**

Taqsima II: Ċertifikazzjoni

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta ' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 6 u l-Kapitolu V tal-Anness VII għalih, u niċċertifika li l-ħalib [2], il- prodotti tal-ħalib [2] il-kolostru [2] jew il-prodotti tal-kolostru [2] li hemm referenza għalihom fil-kaxxa I.28 jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

II.1. ġew prodotti u oriġinaw fi ..... *(niżżel l-isem tal-pajjiż esportatur)* [3], ... *(niżżel l-isem tar-reġjun)* [3], li huwa elenkat fl-Anness għad- Deċiżjoni 2004/438/KE, u li kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer (MLD) u mill-pesta tal-ifrat għal 12-il xahar immedjatament qabel l-esportazzjoni u ma pprattikax tilqim kontra l-pesta tal-ifrat matul dak il-perjodu;

II.2. saru minn ħalib mhux maħdum jew mill-kolostru li oriġina minn annimali li fiż-żmien tal-ħlib ma wrewx sinjali kliniċi ta' xi marda li tiġi trażmessa mill-ħalib jew mill-kolostru għall-bniedem jew għall-annimali, u li nżammu għal mill-inqas 30 jum qabel il-produzzjoni f' azjendi li ma kinux soġġetti għal restrizzjonijiet uffiċjali minħabba l-marda tal-ilsien u d-dwiefer (MLD) jew il-pesta tal-ifrat;

II.3. huma ħalib jew prodotti tal-ħalib li:

[2] *jew* [għaddew minn wieħed mit-trattamenti jew kombinazzjonijiet ta' trattamenti deskritti fil-punt II.4]

[2] *jew* [huma magħmulin mix-xorrox biex jagħlfu annimali ta ' speċi suxxettibbli għall-marda tal-ilsien u d- dwiefer, u dan ix-xorrox ittieħed minn ħalib li ġie soġġett għal wieħed mit-trattamenti deskritti fil- punt II.4 u

[2] *jew* [ix-xorrox inġabar mill-inqas 16-il siegħa wara li għaqad u għandu pH taħt is-6;]

[2] [4] *jew* [ix-xorrox ġie prodott mill-inqas 21 jum qabel il-ġarr bil-baħar u f' dan il-perjodu ma nstab ebda każ tal-MLD fil-pajjiż esportatur;]

[2] [4] *jew* [ix-xorrox ġie prodott fi ../../.., din id-data, minħabba li ġie kkunsidrat it-tul imbassar tal- vjaġġ, hija mill-inqas 21 jum qabel ma tkun ippreżentata l-kunsinna f ' Post ta ' Spezzjoni tal- Fruntiera tal-Unjoni Ewropea;]]

II.4. ġew suġġetti għal wieħed mit-trattamenti li ġejjin:

[2] *jew* [Pastorizzazzjoni f' Temperatura Għolja ta' 72 °C u Għal Ħin Qasir ta' mill-inqas 15-il sekonda, jew pastorizzazzjoni ekwivalenti li ġġib reazzjoni negattiva għal test tal-phosphatase fil-ħalib tal-baqar, flimkien ma':

[2] *jew* [pastorizzazzjoni sussegwenti f' Temperatura Għolja ta' 72 °C u Għal Ħin Qasir ta' mill- inqas 15-il sekonda jew pastorizzazzjoni ekwivalenti li hija stess toħloq reazzjoni negattiva għal test tal-phosphatase fil-ħalib tal-baqar;]

[2] *jew* [proċess ta' tnixxif sussegwenti li fil-każ ta' ħalib maħsub għall-għalf isir flimkien ma' tisħin addizzjonali sa 72°C jew ogħla;]

[2] *jew* [proċess sussegwenti li bih il-pH jitnaqqas u jinżamm għal mill-inqas siegħa f' livell taħt is- 6;]

[2] [4] *jew* [il-kundizzjoni li l -ħalib/il-prodott tal-ħalib ġie prodott mill-inqas 21 jum qabel il-ġarr bil- baħar u li f' dan il-perjodu ma nstab ebda każ tal-MLD fil-pajjiż esportatur;]

[2] [4] *jew* [il-ħalib/il-prodott tal-ħalib ġie prodott fi .../../...., din id-data, minħabba li ġie kkunsidrat it- tul imbassar tal-vjaġġ, hija mill-inqas 21 jum qabel ma tkun ippreżentata l-kunsinna f' Post ta' Spezzjoni tal-Fruntiera tal-Unjoni Ewropea;]

[2] *jew* [sterilizzazzjoni f' livell ta' mill-inqas $F_0$3;]]

[2] *jew* [Trattament f' Temperatura Għolja Ħafna ta' 132 °C għal mill-inqas sekonda waħda flimkien ma':

[2] *jew* [proċess ta' tnixxif sussegwenti li fil-każ ta' ħalib maħsub għall-għalf isir flimkien ma' tisħin addizzjonali għal 72 °C jew iktar,]

[2] *jew* [proċess sussegwenti li bih il-pH jitnaqqas u jinżamm għal mill-inqas siegħa f' livell taħt is- 6;]

[2] [4] *jew* [il-kundizzjoni li l-ħalib/il-prodott tal-ħalib ġie prodott mill-inqas 21 jum qabel il-ġarr bil- baħar u li f' dan il-perjodu ma nstab ebda każ tal-MLD fil-pajjiż esportatur;]

[2] [4] *jew* [il-ħalib/il-prodott tal-ħalib ġie prodott fi .../../...., din id-data, minħabba li ġie kkunsidrat it- tul imbassar tal-vjaġġ, hija mill-inqas 21 jum qabel ma tkun ippreżentata l-kunsinna f' Post ta' Spezzjoni tal-Fruntiera tal-Unjoni Ewropea ;]]

II.5. huma kolostru jew prodotti tal-kolostru ta' annimali bovini li ġie/ġew suġġetti għall-pastorizzazzjoni f' Temperatura Għolja ta' 72 °C u Għal Ħin Qasir ta' mill-inqas 15-il sekonda, jew pastorizzazzjoni ekwivalenti li ġġib reazzjoni negattiva għal test tal-phosphatase fil-ħalib tal-baqar, flimkien ma':

[2] [4] *jew* [il-kundizzjoni li l-kolostru/il-prodotti tal-kolostru ġie/ġew prodott/i mill-inqas 21 jum qabel il-ġarr bil-baħar u li f' dan il-perjodu ma nstab ebda każ tal-MLD fil-pajjiż esportatur;]

[2] [4] *jew* [il-kolostru/il-prodotti tal-kolostru ġie/ġew prodott/i fi .../../...., din id-data, minħabba li ġie kkunsidrat it-tul imbassar tal-vjaġġ, hija mill-inqas 21 jum qabel ma tkun ippreżentata l- kunsinna f' Post ta' Spezzjoni tal-Fruntiera tal-Unjoni Ewropea;]

▼M17

PAJJIŻ **Il-ħalib, il-prodotti tal-ħalib, il-kolostru u l- prodotti tal-kolostru mhux maħsuba għall- konsum mill-bniedem**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ- ċertifikat	II.b.

u ttieħdu minn annimali li kienu suġġetti għal spezzjonijiet veterinarji regolari biex ikun żgurat li l- annimali ġejjin minn stabbilimenti fejn l-imrieħel bovini kollha huma:

(2) (4) *jew* [magħrufa li huma uffiċjalment ħielsa mit-tuberkuloż u mill-bruċelloż (5),]

(2) (4) *jew* [mhux ristretti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiż terz ta' oriġini dwar l-eradikazzjoni tat- tuberkuloż u l-bruċelloż,]

u (2) (4) *jew* [magħrufin li huma uffiċjalment ħielsa mil-lewkoż enżootika bovina (5);]

([2]) *jew* [fi proċess kontinwu f'140 °C, 2 bars (2 000 hPa) għal tmien minuti, u]]

(b) huma ppakkeġġjati f'konteniturі ġodda jew f'konteniturі li tnaddfu, u ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni u li għandhom tikketti li jindikaw "MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM JEW MILL-ANNIMALI"

Noti

Parti I:

— Kaxxa bir-referenza I.6: Il-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett fi tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett importat.

— Kaxxa bir-referenza I.12: Il-post tad-destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett fi tranżitu. Dawn il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, imħażen ħielsa u mħażen doganali.

— Kaxxa bir-referenza I.15: In-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (vapur); l-informazzjoni għandha tingħata fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

— Kaxxa bir-referenza I.23: fil-każ ta' konteniturі tal-balk, għandu jiġi inkluż in-numru u n-numru tas-siġill (fejn japplika) tal-kontenitur.

— Kaxxa bir-referenza I.26 u I.27: imla skond jekk iċ-ċertifikat huwiex ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

— Kaxxa bir-referenza I.28: Impjant tal-manifattura: agħti n-numru tar-reġistrazzjoni tat-trattament jew ta' l-istabbiliment ta' l-ipproċessar.

Parti II:

([1]) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

([2]) Ħassar kif ikun xieraq

([3]) Lista ta' materjali tal-Kategorija 2:

(a) kull materjal ta' l-annimali miġbur waqt it-trattament ta' ilma skart minn biċċeriji għajr biċċeriji koperti bl-Artikolu 4(1)(d) minn impjanti ta' l-ipproċessar ta' Kategorija 2, inklużi tgħarbil, materjali minn *desanding*, taħlitiet ta' xaħam u żejt, tajn u materjali mneħħija mid-drejnijiet minn dawn il-postijiet;

(b) prodotti li joriġinaw mill-annimali li jkun fihom residwi ta' mediċini veterinarji u kontaminanti elenkati fi Grupp B(1) u (2) ta' l-Anness I tad-Direttiva 96/23/KE, jekk tali residwi jeċċedu l-livell permess stabbilit bil-leġiżlazzjoni Komunitarja;

(c) prodotti li joriġinaw mill-annimali, għajr materjal tal-Kategorija 1, li jiġu importati minn pajjiżi terzi u, matul l-ispezzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja, jonqsu milli jħarsu r-rekwiżiti veterinarji għall-importazzjoni tagħhom fil-Komunità, jekk ma jiġux irritornati jew l-importazzjoni tagħhom tiġi aċċettata taħt ir-restrizzjonijiet stipulati fil-leġiżlazzjoni Komunitarja;

(d) annimali jew partijiet ta' annimali, għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 4, li ma jmutux b'qatla għall-konsum mill-bniedem, inklużi annimali maqtula biex tiġi eradikata xi marda epiżootika;

(e) taħlitiet ta' materjal tal-Kategorija 2 ma' materjal tal-Kategorija 3, inkluż kull materjal maħsub għall-ipproċessar f'impjant ta' l-ipproċessar tal-Kategorija 2; u

(f) prodotti sekondarji ta' l-annimali għajr materjal tal-Kategorija 1 jew materjal tal-Kategorija 3.

▼**M9**

—	Il-firma u t-timbru għandu jkollhom kulur differenti minn dak ta' l-istampar.
—	Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: dan iċ-ċertifikat iservi għal skopijiet veterinarji biss għandu jakkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (ittri kapitali):	Kwalifiki u titlu:
Data:	Firma:
Timbru:	

▼M9

KAPITOLU 14(B)

Ċertifikat tas-saħħa

Għal derivattivi tax-xaħam mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem għall-użu bħala għalf jew għal skopijiet tekniċi, maħsuba biex jintbagħtu lejn il-Komunità Ewropea jew għat-tranżitu minnha (2)

PAJJIŻ **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Tel. Nru

I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza — I.2.a.

I.3. Awtorita Centrali kompetenti

I.4. Awtorita lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodici Postali
Tel. Nru

I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE
Isem
Indirizz
Kodici Postali
Tel. Nru

I.7. Pajjiz ta' origini — Kodici ISO

I.8. Regjun ta' origini — Kodici

I.9. Pajjiz ta' destinazzjoni — Kodici ISO

I.10.

I.11. Pajjiz ta' origini/Pajjiz ta' hsad
Isem — Numru approvat
Indirizz

I.12. Post ta' destinazzjoni
Customs warehouse ☐
Isem — Numru approvat
Indirizz
Kodici Postali

I.13. Post ta' tghabija

I. 14. Data ta' tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐
Identifikazzjoni:
Referenzi Dokumentarji:

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici CN) **15.16.10**

I.20. Numru/Kwantita

I.21. Temperatura ta' prodotti
Ambjent ☐ Mkessah ☐ Frizat ☐

I.22. Numru ta' pakketti

1.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' sigill

I.24. Tip ta' ippakkettar

I.25. Prodotti ċċertifikati
Ikel ta' l-annimali ☐ Uzu tekniku ☐

I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐
Kodici ISO — Pajjiz terz

I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (Isem xjentifiku)	Natura ta' l-oġġetti	Numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbilimenti impjant tal-manifattura	Numru ta' pakketti	Piż nett	Numru tal-baċċ

▼M9

PAJJIŻ **Derivattivi tax-xaħam għall-użu bħala għalf jew għal skopijiet tekniċi**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b.

II. Ċertifikat tas-saħħa

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 [1] u niċċertifika li d-derivattivi tax-xaħam deskritti hawn fuq:

II.1. jikkonsistu f'derivattivi tax-xaħam li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' hawn taħt;

II.2. jikkonsistu esklużivament f'derivattivi tax-xaħam li fihom f'derivattivi tax-xaħam mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

II.3. ġew ippreparati u nħażnu f'impjant approvat, ivvalidat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti skond l-Artikolu 14 u fejn hu xieraq l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, sabiex jinqatlu l-aġenti patoġeniċi;

II.4. ġew ippreparati minn xaħmijiet imdewba li nħadmu esklużivament minn materjali tal-Kategorija 3 li ġejjin:

[2] *jew* [— partijiet minn annimali maqtula, li huma tajbin għall-konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja, imma li m'humiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali;]

[2] *u/jew* [— partijiet minn annimali maqtula, li jiġu skartati bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem imma li ma jurux sinjali ta' mard trażmissibbli għall-bniedem jew l-annimali u jkunu ġejjin minn karkassi li huma tajbin għall-konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja;]

[2] *u/jew* [— ġlud, qwieqeb u qrun, lanżit tal-ħnieżer u rix li joriġinaw minn annimali li nqatlu f'biċċerija, wara li għaddew minn spezzjoni qabel il-qatla, u rriżultaw minn tali spezzjoni, tajbin għall-qatla għall-konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja,]

[2] *u/jew* [— demm miksub minn annimali oħra għajr ruminanti li jinqatlu f'biċċerija, wara li jkunu għaddew minn spezzjoni qabel il-qatla, u rriżultaw minn tali spezzjoni, tajbin għall-qatla għall-konsum mill-bniedem skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja;]

[2] *u/jew* [— prodotti sekondarji ta' l-annimali derivati mill-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem inklużi għadam u qasab tas-saqajn bix-xaħam imneħħi;]

[2] *u/jew* [— oġġetti li qabel kienu ikel li joriġinaw mill-annimali, jew oġġetti li qabel kienu ikel li fihom prodotti li joriġinaw mill-annimali, għajr skart tal-kċina [3], li m'għadhomx maħsuba għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' difetti fil-manifattura jew ippakkeġġjar jew difetti oħra li ma jippreżentaw l-ebda riskju għall-bniedem jew l-annimali;]

[2] *u/jew* [— ħalib li joriġina minn annimali li ma jurux sinjali kliniċi ta' mard trażmissibbli minn dak il-prodott għall-bniedem jew l-annimali;]

[2] *u/jew* [— ħut jew annimali oħra tal-baħar, għajr mammiferi tal-baħar, maqbuda fil-baħar miftuħ għall-għanijiet ta' produzzjoni ta' materjal mill-ħut (*fishmeal*);]

[2] *u/jew* [— prodotti sekondarji minn ħut minn impjanti li jimmanifatturaw prodotti tal-ħut għall-konsum mill-bniedem;]

[2] *u/jew* [— qxur, prodotti sekondarji tal-mafqas u prodotti sekondarji tal-bajd mifqugħ li joriġinaw minn annimali li ma jurux sinjali kliniċi ta' mard trażmissibbli minn dak il-prodott għall-bniedem jew l-annimali;]

II.5. huma ppakkeġġjati f'kontenituri ġodda jew f'kontenituri li għandhom tikketti li jindikaw "MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM", li tnaddfu, u ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tagħhom.

Noti

Parti I:

— Kaxxa bir-referenza I.6: Il-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett fi tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett importat.

— Kaxxa bir-referenza I.12: Il-post tad-destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett fi tranżitu. Dawn il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, imħażen ħielsa u mħażen doganali.

— Kaxxa bir-referenza I.15: In-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (vapur);-informazzjoni għandha tingħata fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

— Kaxxa bir-referenza I.23: fil-każ ta' kontenituri tal-balk, għandu jiġi inkluż in-numru u n-numru tas-siġill (fejn japplika) tal-kontenitur.

— Kaxxa bir-referenza I.26 u I.27: imla skond jekk iċ-ċertifikat huwiex ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

— Kaxxa bir-referenza I.28: Impjant tal-manifattura: agħti n-numru tar-reġistrazzjoni tat-trattament jew ta' l-istabbiliment ta' l-ipproċessar.

▼**M9**

Parti II:

(1) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

(2) Ħassar kif ikun xieraq

(3) Skart tal-kċina jfisser kull ikel skartat, inkluż żjut użati fit-tisjir, li joriġinaw f'ristoranti, faċilitajiet għat-tħejjija ta' l-ikel u kċejjen, inkluż kċejjen ċentrali u kċejjen tad-djar.

— Il-firma u t-timbru għandu jkollhom kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: dan iċ-ċertifikat iservi għal skopijiet veterinarji biss u għandu jakkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (ittri kapitali): Kwalifiki u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼M9

KAPITOLU 15

Ċertifikat tas-saħħa

Għal prodotti tal-bajd mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem li jistgħu jintużaw bħala materjal ta' l-għalf, maħsuba biex jintbagħtu lejn il-Komunità Ewropea jew għat-tranżitu minnha ([3])

PAJJIŻ — **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel. Nru	I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza — I.2.a. I.3. Awtorita Centrali kompetenti I.4. Awtorita lokali kompetenti
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodici Postali Tel. Nru	I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE Isem Indirizz Kodici Postali Tel. Nru
I.7. Pajjiz ta' origini — Kodici ISO — I.8. Regjun ta' origini — Kodici	I.9. Pajjiz ta' destinazzjoni — Kodici ISO — I.10.
I.11. Pajjiz ta' origini/Pajjiz ta' hsad Isem — Numru approvat Indirizz	I.12. Post ta' destinazzjoni Customs warehouse ☐ Isem — Numru approvat Indirizz Kodici Postali
I.13. Post ta' tghabija	I. 14. Data ta' tluq
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐ Identifikazzjoni: Referenzi Dokumentarji:	I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17.
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott	I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici CN) **35.02** I.20. Numru/Kwantita
I.21. Temperatura ta' prodotti Ambjent ☐ Mkessah ☐ Frizat ☐	I.22. Numru ta' pakketti
1.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' sigill	I.24. Tip ta' ippakkettar
I.25. Prodotti ċċertifikati Ikel ta' l-annimali ☐	
I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐ Pajjiz terz — Kodici ISO	I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (Isem xjentifiku)	Natura ta' l-oġġetti	Numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbilimenti: impjant tal-manifattura	Numru ta' pakketti	Piż nett	Numru tal-baċċ

▼M9

PAJJIŻ **Prodotti tal-bajd mhux maħsuba għall-konsum mill- bniedem li jistgħu jintużaw bħala materjal ta' l-għalf**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b.

II. **Ċertifikat tas-saħħa**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ([1]) u niċċertifika li l-prodotti tal-bajd deskritti hawn fuq:

II.1. jikkonsistu fi prodotti tal-bajd li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' hawn taħt;

II.2. jikkonsistu esklużivament fi prodotti tal-bajd mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

II.3. ġew ippreparati u nħażnu f'impjant approvat, ivvalidat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti skond l-Artikolu 17 u fejn hu xieraq l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jew id-Direttiva tal-Kunsill 89/437/KEE ([2]), sabiex jinqatlu l-aġenti patoġeniċi;

II.4. tħejjew (ġew derivati) b'dan il-prodott sekondarju ta' l-annimali kif ġej li huwa esklużivament:

— bajd li joriġina minn annimali li ma wrewx sinjali kliniċi ta' mard trażmissibbli minn dak il-prodott għall-bniedem jew l-annimali;

II.5. ġew soġġetti għal ipproċessar:

([3]) *jew* [skond il-metodu ta' l-ipproċessar ……. ([4]) kif stipulat fl-Anness V, Kapitolu III tar-Regolament Nru 1774/2002;]

([3]) *jew* [skond metodu u parametri li jiżguraw li l-prodotti jikkonformaw standards mikrobijoloġiċi stabbiliti fil-Kapitolu I, paragrafu 10 ta' l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002;]

([3]) *jew* [kienu ttrattati skond il-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 89/437/KE;]

II.6. kienu eżaminati mill-awtorità kompetenti b'kampjun każwali immedjatament qabel il-bgħit u sabitu konformi ma' l-istandards li ġejjin ([5]):

Salmonella: assenti f'25 g: n = 5, c = 0, m = 0, M = 0,

Enterobacteriaceae: n = 5, c = 2, m = 10, M = 300 fi 1 gramma;

II.7. jissodisfaw l-istandards Komunitarji dwar residwi ta' sustanzi li huma ta' ħsara jew li jistgħu jalteraw il-karattaristiċi organolettiċi tal-prodott jew jirrendu l-użu tiegħu bħala għalf ta' periklu jew ta' ħsara għas-saħħa ta' l-annimali;

II.8. kienu ta' prodott aħħari:

([3]) *jew* [ippakkjat f'boroż ġodda jew sterilizzati,]

([3]) *jew* [ittrasportat bil-balk f'kontejners jew mezzi oħra ta' trasport li tnaddfu u kienu ddiżinfettati sew b'diżinfettant approvat mill-awtorità kompetenti qabel l-użu,]

u li kellhom tikketti li jindikaw "MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM";

II.9. il-prodott aħħari kien maħżun f'post magħluq;

II.10. il-prodott għadda mill-prekawzjonijiet kollha biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni b'aġenti patoġeniċi wara t-trattament.

Noti

Parti I:

— Kaxxa bir-referenza I.6: Il-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett fi tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett importat.

— Kaxxa bir-referenza I.12: Il-post tad-destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett fi tranżitu. Dawn il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, imħażen ħielsa u mħażen doganali.

— Kaxxa bir-referenza I.15: In-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (vapur); l-informazzjoni għandha tingħata fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

— Kaxxa bir-referenza I.23: fil-każ ta' konteniturі tal-balk, għandu jiġi inkluż in-numru u n-numru tas-siġill (fejn japplika) tal-kontenitur.

— Kaxxa bir-referenza I.26 u I.27: imla skond jekk iċ-ċertifikat huwiex ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

▼M9

Parti II:

(1) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

(2) ĠU L 212, 22.07.1989, p. 89.

(3) Ħassar kif ikun xieraq

(4) Daħħal il-metodu 1 sa 5 jew 7 kif applikabbli.

(5) Fejn:

n = in-numru ta' kampjuni għall-ittestjar,

m = il-valur *threshold* tan-numru ta' batterji; ir-riżultat jitqies sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji fil-kampjuni kollha ma jeċċedix m,

M = il-valur massimu għan-numru ta' batterji; ir-riżultat jitqies mhux sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji f'kampjun wieħed jew aktar ikun M jew iżjed; u

c = in-numru ta' kampjuni li n-numru ta' batterji fihom jista' jkun bejn m u M, il-kampjun jibqa' jitqies aċċettabbli jekk in-numru ta' batterji fil-kampjuni l-oħra jkun m jew anqas.

— Il-firma u t-timbru għandu jkollhom kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: dan iċ-ċertifikat iservi għal skopijiet veterinarji biss u għandu jakkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (ittri kapitali): Kwalifiki u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼M9

KAPITOLU 16

Mudell tad-Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni ta' l-importatur ta' għadam u ta' prodotti ta' l-għadam (eskluż materjal mill-għadam), ta' qrun u ta' prodotti tal-qrun (eskluż materjal mill-qrun) u ta' qwieqeb u ta' prodotti tal-qwieqeb (eskluż materjal min-nagħal) maħsuba għall-użi għajr dawk bħala materjal ta' l-għalf, fertilizzanti organiċi jew prodotti li jtejbu l-ħamrija, maħsuba biex jintbagħtu lejn il-Komunitajiet Ewropej

Nota għall-importatur: Din id-dikjarazzjoni sservi għal skopijiet verterinarji biss u għandha takkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post ta' l-ispezzjoni fuq il-fruntiera.

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-prodotti li ġejjin (1):

(a) għadam u prodotti ta' l-għadam (eskluż materjal mill-għadam *(bone meal)*;

(b) qrun u prodotti tal-qrun (eskluż materjal mill-qrun *(horn meal)*;

(c) qwieqeb u prodotti tan-nagħal (eskluż materjal min-nagħal *(hoof meal)*;

huma maħsuba għall-importazzjoni minni fil-Komunità, u niddikjara li dawn il-prodotti m'għandhomx jiġu ddevjati f'xi stadju għal xi użu f'ikel, f'materjal ta' l-għalf, f'fertilizzanti organiċi jew prodotti li jtejbu l-ħamrija u għandhom jitwasslu direttament bil-għan li jiġu pproċessati u ttrattati ulterjorment lil:

Isem: ..... Indirizz: .....

L-importatur:

Isem: ..... Indirizz: .....

Magħmula f' ..... fi .....
(post) *(data)*

Firma

In-numru ta' referenza kif indikat fuq id-dokument veterinarju komuni ta' dħul (CVED) previst fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 136/2004:

.....

It-timbru uffiċjali tal-post ta' l-ispezzjoni fuq il-fruntiera tad-dħul fil-KE (2)

Firma: .....
(Il-firma tal-veterinarju uffiċjali tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera) (2)

Isem: .....
(Isem b'ittri kapitali)

(1) Ħassar kif ikun xieraq
(2) Il-firma u t-timbru għandu jkollhom kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

▼M9

KAPITOLU 17

Iċ-ċertifikat tas-saħħa

Għal demel ipproċessat u prodotti tad-demel ipproċessat maħsuba biex jintbagħtu lejn il-Komunità Ewropea u għat-tranżitu minnha ([2])

PAJJIŻ **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel. Nru		I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza	I.2.a.
		I.3. Awtorita Centrali kompetenti	
		I.4. Awtorita lokali kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodici Postali Tel. Nru		I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE Isem Indirizz Kodici Postali Tel. Nru	
I.7. Pajjiz ta' origini — Kodici ISO	I.8. Regjun ta' origini — Kodici	I.9. Pajjiz ta' destinazzjoni — Kodici ISO	I.10. Regjun ta' destinazzjoni — Kodici
I.11. Pajjiz ta' origini/Pajjiz ta' hsad Isem — Numru approvat Indirizz		I.12. Post ta' destinazzjoni Customs warehouse ☐ Isem — Numru approvat Indirizz Kodici Postali	
I.13. Post ta' tghabija		I. 14. Data ta' tluq	
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐ Identifikazzjoni: Referenzi Dokumentarji:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici CN)	I.20. Numru/Kwantita
I.21. Temperatura ta' prodotti Ambjent ☐ Mkessah ☐ Frizat ☐			I.22. Numru ta' pakketti
1.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' sigill			I.24. Tip ta' ippakkettar
I.25. Prodotti ċċertifikati Ikel ta' l-annimali ☐ Uzu tekniku ☐ Ohrajn ☐			
I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐ Pajjiz terz — Kodici ISO		I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐	

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (Isem xjentifiku)	Natura ta' l-oġġetti	Numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbilimenti impjant tal-manifattura	Piż nett

▼M9

PAJJIŻ **Demel ipproċessat u prodotti tad-demel ipproċessat**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b.

II. **Ċertifikat tas-saħħa**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (1) u b'mod partikolari l-Artikolu 5 ta' l-Anness VIII Kapitolu VI tiegħu u niċċertifika li d-demel ipproċessat jew il-prodotti tad-demel ipproċessat deskritti hawn fuq :

II.1. ġejjin minn impjant tekniku, impjant tal-bijogass jew impjant tal-kompost approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz u li jissodisfa l-kondizzjonijiet speċjali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002;

II.2 (2) ġew soġġetti għal :

[proċess ta' trattament tas-sħana ta' mill-anqas 70 °C għal minimu ta' 60 minuta] jew

[għal trattament ekwivalenti vvalidat u awtorizzat mill-Istat Membru importatur skond il-kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 kif ġej

.....

.....

.....;]

II.3. huma:

(a) ħielsa mis-*Salmonella* (ebda *salmonella* f'25 g ta' prodott ittrattat);

(b) ħielsa mill-*Escherichia coli* jew mill-*enterobacteriacea* (abbażi ta' l-għadd aerobiku: anqas minn 1 000 cfu kull gramma ta' prodott ittrattat); u

(c) ġew soġġetti għat-tnaqqis tal-batterji li jifformaw l-ispori u tal-formazzjoni tossika.

II.4. huma magħluqa b'sikurezza:

(a) f'kontenituri ssiġillati sew u iżolati, jew

(b) f'pakki ssiġillati sewwa (boroż tal-plastik jew 'boroż kbar').

Noti

Parti I:

— Kaxxa bir-referenza I.6: Il-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett fi tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett importat.

— Kaxxa bir-referenza I.12: Il-post tad-destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk iċ-ċertifikat huwa għal oġġett fi tranżitu. Dawn il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, imħażen ħielsa u mħażen doganali.

— Kaxxa bir-referenza I.15: In-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (vapur); l-informazzjoni għandha tingħata fil-każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

— Kaxxa bir-referenza I.23: fil-każ ta' kontenituri tal-balk, għandu jingħata n-numru u n-numru tas-siġill (jekk japplika) tal-kontenitur.

— Kaxxa bir-referenza I.26 u I.27: imla skond jekk iċ-ċertifikat huwiex ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

— Kaxxa bir-referenza I.28: Natura ta' l-oġġett: daħħal jekk huwiex demel ipproċessat jew humiex prodotti tad-demel ipproċessat.

Parti II:

(1) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

(2) Ħassar kif ikun xieraq.

— Il-firma u t-timbru għandu jkollhom kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: dan iċ-ċertifikat iservi għal skopijiet veterinarji biss u għandu jakkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (ittri kapitali): Kwalifiki u titlu:

Data: Firma":

Timbru:

▼M16

KAPITOLU 18

Ċertifikat tas-saħħa

Għal qrejjen u prodotti ta' qrejjen, eskluż biċċiet ta' qrejjen, u dwiefer u prodotti ta' dwiefer, eskluż biċċiet ta' dwiefer, maħsubin għall-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew materjali li jtejbu l-ħamrija maħsubin biex jintbagħtu lejn l-Unjoni Ewropea jew biex jgħaddu minnha(2)

PAJJIŻ **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-Kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Tel.

I.2. Certificate reference number | I.2.a

I.3. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Tel.

I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Tel.

I.7. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi

I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun ta' destinazzjoni	Kodiċi

I.11. Pajjiż ta' oriġini
Isem | Numru ta ' approvazzjoni
Indirizz

I.12. Post ta' destinazzjoni
Maħżen tad-dwana ☐
Isem | Numru ta ' approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.13. Post ta' tgħabija

I.14. Data ta' tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni:
Referenzi Dokumentarji:

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17. Numru/i tas-CITES

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura ta' prodotti
Ambjent ☐ Imkessaħ ☐ Friżat ☐

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Numru tas-sigill/tal-kontenitur

I.24. Tip ta' ippakkettar

I.25. Prodotti ċċertifikati
Ikel tal-annimali ☐ Aktar ipproċessar ☐ Użu tekniku ☐ Oħrajn ☐

I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐
Pajjiż terz | Kodiċi ISO

I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti
Speċi (isem xjentifiku) | Numru ta ' approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura | Piż nett | Numru tal-baċċ

▼M16

PAJJIŻ **qrejjen u prodotti ta' qrejjen u dwiefer u prodotti ta' dwiefer maħsubin għall-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew materjali li jtejbu l-ħamrija**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1. Jiena, l-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 [1], u b'mod partikolari l-Kapitolu XV tal-Anness VIII għalih, u niċċertifika li l-qrejjen u l-prodotti ta' qrejjen, eskluż biċċiet ta' qrejjen u dwiefer u prodotti ta' dwiefer, eskluż biċċiet ta' dwiefer [2] deskritti hawn fuq:

([2]) *jew* [joriġinaw minn annimali li nqatlu f'biċċerija, wara li jkunu għaddew minn spezzjoni ante-mortem, u nstabu, b'riżultat ta' spezzjoni bħal dik, tajbin għall-qatla għall-konsum mill-bniedem]

([2]) *jew* [joriġinaw minn annimali li ma wrewx sinjali kliniċi ta' xi marda li tista' tiġi trasmessa permezz ta' dak il-prodott lill-bnedmin jew lill-annimali]

II.2. il-qrejjen għandhom ikunu għaddew minn trattament bis-sħana għal siegħa f'temparatura ta' mill-inqas 80 °C fil-qalba;

II.3. il-qrejjen għandhom ikunu tneħħew mingħajr il-ftuħ tal-kavità kranjali;

II.4. f'kull stadju tal-ipproċessar, ħażna jew trasport għandha tittieħed kull prekawzjoni biex tkun evitata l-kontaminazzjoni reċiproka;

II.5. kienu ppakkjati:

([2]) *jew* [f'pakketti jew f'reċipjenti ġodda,]

([2]) *jew* [f'vetturi jew f'kontejners li jġorru bil-kwantità, diżinfettati qabel it-tagħbija bl-użu ta' prodott approvat mill-awtorità kompetenti,]

u [il-pakketti jew ir-reċipjenti jkunu mmarkati sabiex ikun indikat it-tip tal-prodott sekondarju tal-annimal [3] u għandu jkollhom tikketti li jindikaw 'MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM JEW MILL-ANNIMALI' u l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tal-UE ta' destinazzjoni].

Noti

Parti I:

— Referenza għall-kaxxa I.6: Persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal prodott bażiku impurtat.

— Referenza għall-kaxxa I.12: Post ta' destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu. Il-prodotti fi tranżitu għandhom jinħażnu biss f'żoni ħielsa, f'imħażen ħielsa u f'imħażen tad-dwana.

— Referenza għall-kaxxa I.15: Numru ta' reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontejners jew trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur); għandha tingħata informazzjoni f'każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

— Referenza għall-kaxxa I.23: għal kontejners li jġorru bil-kwantità, għandhom jingħataw in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk applikabbli).

— Referenza għall-kaxxa I.26 u I.27: imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

— Referenza għall-kaxxa I.28: In-natura tal-prodott bażi.

Part II:

([1]) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

([2]) Ħassar kif meħtieġ.

([3]) Tip ta' prodott: qrejjen, prodotti ta' qrejjen, dwiefer, prodotti ta' dwiefer.

— Il-firma u t-timbru għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak tal-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jinżamm mal-kunsinna sakemm din tasal fil-post ta' spezzjoni tal-fruntiera.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼M16

ANNESS XI

Listi ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw importazzjoni mingħandhom ta' prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem

L-inklużjoni ta' pajjiż terz f'waħda mil-listi li ġejjin hija kundizzjoni neċessarja, iżda mhux biżżejjed, għall-importazzjoni tal-prodotti rilevanti minn dak il-pajjiż terz. L-importazzjoni għandha wkoll tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika. Id-deskrizzjonijiet li ġejjin jirreferu għat-territorji jew partijiet minnhom minn fejn titħalla ssir importazzjoni ta' ċerti prodotti sekondarji tal-annimali, kif jingħad fiċ-ċertifikat jew dikjarazzjoni rilevanti tas-saħħa tal-annimali kif stabbilit fl-Anness X.

▼M17

TAQSIMA I

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw mingħandhom l-importazzjoni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib, ta' kolostru u prodotti tal-kolostru (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 2)

A. Il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib:

Pajjiżi terzi elenkati li huma awtorizzati fi kwalunkwe waħda mill-kolonni tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/438/KE.

B. Il-kolostru u l-prodotti tal-kolostru:

Pajjiżi terzi elenkati li huma awtorizzati fil-kolonna "A" tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/438/KE.

▼M16

PARTI II

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' proteini proċessati tal-annimali (eskluż biċċiet ta' ħut) (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 1)

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ([1])

PARTI III

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' biċċiet ta' ħut u ta' żejt tal-ħuta (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 1 u 9)

Pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE ([2]).

PARTI IV

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' xaħmijiet imdewwba (eskluż iż-żejt tal-ħuta) (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 10(A) u 10(B))

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

PARTI V

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' prodotti tad-demm għal materjal ta' ikel (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 4(B))

A. *Prodotti tad-demm minn mammali bid-dwiefer (ungulati)*

Pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li mingħandhom hija awtorizzata l-importazzjoni tal-kategoriji kollha ta' laħam frisk tal-ispeċi rispettivi.

▼**M16**

B. *Prodotti tad-demm minn speċijiet oħrajn*

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

PARTI VI

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti tad-demm (bl-eċċezzjoni ta' dawk taż-żwiemel) maħsubin għal għanijiet tekniċi, inklużi farmaċewtiċi (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 4(C) u 8)

A. Prodotti tad-demm:

1. Prodotti ta' demm mhux ittrattat ta' ungulati:

Pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010 li mingħandhom hija awtorizzata l-importazzjoni ta' laħam frisk ta' kull speċi ta' ungulati domestiċi u għall-perjodu biss indikat fil-kolonni 7 u 8 ta' dik il-Parti,

— (JP) Il-Ġappun.

2. Prodotti ta' demm mhux ittrattat ta' tjur u speċi oħrajn ta' għasafar:

Pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ([3]),

— (JP) Il-Ġappun.

3. Prodotti ta' demm mhux ittrattat ta' annimali oħrajn:

Pajjiżi terzi elenkati jew fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008, jew fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 ([4]),

— (JP) Il-Ġappun.

4. Prodotti ta' demm ittrattat ta' kull speċi:

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008, jew fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 119/2009,

— (JP) Il-Ġappun.

B. Prodotti sekondarji tal-annimali għal użu farmaċewtiku:

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008, jew fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 119/2009 u l-pajjiżi terzi li ġejjin:

— (JP) Il-Ġappun,

— (PH) Il-Filippini,

— (TW) It-Tajwan.

▼M16

C. Prodotti sekondarji tal-annimali għal għanijiet tekniċi barra minn użijiet farmaċewtiċi: pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010 li mingħandhom hija awtorizzata l-importazzjoni ta' dik il-kategorija ta' laħam frisk tal-ispeċi rispettiva, fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008, jew fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 119/2009.

PARTI VII(A)

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' prodotti sekondarji tal-annimali għall-manifattura ta' ikel għal annimali domestiċi (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 3(F))

A. Prodotti sekondarji tal-annimali minn żwiemel u annimali tal-ispeċi tal-ifrat, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tal-ħnieżer, inklużi annimali ta' rziezet u annimali selvaġġi:

Pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li mingħandhom hija awtorizzata l-importazzjoni ta' laħam frisk ta' dawk l-ispeċi ta' annimali għall-konsum mill-bniedem.

B. Materjal nej ta' tjur, inklużi ratiti u għasafar tal-kaċċa selvaġġi:

Pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jawtorizzaw importazzjoni mingħandhom ta' laħam frisk ta' tjur, li huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

C. Materjal nej ta' ħut:

Pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2006/766/KE.

D. Materjal nej ta' mammali oħra selvaġġi tal-art u Leparopidi.

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010 jew fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 119/2009, li l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' laħam frisk mill-istess speċi.

PARTI VII(B)

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' ikel nej għal annimali domestiċi maħsub biex jintbagħat lejn l-Unjoni Ewropea għal bejgħ dirett, jew prodotti sekondarji tal-annimali biex jingħata bħala ikel lil annimali tel-fer f'irziezet (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 3(D))

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010 jew fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008, li l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' laħam frisk mill-istess speċi u fejn għadam fil-laħam biss huwa awtorizzat.

Fil-każ ta' materjal ta' ħut, pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2006/766/KE.

PARTI VII(C)

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' interjuri li jagħtu togħma għal użu fil-manifattura ta' ikel għal annimali domestiċi, maħsubin biex jintbagħtu lejn l-Unjoni Ewropea (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 3(E))

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010 jew fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008, li l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' laħam frisk mill-istess speċi u fejn għadam fil-laħam biss huwa awtorizzat.

▼M16

Fil-każ ta' interjuri li jagħtu togħma minn materjal ta' ħut, pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2006/766/KE.

PARTI VIII

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' lanżit ta' ħnieżer (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 7(A) u 7(B))

A. Għal lanżit ta' ħnieżer mhux ittrattat, pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li jkunu ħielsa mid-deni Afrikan tal-ħnieżer għat-tnax-il xahar qabel id-data tal-importazzjoni.

B. Għal lanżit ta' ħnieżer ittrattat, pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li jistgħu ma jkunux ħielsa mid-deni Afrikan tal-ħnieżer għat-tnax-il xahar qabel id-data tal-importazzjoni.

PARTI IX

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' demel ipproċessat u prodotti ta' demel ipproċessat għat-trattament tal-ħamrija (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 17)

Għal demel ipproċessat u prodotti ta' demel ipproċessat, pajjiżi terzi elenkati fi:

(a) Il-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010;

(b) Fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE ([5]); jew

(c) Il-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

PARTI X

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' ikel għal annimali domestiċi u ikel ta' mastikazzjoni għall-klieb (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 3(A), 3(B) u 3(C))

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, u l-pajjiżi terzi li ġejjin:

— (JP) Il-Ġappun

— (EC) L-Ekwador ([6])

— (LK) Is-Sri Lanka ([7])

— (TW) It-Tajwan ([8])

PARTI XI

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' ġelatina, proteina idrolizzata, kollaġenu, fosfat tad-dikalċju u fosfat tat-trikalċju (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 11 u 12).

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, u l-pajjiżi terzi li ġejjin:

— (KR) Il-Korea t'Isfel ([9])

— (MY) Il-Malażja ([9])

▼M16

— (PK) Il-Pakistan (9)

— (TW) It-Tajwan (9).

▼M17

TAQSIMA XII

Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti tal-apikultura (ċertifikat tas-saħħa Kapitolu 13)

Pajjiżi terzi elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness II għad-Deċiżjoni (UE) Nru 206/2010, u dan il-pajjiż:

— "(CM) il-Kamerun"

▼M16

PARTI XIII

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' demm u prodotti tad-demm taż-żwiemel (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 4(A))

A. Demm u prodotti tad-demm mhux ittrattati: Pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/211/KE, li mingħandhom titħalla ssir l-importazzjoni ta' żwiemel għat-trobbija u l-produzzjoni.

B. Prodotti ta' demm ittrattat: pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' laħam frisk ta' żwiemel domestiċi.

PARTI XIV

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' ġlud ħoxnin (hides) u ġlud oħrajn (skins) ta' ungulati (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 5(A), 5(B) u 5(C))

A. Għal ġlud ħoxnin u ġlud oħrajn friski u mkessħin ta' ungulati, pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' laħam frisk mill-istess speċi.

B. Għal ġlud ħoxnin u ġlud oħrajn ittrattati ta' ungulati, pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

C. Għal ġlud ħoxnin u ġlud oħrajn ittrattati ta' annimali li jixtarru li huma maħsubin biex jintbagħtu lejn l-Unjoni u li nżammu separati għal perjodu ta' 21 jum jew li jkollhom jingarru għal perjodu ta' 21 jum bla waqfien qabel l-importazzjoni, għal kull pajjiż terz.

PARTI XV

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' trofej tal-kaċċa (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 6(A) u 6(B))

A. Għal trofej tal-kaċċa ttrattati ta' għasafar u ungulati, li jkunu biss għadam, qrejjen, dwiefer (hooves), dwiefer ippuntati (claws), qrejjen imsaġġrin (antlers), snien, ġlud ħoxnin jew ġlud oħrajn, għal kull pajjiż terz.

B. Għal trofej tal-kaċċa ta' għasafar li jikkonsistu minn partijiet sħaħ li ma jkunux ġew ittrattati, pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008, li l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' laħam frisk ta' tjur mingħandhom, u għall-pajjiżi li ġejjin:

— (GL) Greenland

— (TN) It-Tuneżija.

▼M16

C. Għal trofej tal-kaċċa ta' ungulati li jikkonsistu minn partijiet sħaħ li ma jkunux ġew ittrattati, pajjiżi terzi elenkati fil-kolonni rilevanti għal laħam frisk ta' ungulati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, inkluż kull restrizzjoni stabbilita fil-kolonna għal rimarki speċjali għal laħam frisk.

PARTI XVI

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' prodotti tal-bajd mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem li jistgħu jintużaw bħala materjal ta' ikel (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 15)

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, u pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' laħam frisk ta' tjur, li huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

PARTI XVII

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' għadam u prodotti tal-għadam (eskluż biċċiet tal-għadam), qrejjen u prodotti ta' qrejjen (eskluż biċċiet ta' qrejjen) u dwiefer u prodotti ta' dwiefer (eskluż biċċiet ta' dwiefer) maħsubin għal użu li mhuwiex dak ta' materjal ta' għalf, fertilizzanti organiċi jew materjali li jtejbu l-ħamrija (dikjarazzjoni, Kapitolu 16)

Kull pajjiż terz.

PARTI XVIII

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' qrejjen u prodotti ta' qrejjen (eskluż biċċiet ta' qrejjen) u dwiefer u prodotti ta' dwiefer, (eskluż biċċiet ta' dwiefer) maħsubin għall-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew materjali li jtejbu l-ħamrija (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 18)

Kull pajjiż terz.

---

(1) ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1.
(2) ĠU L 320, 18.11.2006, p. 53.
(3) ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1.
(4) ĠU L 39, 10.2.2009, p. 12.
(5) ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1.
(6) Ikel għal annimali domestiċi li joriġna minn ħut biss.
(7) Ikel ta' mastikazzjoni għall-klieb magħmul minn ġlud ħoxnin u ġlud oħrajn ta' ungulati biss.
(8) Ikel ipproċessat għal annimali domestiċi għal ħut ornamentali biss.
(9) Ġelatina biss.